KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 7.5.2007
KUMM(2007) 237 finali

2007/0083 (AVC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, fid-dawl ta' l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar il-konklużjoni ta' Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, fid-dawl ta' l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Skond it-termini ta' l-Artikolu 6(2) ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda ta' l-UE, l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda ta' l-UE fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ċili ser issir permezz ta' Protokoll addizzjonali għal dan il-Ftehim. L-istess Artikolu jipprovdi proċedura sempliċi, li biha l-protokoll ikun konkluż mill-Kunsill, li jaġixxi unanimament f'isem l-Istati Membri, u mill-pajjiż terz ikkonċernat. Din il-proċedura hija mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi proprji tal-Komunità.

Fit-22 ta' Ottubru 2006 l-Kunsill approva mandat lill-Kummissjoni biex tinnegozja dan il-protokoll maċ-Ċili. Dawn in-negozjati, minn dak iż-żmien tlestew b'sodisfazzjon għall-Kummissjoni.

Il-proposti mehmuża huma għal (1) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll Addizzjonali u (2) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll Addizzjonali. It-test tal-protokoll innegozzjat maċ-Ċili huwa mehmuż. Il-Kummissjoni titlob lill-Kunsill biex japprova l-abbozzi mehmuża tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill għall-iffirmar, l-applikazzjoni proviżorja u l-konklużjoni tal-Protokoll Addizzjonali.

Il-Parlament Ewropew ser jissejjaħ biex jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal dan il-Protokoll.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, fid-dawl ta' l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310 tiegħu flimkien ma' l-Artikolu 300(2) l-ewwel subparagrafu, l-ewwel u t-tieni sentenza tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda fl-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Ottubru 2006 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni, biex f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tinnegozja maċ-Ċili Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u ċ-Ċili, min-naħa l-oħra, fid-dawl ta' l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda fl-UE,

(2) Dawn in-negozjati ġew konklużi,

(3) Filwaqt li l-Protokoll Addizzjonali jista' jkun konklużż iktar tard, għandu jkun iffirmat f'isem il-Komuntà u l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tiegħu għandha tkun approvata,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

1. Il-President tal-Kunsill qiegħed b'dan jawtorizza l-ħatra ta' persuna/i li tingħata s-setgħa li tiffirma, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, fid-dawl ta' l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija. It-test tal-Protokoll Addizzjonali huwa mehmuż ma' din id-deċiżjoni.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll Addizzjonali li ġejjin għandhom ikunu applikati b'mod proviżorju sakemm jidħol fis-seħħ: l-Artikoli 2, 3, 4 u 9.

Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

2007/0083 (AVC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

Dwar il-konklużjoni ta' Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, fid-dawl ta' l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310 flimkien ma' l-Artikolu 300(2) l-ewwel subparagrafu, l-ewwel u t-tieni sentenza, u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda fl-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni ,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u ċ-Ċili, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fi […],

(2) Il-Protokoll Addizzjonali għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

1. Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, fid-dawl ta' l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija qiegħed b'dan jiġi approvat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha. It-test tal-Protkoll Addizzjonali huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

2. Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 10 tal-Protokoll Addizzjonali.

Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

It-Tieni Protokoll Addizzjonali

għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, fid-dawl ta' l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

minn hawn 'il quddiem imsejħin "l-Istati Membri",

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunità",

u

IR-REPUBBLIKA TAĊ-ĊILI,

minn hawn il-quddiem imsejħa ċ-"Ċili",

BILLI l-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u ċ-Ċili, min-naħa l-oħra, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", ġie ffirmat fi Brussell fit-18 ta' Novembru 2002 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2005;

BILLI t-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istati Membri l-ġodda") fl-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "it-Trattat ta' Adeżjoni") ġie ffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' April 2005, u sar effettiv fl-1 ta' Jannar 2007;

BILLI l-(ewwel) Protokoll Addizzjonali jikkunsidra l-adeżjoni fl-Unjoni Ewropea tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika ta' l-Islovenja, u r-Repubblika Slovakka;

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

TAQSIMA I

IL-PARTIJIET KONTRAENTI

Artikolu 1

Ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija saru partijiet kontraenti fil-Ftehim mill-1 ta' Jannar 2007.

TAQSIMA II

REGOLI TA' L-ORIĠINI

Artikolu 2

L-Artikoli 17(4) u 18(2) ta' L-Anness III tal-Ftehim qegħdin b'dan jiġu emendati f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness II ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 3

L-Appendiċi IV ta' l-Anness III ta' dan il-Ftehim għandu jieħu post l-Anness II ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 4

(1) Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għandhom ikunu applikati għall-prodotti esportati jew miċ-Ċili lejn xi wieħed mill-Istati Membri l-ġodda jew minn wieħed mill-Istati Membri l-ġodda lejn iċ-Ċili, li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness III tal-Ftehim u li fid-data ta' l-adeżjoni ikunu jew fit-triq jew maħżuna temporanjament f'maħżen tad-dwana jew f'żona libera fiċ-Ċili jew f'dak l-Istat Membru l-ġdid.

(2) Għandu jingħata trattament preferenzjali, suġġett għas-sottomissjoni lejn l-awtoritajiet tad-dwana tal-pajjiż li jimporta, u fi żmien erba' xhur mid-data ta' l-adeżjoni, fil-każ ta' prova ta' l-oriġini maħruġa b'mod retrospettiv mill-awtoritajiet tad-dwana jew awtorità governattiva kompetenti tal-pajjiż li jesporta.

TAQSIMA III

IL-KUMMERĊ FIS-SERVIZZI U L-ISTABBILIMENT

Artikolu 5

Il-Parti A ta' l-Anness VII tal-Ftehim għandha tkun sostitwita bid-dispożizzjonijiet ta' l-Anness III ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 6

Il-Parti A ta' l-Anness VIII tal-Ftehim għandha tkun sostitwita bid-dispożizzjonijiet ta' l-Anness IV ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 7

Il-Parti A ta' l-Anness IX tal-Ftehim għandha tkun sostitwita bl-informazzjoni mogħtija fl-Anness V ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 8

Il-Parti A ta' l-Anness X tal-Ftehim għandha tkun sostitwita bid-dispożizzjonijiet ta' l-Anness VI ta' dan il-Protokoll.

TAQSIMA IV

AKKWISTI PUBBLIĊI TAL-GVERN

Artikolu 9

L-entitajiet ta' l-Istati l-Membri l-ġodda elenkati fl-Anness VII ta' dan il-Protokoll għandhom jiżdiedu mat-taqsimiet relevanti ta' l-Anness XI tal-Ftehim.

Il-lista tal-mezzi ta' pubblikazzjoni ta' l-Istati l-Membri l-ġodda elenkati fl-Anness VII ta' dan il-Protokoll għandhom jiżdiedu ma' l-Appendiċi 2 ta' l-Anness XIII tal-Ftehim.

TAQSIMA V

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 10

1. Dan il-Protokoll għandu jkun konkluż mill-Komunità, mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea f'isem l-Istati Membri u miċ-Ċili, f'konformità mal-proċeduri interni rispettivi tagħhom.

2. Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar ta' wara dak li fih il-Partijiet Kontraenti kollha jkunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri neċessarji għal dan il-għan.

3. Mingħajr ħsara għall-paragrafu 2, il-Komunità u ċ-Ċili jaqblu li japplikaw l-Artikoli 2, 3, 4 u 9 ta' dan il-Protokoll b'effett mill-1 ta' Jannar 2007.

4. In-notifiki għandhom jintbagħtu lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, li għandu jkun id-depożitarju ta' dan il-Protokoll.

5. Fejn dispożizzjoni ta' dan il-Protokoll tkun applikata mill-Partijiet Kontraenti sakemm jidħol fis-seħħ, kull referenza f'tali dispożizzjoni sad-data tad-dħul fis-seħh ta' dan il-Protokoll għandha tinftiehem li tirreferi għad-data minn meta l-Partijiet jaqblu li japplikaw dik id-dispożizzjoni, f'konformità mal-paragrafu 3.

Artikolu 11

Dan il-Protokoll inkiteb f'żewġ kopji bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ungeriża, Ġermaniża, Griega, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollokka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola u Żvediża; kull wieħed minn dawn it-testi huwa ugwalment awtentiku.

Il-Komunità għandha tgħaddi liċ-Ċili, fi żmien tliet xhur mill-iffirmar ta' dan il-Protokoll, il-verżjonijiet ta' dan il-Protokoll bil-lingwa Bulgara u dik Rumena. Skond meta jidħol fis-seħħ dan il-Protokoll, il-verżjonijiet fil-lingwi l-ġodda għandhom isiru awtentiċi taħt l-istess kundizzjonijiet li fihom inkitbu dawk bil-lingwi preżenti ta' dan il-Protokoll.

Artikolu 12

Dan il-Protokoll għandu jkun parti integrali mill-Ftehim. L-Annessi ta' dan il-Protokoll għandhom ikunu parti integrali minnu.

ANNESS I

Verżjonijiet bil-lingwi l-ġodda tar-rimarki amministrattivi fl-Anness III tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni

1. L-Artikolu 17(4) għandu jiġi emendat biex jaqra:

(…)

Iċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 maħruġa b'mod retrospettiv għandhom ikunu attestati b'waħda minn dawn il-frażijiet:

BG "ИЗДАДЕН ВПОСЛЕДСТВИЕ"

ES "EXPEDIDO A POSTERIORI"

CS "VYSTAVENO DODATEČNE"

DA "UDSTEDT EFTERFØLGENDE"

DE "NACHTRÄGLICH AUSGESTELLT"

ET "TAGANTJÄRELE VÄLJA ANTUD"

EL "ΕΚΔΟΘΕΝ ΕΚ ΤΩΝ ΥΣΤΕΡΩΝ"

EN "ISSUED RETROSPECTIVELY"

FR "DÉLIVRÉ A POSTERIORI"

IT "RILASCIATO A POSTERIORI"

LV "IZSNIEGTS RETROSPEKTĪVI"

LT "RETROSPEKTYVUSIS IŠDAVIMAS"

HU "KIADVA VISSZAMENŐLEGES HATÁLLYAL"

MT "MAĦRUĠ RETROSPETTIVAMENT"

NL "AFGEGEVEN A POSTERIORI"

PL "WYSTAWIONE RETROSPEKTYWNIE"

PT "EMITIDO A POSTERIORI"

RO "EMIS A POSTERIORI"

SK "VYDANÉ DODATOČNE"

SL "IZDANO NAKNADNO"

FI "ANNETTU JÄLKIKÄTEEN"

SV "UTFÄRDAT I EFTERHAND"

2. L-Artikolu 18(2) għandu jiġi emendat biex jaqra:

(…)

It-tieni kopja maħruġa b'dan il-mod għandha tkun attestata b'waħda minn dawn il-kliem li ġejjin:

BG "ДУБЛИКАТ"

ES "DUPLICADO"

CS "DUPLIKÁT"

DA "DUPLIKAT"

DE "DUPLIKAT"

ET "DUPLIKAAT"

EL "ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ"

EN "DUPLICATE"

FR "DUPLICATA"

IT "DUPLICATO"

LV "DUBLIKĀTS"

LT "DUBLIKATAS"

HU "MÁSODLAT"

MT "DUPLIKAT"

NL "DUPLICAAT"

PL "DUPLIKAT"

PT "SEGUNDA VIA"

RO "DUPLICAT"

SK "DUPLIKÁT"

SL "DVOJNIK"

FI "KAKSOISKAPPALE"

SV "DUPLIKAT"

ANNESS II

Appendiċi IV

Dikjarazzjoni tal-Fattura

Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-ħruġ ta' dikjarazzjoni tal-fattura

Id-dikjarazzjoni tal-fattura, li t-test tagħha jidher hawn taħt, għandha tinħareġ permezz ta' waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi stabbiliti u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-pajjiż li jesporta. Jekk id-dikjarazzjoni tkun miktuba bl-idejn, din għandha tkun miktuba bil-linka f'karattri qishom tipi stampati. Id-dikjarazzjoni tal-fattura trid tinkiteb f'konformità mannoti ta' qiegħ il-paġna rispettivi. In-noti ta' qiegħ il-paġna m'għandhomx għalfejn ikunu riprodotti.

Verżjoni Bulgara

Износителят на продуктите, обхванати от този документ (разрешение № … от митница или от друг компетентен държавен орган [1]) декларира, че освен където ясно е отбелязано друго, тези продукти са с … [2] преференциален произход.

Verżjoni Spanjola

El exportador de los productos incluidos en el presente documento (autorización aduanera o de la autoridad gubernamental competente n° ... [1]) declara que, salvo indicación en sentido contrario, estos productos gozan de un origen preferencial ... [2].

Verżjoni Ċeka

Vývozce výrobků uvedených v tomto dokumentu (číslo povolení **celního nebo** příslušného vládního orgánu ... [1]) prohlašuje, že kromě zřetelně označených, mají tyto výrobky preferenční původ v ... [2].

Verżjoni Daniża

Eksportøren af varer, der er omfattet af nærværende dokument, (toldmyndighedernes eller den kompetente offentlige myndigheds tilladelse nr. ... [1]) erklærer, at varerne, medmindre andet tydeligt er angivet, har præferenceoprindelse i ... [2].

---

(1) Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura toħroġ minn esportatur approvat fid-dawl tat-tifsira ta' l-Artikolu 21 ta' dan l-Anness, f'dan l-ispazju għandu jiddaħħal in-numru ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-esportatur approvat. Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura ma toħroġx minn esportatur approvat, ħalli l-kliem fil-parentesi barra jew ħalli l-ispazju vojt.

(2) Għandha tkun indikata l-oriġini tal-prodotti. Meta d-dikjrazzjoni tal-fattura jkollha x'taqsam b'mod sħiħ jew in parti ma' prodotti li joriġinaw minn Ceuta u Melilla fid-dawl tat-tifsira ta' l-Artikolu 37 ta' dan l-Anness, l-esportatur għandu jindikahom b'mod ċar fid-dokument fejn hemm id-dikjarazzjoni permezz tas-simbolu "CM".

Verżjoni Ġermaniża

Der Ausführer (Ermächtigter Ausführer;Bewillingung der Zollbehörde oder der zuständigen Regierungsbehörde Nr. … [1]) der Waren, auf die sich dieses Handelspapier bezieht, erklärt, dass diese Waren, soweit nichts anderes angegeben, präferenzbegünstigte Ursprungswaren ... [2] sind.

Verżjoni Estonjana

Käesoleva dokumendiga hõlmatud toodete eksportija (tolliameti või pädeva valitsusasutuse luba nr. ... [1]) deklareerib, et need tooted on ... [2] sooduspäritoluga, välja arvatud juhul kui on selgelt näidatud teisiti.

Verżjoni Griega

Ο εξαγωγέας των προϊόντων που καλύπτονται από το παρόν έγγραφο (άδεια τελωνείου ή της καθύλην αρμόδιας αρχής, υπ΄αριθ. ... [1]) δηλώνει ότι, εκτός εάν δηλώνεται σαφώς άλλως, τα προϊόντα αυτά είναι προτιμησιακής καταγωγής ... [2].

Verżjoni Ingliża

The exporter of the products covered by this document (customs or competent governmental authorisation No ... [1]) declares that, except where otherwise clearly indicated, these products are of ... preferential origin [2].

Verżjoni Franċiża

L'exportateur des produits couverts par le présent document (autorisation douanière ou de l'autorité gouvernementale compétente n° … [1]) déclare que, sauf indication claire du contraire, ces produits ont l'origine préférentielle ... [2].

Verżjoni Taljana

L'esportatore delle merci contemplate nel presente documento (autorizzazione doganale o dell'autorità governativa competente n. … [1]) dichiara che, salvo indicazione contraria, le merci sono di origine preferenziale ... [2].

Verżjoni Latvjana

Eksportētājs produktiem, kuri ietverti šajā dokumentā (muitas vai kompetentu valsts iestāžu pilnvara Nr. … [1]), deklarē, ka, iznemot tur, kur ir citādi skaidri noteikts, šiem produktiem ir priekšrocību izcelsme no … [2].

---

(1) Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura toħroġ minn esportatur approvat fid-dawl tat-tifsira ta' l-Artikolu 21 ta' dan l-Anness, f'dan l-ispazju għandu jiddaħħal in-numru ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-esportatur approvat. Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura ma toħroġx minn esportatur approvat, ħalli l-kliem fil-parentesi barra jew ħalli l-ispazju vojt.

(2) Għandha tkun indikata l-oriġini tal-prodotti. Meta d-dikjrazzjoni tal-fattura jkollha x'taqsam b'mod sħiħ jew in parti ma' prodotti li joriġinaw minn Ceuta u Melilla fid-dawl tat-tifsira ta' l-Artikolu 37 ta' dan l-Anness, l-esportatur għandu jindikahom b'mod ċar fid-dokument fejn hemm id-dikjarazzjoni permezz tas-simbolu "CM".

Verżjoni Litwana

Šiame dokumente išvardintų prekių eksportuotojas (muitinės arba kompetentingos vyriausybinės institucijos liudijimo Nr. … [1]) deklaruoja, kad, jeigu kitaip nenurodyta, tai yra … [2] preferencinės kilmės prekės.

Verżjoni Ungeriża

A jelen okmányban szereplő áruk exportőre (vámfelhatalmazási szám: … [1] vagy az illetékes kormányzati szerv által kiadott engedély száma: …) kijelentem, hogy eltérő jelzs hiányában az áruk kedvezményes … származásúak [2].

Verżjoni Maltija

L-esportatur tal-prodotti koperti b'dan id-dokument (awtorizzazzjoni kompetenti tal-gvern jew tad-dwana nru. … [1]) jiddikjara li, ħlief fejn indikat b'mod ċar mod ieħor, dawn il-prodotti huma ta' oriġini preferenzjali … [2].

Verżjoni Olandiża

De exporteur van de goederen waarop dit document van toepassing is (douanevergunning of vergunning van de competente overheidsinstantie nr. … [1]) verklaart dat, behoudens uitdrukkelijke andersluidende vermelding, deze goederen van preferentiële ... oorsprong zijn [2].

Verżjoni Pollakka

Eksporter produktów objętych tym dokumentem (upoważnienie władz celnych lub upoważnienie właściwych władz nr … [1]) deklaruje, że z wyjątkiem gdzie jest to wyraźnie określone, produkty te mają … [2] preferencyjne pochodzenie.

Verżjoni Portugiża

O abaixo assinado, exportador dos produtos cobertos pelo presente documento (autorização aduaneira ou da autoridade governamental competente n° … [1]) declara que, salvo expressamente indicado em contrário, estes produtos são de origem preferencial ... [2].

Verżjoni Rumena

Exportatorul produselor ce fac obiectul acestui document (autorizația vamală sau a autorității guvernamentale competente nr. ... [1]) declară că, exceptând cazul în care în mod expres este indicat altfel, aceste produse sunt de origine preferențială ... [2].

---

(1) Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura toħroġ minn esportatur approvat fid-dawl tat-tifsira ta' l-Artikolu 21 ta' dan l-Anness, f'dan l-ispazju għandu jiddaħħal in-numru ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-esportatur approvat. Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura ma toħroġx minn esportatur approvat, ħalli l-kliem fil-parentesi barra jew ħalli l-ispazju vojt.

(2) Għandha tkun indikata l-oriġini tal-prodotti. Meta d-dikjrazzjoni tal-fattura jkollha x'taqsam b'mod sħiħ jew in parti ma' prodotti li joriġinaw minn Ceuta u Melilla fid-dawl tat-tifsira ta' l-Artikolu 37 ta' dan l-Anness, l-esportatur għandu jindikahom b'mod ċar fid-dokument fejn hemm id-dikjarazzjoni permezz tas-simbolu "CM".

Verżjoni Slovakka

Vývozca výrobkov uvedených v tomto dokumente (číslo povolenia colnej správy alebo príslušného vládneho povolenia … [1]) vyhlasuje, že okrem zreteľne označených, majú tieto výrobky preferenčný pôvod v … [2].

Verżjoni Slovena

Izvoznik blaga, zajetega s tem dokumentom, (pooblastilo carinskih ali pristojnih državnih organov št. … [1])izjavlja, da, razen če ni drugače jasno navedeno, ima to blago preferencialno ... [2] poreklo .

Verżjoni Finlandiża

Tässä asiakirjassa mainittujen tuotteiden viejä (tullin tai toimivaltaisen julkisen viranomaisen lupa nro ... [1]) ilmoittaa, että nämä tuotteet ovat, ellei toisin ole selvästi merkitty, etuuskohteluun oikeutettuja ... alkuperätuotteita [2].

Verżjoni Żvediża

Exportören av de varor som omfattas av detta dokument (tullmyndighetens tillstånd eller behörig statlig myndighet nr. __ [1].) försäkrar att dessa varor, om inte annat tydligt markerats, har förmånsberättigande ___ ursprung [2]

…….…….....[3]

(Post u data)

…….....[4]

(Firma ta' l-esportatur; barra minn hekk, l-isem tal-persuna li tiffirma d-dikjarazzjoni jrid jiġi indikat b'kitba ċara)

---

(1) Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura toħroġ minn esportatur approvat fid-dawl tat-tifsira ta' l-Artikolu 21 ta' dan l-Anness, f'dan l-ispazju għandu jiddaħħal in-numru ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-esportatur approvat. Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura ma toħroġx minn esportatur approvat, ħalli l-kliem fil-parentesi barra jew ħalli l-ispazju vojt.

(2) Għandha tkun indikata l-oriġini tal-prodotti. Meta d-dikjrazzjoni tal-fattura jkollha x'taqsam b'mod sħiħ jew in parti ma' prodotti li joriġinaw minn Ceuta u Melilla fid-dawl tat-tifsira ta' l-Artikolu 37 ta' dan l-Anness, l-esportatur għandu jindikahom b'mod ċar fid-dokument fejn hemm id-dikjarazzjoni permezz tas-simbolu "CM".

(3) Dawn l-indikazzjonijiet jistgħu jitħallew barra jekk l-informazzjoni tinsab fid-dokument innifsu.

(4) Ara l-Artikolu 20(5) ta' dan l-Anness. F'każijiet fejn l-esportatur m'huwiex mitlub jiffirma, l-eżenzjoni mill-firma timplika wkoll l-eżenzjoni ta' l-isem tal-firmatarju.

ANNESS III

(L-ANNESS VII tal-Ftehim li għalih hemm referenza fl-Artikolu 99 tal-Ftehim)

SKEDA TA' L-OBBLIGI SPEĊIFIĊI DWAR IS-SERVIZZI

PARTI A

SKEDA TAL-KOMUNITÀ

NOTA TA' INTRODUZZJONI

1. L-obbligi speċifiċi msemmijin f'din l-iskeda japplikaw biss f'dawk it-territorji fejn huma applikati t-Trattati li jistabbilixxu l-Komunità u taħt il-kundizzjonijiet imsemmijin f'dawn it-Trattati. Dawn l-obbligi japplikaw biss fejn jidħlu r-relazzjonijiet bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, u l-pajjiżi li m'humiex membri tal-Komunità, min-naħa l-oħra. Dawn ma jaffettwawx id-drittijiet u l-obbligi ta' l-Istati Membri taħt il-liġi tal-Komunità.

2. It-taqsiriet li ġejjin jintużaw biex jindikaw l-Istati Membri

AT	L-Awstrija
BE	Il-Belġju
BG	Il-Bulgarija
CY	Ċipru
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DE	Il-Ġermanja
DK	Id-Danimarka
ES	Spanja
EE	L-Estonja
FR	Franza
FI	Il-Finlandja
EE	Il-Greċja
HU	L-Ungerija
IT	L-Italja
IE	L-Irlanda
LU	Il-Lussemburgu
LT	Il-Litwanja
LV	Il-Latvja
MT	Malta
NL	L-Olanda
PT	Il-Portugall
PL	Il-Polonja
RO	Ir-Rumanija
SE	L-Iżvezja
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja
UK	Ir-Renju Unit

3 Mehmuż ma’ din l-iskeda hawn glossarju ta’ termini użati mill-Istati Membri individwali.

“Sussidjarju” ta’ persuna legali jfisser persuna legali li effettivament hija kkontrollata minn persuna legali oħra.

“Fergħa” ta’ persuna legali tfisser post tal-kummerċ li m'għandux personalità legali li jagħti x’jifhem li hemm dehra ta’ permanenza, bħall-estensjoni ta’ organu prinċipali, u li għandu maniġment u li huwa mgħammar materjalment sabiex jinnegozja l-kummerċ ma’ terzi persuni, biex dawn ta’ l-aħħar - minkejja li jafu li jekk ikun hemm in-neċessità hemm rabta legali ma’ l-organu prinċipali, li l-uffiċċju prinċipali tiegħu jinsab barra - m’għandhomx għalfejn jindirizzaw direttament lil tali organu prinċipali iżda jistgħu jmexxu l-kummerċ minn dak il-post tal-kummerċ li jikkostitwixxi l-estensjoni.

I. OBBLIGI ORIZZONTALI			
IS-SETTURI KOLLHA INKLUŻI F'DIN L-ISKEDA			
	3) 3) Fl-Istati Membri[1] kollha dawk is-servizzi kkunsidrati bħala utilitajiet pubbliċi f'livell nazzjonali jew lokali jistgħu jkunu suġġett għal monopolji pubbliċi jew għal drittijiet esklussivi mogħtijin lil operaturi privati[2].	3) a) It-trattament mogħti lis-sussidjarji (ta' kumpanniji Ċileni) li ġew iffurmati skond il-liġi ta' Stat Membru u li għandhom l-uffiċċju reġistrat, amministrazzjoni ċentrali jew post prinċipali ta' kummerċ tagħhom fil-Komunità ma jiġix estiż għal fergħat jew aġenziji stabbiliti fi Stat Membru minn kumpannija Ċilena. Madanakollu, dan m'għandux iżomm Stat Membru milli jestendi dan it-trattament għal fergħat jew aġenziji stabbiliti fi Stat Membru ieħor minn kumpannija jew ditta Ċileni rigward l-operat tagħhom fit-territorju ta' l-ewwel Stat Membru, sakemm tali estensjoni ma tkunx ipprojbita b'mod espliċitu mil-liġi Komunitarja. b) Trattament inqas favorevoli jista' jingħata lis-sussidjarji (ta' kumpanniji Ċileni) iffurmati skond il-liġi ta' Stat Membru li għandhom biss l-uffiċċju reġistrat jew amministrazzjoni ċentrali tagħhom fit-territorju tal-Komunità, għajr fejn ikun jista' jintwera li għandhom rabta effettiva u kontinwa ma' l-ekonomija ta' wieħed mill-Istati Membri. **<u>Il-Ħolqien ta' Entità Legali</u>** 3) RO: L-uniku amministratur jew iċ-*Chairman*	

[1] Fil-każ ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Iżvezja, ma saret l-ebda riżerva orizzontali għal servizzi meqjusa bħala utilitajiet pubbliċi.

[2] Nota ta' spjegazzjoni: Is-servizzi ta' utilità pubblika jeżistu f'setturi bħalma huma servizzi ta' konsulenza xjentifika u teknika relatati, servizzi ta' riċerka u żvilupp fix-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi, servizzi ta' ttestjar u analiżi teknika, servizzi ambjentali, servizzi tas-saħħa, servizzi tat-trasport u servizzi awżiljari għal kull mod ta' trasport. Id-drittijiet esklussivi fuq servizzi bħal dawn spiss jingħataw lil operaturi privati, per eżempju operaturi b'konċessjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi, soġġetti għal obbligi ta' servizz speċifiċi. Minħabba li s-servizzi ta' utilità pubblika spiss jeżistu wkoll fuq livell sub-ċentrali, skedar speċifiku għas-settur li jkun dettaljat u komprensiv mhuwiex prattiku.

	tal-Bord ta' l-Amministrazzjoni kif ukoll nofs in-numru totali ta' amministraturi tal-kumpanniji kummerċjali għandhom ikunu ċittadini Rumeni sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fil-kuntratt tal-kumpannija jew fl-istatuti tagħha. Il-maġġoranza ta' l-awdituri tal-kumpanniji kummerċjali u d-deputati tagħhom għandhom ikunu ċittadini Rumeni. SE: Kumpannija b'responsabbiltà limitata (kumpannija bl-azzjonisti) tista' tiġi stabbilita minn wieħed jew minn ħafna fundaturi. Parti fundatriċi trid jew tkun residenti fiż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea) jew trid tkun entità legali fi ħdan l-istess ŻEE. Soċjetà kummerċjali tista' titqies parti fondatriċi biss jekk kull sieħeb ikun residenti fi ħdan iż-ŻEE[3]. Kundizzjonijiet simili jridu jitwettqu sabiex jiġu stabbiliti tipi oħrajn ta' entitajiet legali.
Il-Liġi dwar Fergħat ta' Kumpanniji Barranin	**Il-Liġi dwar Fergħat ta' Kumpanniji Barranin**
3) SE: Kumpannija barranija (li m'għandhiex entità legali stabbilita fl- Iżvezja) għandha topera fin-negozju tagħha permezz ta' fergħa, stabbilita fl-Iżvezja b'maniġment indipendenti u kotba miżmumin separati. SE: Proġetti ta' bini li jdumu inqas minn sena huma eżenti mill-kundizzjonijiet li jeħtieġu fergħa jew il-ħatra ta' rappreżentant residenti. PL: M'hemm l-ebda rbit rigward fergħat.	3) SE: Id-direttur maniġerjali u ta' l-anqas 50 fil-mija tal-membri tal-bord iridu jkunu residenti fiż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea). SE: Id-direttur maniġerjali ta' fergħa jrid ikun residenti fi ħdan iż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewrpea)[4]. SE: Ċittadini barranin jew Żvediżi li m'humiex residenti fl-Iżvezja, li jixtiequ jwettqu operazzjonijiet kummerċjali jridu jaħtru u jirreġistraw rappreżentant responsabbli għal tali

[3] Jistgħu jingħataw eċċezzjonijiet għal dawn il-ħtiġijet, jekk jiġi ppruvat li r-residenza mhix meħtieġa.
[4] Jistgħu jingħataw eċċezzjonijiet għal dawn il-ħtiġiet, jekk jiġi ppruvat li r-residenza mhix meħtieġa.

Entitajiet Legali:

3) BG: It-twaqqif ta' fornituri ta' servizz barranin, inklużi impriżi konġunti, jista' jieħu biss il-forma ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata jew kumpannija bl-ishma b'mill-anqas żewġ azzjonisti. It-twaqqif ta' fergħa huwa soġġett għal awtorizzazzjoni. M'hemm l-ebda rbit rigward uffiċċji rappreżentattivi. L-uffiċċji rappreżentattivi ma jistgħux joperaw attivitajiet ekonomiċi. F'imprizi fejn is-sehem pubbliku (ta' l-istat jew muniċipali) fil-kapital f'ishma jaqbeż it-30%, it-trasferiment ta' dawn l-ishma lil terzi jirrikjedi awtorizzazzjoni.

   FI: L-akkwist ta' ishma minn proprjetarji barranin li jagħti aktar minn terz tad-drittijiet tal-vot ta' kumpannija ewlenija jew attività kummerċjali importanti Finlandiża, (b'iżjed minn 1000 impjegat jew b'fatturat ta' aktar minn 1000 miljun markka Finlandiża jew b'total tal-karta tal-bilanċ ta' iżjed minn 167 miljun Euro) huwa suġġetta għall-konferma mill-awtoritajiet Finlandiżi; il-konferma tista' tinċaħad biss jekk ikun fil-periklu xi element ta' interess nazzjonali.

   FI: Ta' l-inqas nofs il-fundaturi ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata jridu jkunu residenti jew fil-Finlandja jew f'wieħed mill-pajjiżi taż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewrpea). Madanakollu jistgħu jingħataw ċerti eżenzjonijiet lill-kumpanniji.

   HU: Il-preżenza kummerċjali trid tieħu s-sura ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata, kumpannija bl-attivitajiet ma' l-awtorità lokali.

   SI: It-twaqqif ta' fergħat minn kumpanniji barranin huwa kkondizzjonat mir-reġistrazzjoni tal-kumpannija prinċipali f'reġistru tal-qrati tal-pajjiż ta' l-oriġini għal ta' l-anqas sena.

   FI: Barrani li jgħix barra ż-Żona Ekonomika Ewrpea u li jopera negozju bħala intraprenditur privat jew bħala sieħeb f'kumpannija b'responsabbiltà limitata jew soċjetà ġenerali Finlandiża, għandu bżonn permess tan-negozju. Jekk organizzazzjoni jew fondazzjoni barranija li hija bbażata barra ż-Żona Ekonomika Ewropea jixtiequ joperaw negozju jew kummerċ billu jistabbilixxu fergħa fil-Finlandja, jinħtieġu permess tan-negozju.

   FI: Fejn ta' l-anqas nofs il-membri tal-Bord jew id-Direttur Maniġerjali huma residenti barra ż-Żona Ekonomika Ewropea, ikun meħtieġ permess. Madanakollu jistgħu jingħataw ċerti eżenzjonijiet lill-kumpanniji.

   SK: Persuna fiżika barranija li isimha ser ikun reġistrat fir-Reġistru Kummerċjali bħala persuna awtorizzata li taġixxi f'isem l-intraprenditur trid tissottometti l-permess ta' residenza tar-Repubblika Slovakka.

azzjonisti, fergħa jew uffiċċju rappreżentattiv.

PL: In-negozju minn fornituri tas-servizzi barranin jista' jieħu biss is-sura ta' soċjetà limitata, kumpannija b'responsabbiltà limitata jew kumpannija bl-azzjonisti.

Xiri ta' Beni Immobbli:

DK: Limitazzjonijiet fuq xiri ta' proprjetà immobbli minn entitajiet fiżiċi u ġuridiċi mhux residenti. Limitazzjonijiet fuq ix-xiri ta' art agrikola minn entitajiet naturali u legali barranin.

EL: Skond il-Liġi Nru 1892/89 biex ċittadin jakkwista art f'żoni qrib il-fruntieri, jinħtieġ permess mill-Ministru tad-Difiża. Skond prassi amministrattiva, fejn hemm investiment dirett il-permess jingħata bla diffikultà.

CY: M'hemm l-ebda rbit.

HU: M'hemm l-ebda rbit rigward l-akkwist ta' proprjetà ta' l-Istat.

LT: M'hemm l-ebda rbit rigward l-akkwist ta' art minn persuni ġuridiċi u naturali.

MT: M'hemm l-ebda rbit rigward l-akkwist ta' proprjetà immobbli.

LV: M'hemm l-ebda rbit rigward l-akkwist ta' art minn persuni ġuridiċi u naturali. Permess il-kiri ta' art għal perjodi ta' mhux aktar minn 99 sena.

PL: M'hemm l-ebda rbit rigward l-akkwist ta' proprjetà ta'

Xiri ta' Beni Immobbli:

AT: L-akkwist, ix-xiri kif ukoll l-kiri u l-kiri fit-tul ta' proprjetà immobbli minn persuni naturali u ġuridiċi barranin jeħtieġu l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti reġjonali (Länder) li jridu jaraw jekk ikunux affettwati interessi ekonomiċi, soċjali u kulturali importanti.

BG: Persuni naturali u ġuridiċi barranin (inkluż permezz ta' fergħa) ma jistgħux jakkwistaw il-proprjetà ta' art. Persuni ġuridiċi Bulgari b'parteċipazzjoni barranija ma jistgħux jakkwistaw il-proprjetà ta' art agrikola.

Persuni ġuridiċi u ċittadini barranin li għandhom ir-residenza permanenti tagħhom barra l-pajjiż jistgħu jakkwistaw il-proprjetà ta' bini u drittijiet ta' proprjetà limitati fuq l-art, suġġett għal permess mill-Ministeru tal-Finanzi. Ir-rekwiżit ta' permess ma japplikax għal persuni li investew fil-Bulgarija.

Ċittadini barranin li r-residenza permanenti tagħhom hija barra l-pajjiż, persuni ġuridiċi barranin u kumpanniji fejn il-parteċipazzjoni barranija tiżgura maġġoranza fl-adozzjoni jew iċ-

* SI: Skond il-Liġi dwar il-Kumpaniji Kummerċjali, fergħa stabbilita fir-Repubblika tas-Slovenja mhix meqjusa bħala persuna ġuridika, iżda rigward l-operat tagħhom, it-trattament tagħhom huwa daqs dak ta' sussidjarja.

l-Istat, jiġifieri r-regolamenti li jirregolaw il-proċess ta' privatizzazzjoni (għall-mod 3).

RO: Persuni fiżiċi li ma jkunux ċittadini Rumeni u residenti r-Rumanija, kif ukoll persuni ġuridiċi mhux ta' nazzjonalità Rumena u li ma jkollhomx l-uffiċċju prinċipali tagħhom fir-Rumanija, ma jistgħu jakkwistaw l-ebda tip ta' proprjetà immobbli permezz ta' atti *inter vivos* (għall-modi 3 u 4).

SI: Persuni ġuridiċi, stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja b'parteċipazzjoni ta' kapital barrani, jistgħu jakkwistaw proprjetà immobbli fit-territorju tar-Repubblika tas-Slovenja. Fergħat* stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja minn persuni barranin jistgħu jakkwistaw proprjetà immobbli, iżda mhux art, li titqies neċessarja għat-twettiq ta' l-attivitajiet ekonomiċi li għalihom kienu stabbiliti. Il-proprjetà ta' beni immobbli f'raġġ ta' 10 km miż-żoni tal-fruntieri minn kumpanniji li l-parti l-kbira tal-kapital tagħhom jew drittijiet għall-vot jappartjeni direttament jew indirettament lil persuni ġuridiċi jew ċittadini ta' Stat Membru ieħor, hija suġġetta għal permess speċjali.

SK: L-ebda obbligu ħlief għall-art (għall-modi 3 u 4)

ċaħda tad-deċiżjonijiet, jistgħu jakkwistaw drittijiet ta' proprjetà ta' art f'żoni ġeografiċi speċifiċi magħżula mill-Kunsill tal-Ministri, suġġett għal permess.

IE: Kunsens bil-miktub minn qabel mill-Kummissjoni ta' l-Artijiiet huwa neċessarju għal kwalunkwe interess f'art Irlandiża minn kumpanniji domestiċi jew barranin jew minn ċittadini barranin. Fejn tali art tkun għall-użu industrijali (iżda mhux l-industrija agrarja), din il-kundizzjoni ma tiġix applikata, suġġett għal ċertifikat li jikkonferma dan mill-Ministeru ta' l-Intrapriża u l-Impjieg. Din il-liġi ma tapplikax fejn l-art taqa' fil-limiti ta' l-ibliet.

CZ: Limitazzjonijiet fuq l-akkwist ta' beni immobbli minn entitajiet naturali u legali barranin. Entitajiet barranin jistgħu jakkwistaw beni immobbli permezz tat-twaqqif ta' entitajiet legali Ċeki jew permezz tal-parteċipazzjoni f'intrapriżi. L-akkwist ta' l-art minn entitajiet barranin huwa suġġett għal awtorizzazzjoni.

HU: M'hemm l-ebda rbit rigward l-akkwist ta' proprjetà immobbli minn persuni naturali barranin.

LV: M'hemm l-ebda rbit rigward l-akkwist ta' art minn persuni ġuridiċi. Permess il-kiri ta' art għal perjodi ta' mhux aktar minn 99 sena.

PL: L-akkwist ta' beni immobbli, b'mod dirett jew indirett, minn barranin u minn persuni legali barranin, jeħtieġ permess.

SK: Limitazzjonijiet fuq l-akkwist ta' beni immobbli minn entitajiet naturali u legali barranin. Entitajiet barranin jistgħu jakkwistaw beni

immobbli permezz tat-twaqqif ta’ entitajiet legali Slovakki jew permezz ta' parteċipazzjoni f’intrapriżi. L-akkwist ta' art minn entitajiet barranin huwa suġġett għal awtorizzazzjoni (għall-modi 3 u 4).

IT: M'hemm l-ebda rbit rigward l-akkwist ta’ beni immobbli.

FI (Il-Gżejjer Åland): Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta’ persuni naturali, li ma jgawdux miċ-ċittadinanza reġjonali ta’ Åland, u ta’ persuni legali, li jakkwistaw beni immobbli fil-Gżejjer Åland mingħajr il-permess ta’ l-awtoritajiet kompetenti tal-gżejjer.

FI (Il-Gżejjer Åland): Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' stabbiliment u fuq id-dritt li jingħataw servizzi minn persuni naturali li ma jgawdux miċ-ċittadinanza reġjonali ta’ Åland, jew minn kwalunkwe persuna legali, mingħajr il-permess ta’ l-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland.

Investimenti:

FR: Xiri barrani li jaqbeż it-33.33 fil-mija ta’ l-ishma tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot f’intrapriżi Franċiżi eżistenti, jew l-20 fil-mija f’kumpanniji Franċiżi kkwotati fil-borża, huma suġġetti għar-regoli li ġejjin:

Investimenti:

BG: Investimenti barranin jiġu reġistrati mal-Ministeru tal-Finanzi għal raġunijiet ta' statistika u ta' taxxa biss.

[5] L-attivitajiet artiġjanali, industrijali u kummerċjali għandhom x’jaqsmu ma’ setturi bħal: servizzi kummerċjali oħra, il-kostruzzjoni, id-distribuzzjoni u s-servizzi tat-turiżmu. Mhumiex marbuta mas-servizzi finanzjarji jew tat-telekomunikazzjoni.

- wara perjodu ta’ xahar min-notifika minn qabel, l-awtorizzazzjoni tingħata b’mod taċitu sakemm il-Ministru ta’ l-Affarijiet Ekonomiċi, f’ċirkustanzi eċċezzjonali, ma jeżerċitax id-dritt li jiddeferi l-investiment.

FR: Il-parteċipazzjoni barranija f’kumpannija li għadha kemm ġiet privatizzata tista’ tiġi limitata għal ammont varjabbli tal-valur ta’ l-ishma tal-kumpannija offrut lill-pubbliku, li jiġi determinat mill-gvern ta’ Franza skond kull każ.

ES: Investiment fi Spanja minn gvern barrani u entitajiet pubbliċi barranin, (li normalment jimplika, minbarra interessi eknomiċi, anke interessi mhux ekonomiċi għall-parti ta' l-entità), direttament jew permezz ta' kumpanniji jew entitajiet oħra kkontrollati direttament jew indirettament minn gvernijiet barranin, jeħtieġu awtorizzazzjoni minn qabel mill-gvern.

PT: Il-parteċipazzjoni barranija f’kumpannija li għadha kif ġiet privatizzata tista’ tiġi limitata għal ammont varjabbli tal-valur ta’ l-ishma ta’ kumpannija offrut lill-pubbliku, li jiġi determinat mill-Gvern tal-Portugall każ b’każ.

IT: Jistgħu jingħataw jew jinżammu drittijiet esklussivi lil/minn kumpanniji li għadhom kemm ġew privatizzati. F'xi każijiet id-drittijiet għall-vot f’kumpanniji li għadhom kemm ġew privatizzati jistgħu jkunu limitati. Għal perjodu ta’ ħames snin, l-akkwist ta’ ammonti kbar ta’ investimenti ta’ kapital ta’ kumpanniji li joperaw fil-qasam tad-difiża, is-servizzi tat-trasport, it-telekomunikazzjonijiet u l-enerġija jista’ jkun suġġett għall-approvazzjoni tal-Ministeru tat-Teżor.

FR: Għat-twaqqif ta’ ċerti attivitajiet[5] kummerċjali, industrijali jew artiġjanali, jekk id-direttur manaġerjali m’għandux permess ta' residenza permanenti, hija meħtieġa awtorizzazzjoni speċifika.

Persuna jew kumpannija li fiha l-parteċipazzjoni barranija tiżgura maġġoranza fl-adozzjoni jew iċ-ċaħda tad-deċiżjonijiet, direttament jew permezz ta' kumpanniji oħra b'parteċipazzjoni barranija, għandhom jitolbu permess għal:

(i) id-distribuzzjoni ta' armi, munizzjon jew tagħmir militari

(ii) Attivitajiet bankarji jew ta' assigurazzjoni, jew parteċipazzjoni f'kumpanniji bankarji jew ta' l-assigurazzjoni;

(iii) it-tfittxija, l-iżvilupp jew l-estrazzjoni ta' riżorsi naturali mill-baħar territorjali, il-blata kontinentali jew iż-żona ekonomika esklussiva;

(iv) l-akkwist ta' parteċipazzjoni li tiżgura maġġoranza fl-adozzjoni jew iċ-ċaħda tad-deċiżjonijiet f'kumpannija involuta f'xi waħda mill-attivitajiet speċifikati f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq.

Rigward il-kummerċ bankarju u ta' l-assigurazzjoni msemmi fil-punti (ii) u (iv), il-kriterji għall-awtorizzazzjoni jew il-permess huma prudenti u konsistenti ma' l-obbligu fl-Artikoli XVI u XVII tal-GATS.

CY: Entitajiet li għandhom parteċipazzjoni barranija jrid ikollhom kapital imħallas li jikkorrispondi għar-rekwiżiti finanzjarji tagħhom u l-persuni mhux residenti jridu jiffinanzjaw il-kontribuzzjoni tagħhom permezz ta' l-importazzjoni fi flus barranin.

CY: Għall-parteċipazzjoni ta’ min mhux resident f’entità inkorporata jew soċjetà f’Ċipru, jinħtieġ il-permess tal-Bank Ċentrali. Il-parteċipazzjoni barranija fis-

Fejn il-parteċipazzjoni ta’ persuni mhux residenti tkun ta' aktar minn 24%, kull finanzjament addizzjonali meħtieġ minħabba l-ħtiġiet ta’ kapital kurrenti jew minħabba raġunijiet oħra jrid jiġi minn sorsi lokali jew barranin u jkun proporzjonali għall-parteċipazzjoni tal-persuni residenti u mhux fil-valur ta’ l-ishma ta’ l-entità. Fil-każ ta’ fergħat ta’ kumpanniji barranin, il-kapital kollu għall-investiment inizjali għandu jiġi minn sorsi barranin. Self minn sorsi lokali huwa permess biss wara l-implimentazzjoni inizjali tal-proġett, għall-finanzjament tal-ħtiġiet ta’ kapital kurrenti.

HU: M'hemm l-ebda obbligu rigward l-akkwist ta' proprjetà ta' l-Istat.

LT: Taħt il-Liġi dwar l-Investiment Kapitali Barrani m'humiex permessi investimenti fl-organizzazzjoni tal-lotteriji.

MT: Kumpanniji li għandhom parteċipazzjoni ta’ persuni legali u naturali mhux residenti huma suġġetti għall-istess ħtieġa ta’ kapital li tapplika għal kumpanniji li s-sidien tagħhom huma residenti skond kif ġej: kumpanniji privati – Lm500 (b’minimu ta’ 20% bħala kapital imħallas); kumpanniji pubbliċi – Lm20,000 (b’minimu ta’ kapital imħallas ta' 25%). Il-perċentwal ta' l-ishma ta’ persuni mhux residenti jrid jitħallas b’fondi li jiġu minn barra. Kumpanniji b’parteċipazzjoni ta’ persuni mhux residenti jridu japplikaw għal permess mingħand il-Ministeru tal-Finanzi sabiex jakkwistaw bini taħt il-leġiżlazzjoni xierqa.

setturi/subsetturi inklużi fl-Iskeda ta' l-Obbligi normalment tkun limitata għal 49%. Id-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet li jikkonċedu l-permess għall-parteċipazzjoni barranija hija bbażata fuq test tal-ħtiġiet ekonomiċi, li għalih b'mod ġenerali jintużaw il-kriterji li ġejjin:

a) Forniment ta' servizzi li huma ġodda għal Ċipru

b) Promozzjoni ta' l-orjentazzjoni ta' l-ekonomija fl-esportazzjoni bi żvilupp ta' swieq eżistenti jew ġodda

ċ) Trasferiment ta' teknoloġija moderna, għarfien espert u tekniki ta' ġestjoni ġodda

d) Titjib jew ta' l-istruttura produttiva ta' l-ekonomija jew tal-kwalità ta' prodotti jew servizzi eżistenti

e) L-impatt komplimentari fuq unitajiet jew attivitajiet eżistenti

f) Il-vijabilità tal-proġett propost

g) Il-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda ta' impjieg għax-xjenzati, titjib kwalitattiv u taħriġ ta' l-istaff lokali

F'każi eċċezzjonali, fejn l-investiment propost jissodisfa ħafna mill-kriterji tat-test għall-ħtiġiet ekonomiċi b'mod sodisfaċenti, jista' jingħata l-permess għall-parteċipazzjoni li taqbeż id-49 fil-mija.

F'każ ta' kumpannija pubblika, il-parteċipazzjoni barranija fil-kapital normalment titħalla sa 30 fil-mija. Fil-każ ta' Fondi Komuni, il-proprjetà minn barranin

hija permessa sa 40 fil-mija.

Entitajiet inkoroporati jridu jkunu rreġistrati skond il-Liġi tal-Kumpanniji. L-istess liġi tirrikjedi li kumpannija barranija li tixtieq tistabbilixxi post tal-kummerċ jew uffiċċju f'Ċipru, trid tirreġistrahom bħala fergħat barranin. Għar-reġistrazzjoni jrid ikun hemm l-approvazzjoni minn qabel tal-Bank Ċentrali skond il-Liġi dwar il-Kontroll tal-Kambju. Din l-approvazzjoni hija suġġetta għall-politika dwar l-investiment barrani applikabbli f'dak il-mument rigward l-attivitajiet ippjanati mill-entità inkorporata f'Ċipru u l-kriterji ġenerali għall-investiment imsemmijin hawn fuq.

HU: M'hemm l-ebda ribit rigward l-akkwist ta' proprjetà ta' l-Istat.

MT: L-Att dwar il-Kumpanniji (Kap.386) li jirregola l-forniment ta' servizzi minn persuni li m'humiex residenti permezz tar-reġistrazzjoni ta' kumpannija lokali u l-Att dwar Tranżazzjonijiet Esterni (Kap 233) li jirregola l-ħruġ, l-akkwist, il-bejgħ u l-irkupru ta' titoli ta' sigurtà mhux ikkwotati fil-Borża ta' Malta, jibqgħu japplikaw.

PL: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni biex titwaqqaf kumpannija b'valur ta' ishma barrani fil-każ ta':

- it-twaqqif ta' kumpannija, ix-xiri jew l-akkwist ta' ishma jew titoli f'kumpannija eżistenti; l-estensjoni ta' l-attività tal-kumpannija meta l-firxa ta' l-attività tħaddan mill-inqas wieħed mill-oqsma li ġejjin:

- il-ġestjoni ta' portijiet u ajruporti;

- negozju fil-proprjetà immobbli jew taġixxi bħala intermedjarja fi tranżazzjonijiet ta' proprjetà immobbli;

- forniment lill-industrija tad-difiża li m'huwiex kopert minn rekwiżiti oħra ta' liċenzjar;

- kummerċ bl-ingrossa ta' prodotti għall-konsum impurtati;

- il-provvista ta' servizzi ta' konsulenza legali;

- it-twaqqif ta' kumpannija bi sħab b'azzjonarjat barrani li fiha l-parti Pollakka hija persuna ġuridika ta' l-Istat u qiegħda tikkontribwixxi assi mhux fi flus bħala kapital inizjali;

- tikkonkludi kuntratt, li jinkludi d-dritt għall-użu ta' proprjetà ta' l-Istat għal aktar minn 6 xhur jew tiddeċiedi li takkwista proprjetà ta' dan it-tip.

SI: Għal dawk li huma servizzi finanzjarji, jinħareġ il-permess mill-awtoritajiet indikati fl-impenji għas-setturi speċifiċi u skond il-kundizzjonijiet indikati fihom.

M'hemmx limitazzjonijiet rigward it-twaqqif ta' entità kummerċjali ġdida ("*greenfield*" *investments*).

Sussidji

L-eliġibilità għas-sussidji mill-Komunità jew l-Istati Membri tista' tkun limitata għal persuni legali stabbiliti fiit-territorju ta' Stat Membru jew sub-diviżjoni ġeografika partikolari tiegħu. M'hemmx obbligi rigward sussidji għar-riċerka u l-iżvilupp. M'hemmx obbligi rigward fergħat stabbiliti fi Stat

	Membru minn kumpannija mhux Komunitarja. Il-forniment ta’ servizz, jew is-sussidjar ta’ l-istess, fi ħdan is-settur pubbliku m'humiex ksur ta’ dan l-obbligu. L-obbligi meħudin f’din l-iskeda ma jirrikjedux li l-Komunità jew l-Istati Membri joffru sussidju lil servizz fornut minn barra t-territorju tagħha. Fejn is-sussidji huma disponibbli għal persuni naturali, id-disponibbiltà tagħhom tista' tkun limitata għaċ-ċittadini ta' Stat Membru.
Is-sistema tal-kambju[6],[7],[8],[9]:	**Is-sistema tal-kambju[11]**

[6] CZ: Hija applikata sistema ta' kontroll tal-kambji esterni li m'hix diskriminatorja li tikkonisisti fi: a) limitazzjoni fuq l-akkwist ta’ kambju estern minn ċittadini residenti għal skopijiet personali, b) fil-każ ta’ residenti Ċeki, awtorizzazzjoni għal kambju estern sabiex jiġu aċċettati krediti finanzjarji minn persuni barranin, investiment f'kapital dirett barra mill-pajjiż, l-akkwist ta’ beni immobbli barra mill-pajjiż, u x-xiri ta’ titoli barranin.

[7] PL: Hija applikata sistema ta’ kontroll tal-kambju estern li m’hix diskriminatorja dwar limitazzjonijiet fuq il-fatturat tal-kambju barrani u sistema ta’ permessi għal kambju estern (ġenerali u individwali) fost limitazzjonijiet oħra ta’ flussi ta' kapital u pagamenti f'munita partikolari. It-tranżazzjonijiet f’kambji esterni li ġejjin jeħtieġu awtorizzazzjoni:
-it-trasferimenti ta’ kambji esterni barra mill-pajjiż;
-it-trasferiment tal-munita Pollakka lejn il-pajjiż;
-it-trasferiment tal-proprjetà tad-dritt fuq assi monetarji mingħand persuni domestiċi lil persuni barranin;
-il-konċessjoni u t-teħid ta’ self u krediti minn persuni domestiċi fi tranżazzjonijiet f’kambji barranin;
-l-iffissar jew il-ħlas ta' pagamenti f’muniti barranin għal prodotti, beni immobbli, drittijiet ta’ proprjetà, servizzi jew xogħol akkwistati fil-Polonja;
-il-ftuħ u l-pussess ta’ kont bankarju f’bank barra mill-pajjiż;
-l-akkwsit u l-pussess ta’ titoli barranin u l-akkwist ta’ beni immobbli barra mill-pajjiż;
-obligazzjonijiet oħra simili barra mill-pajjiż.

[8] SK: L-annotazzjonijiet qegħdin jiġu elenkati għal raġunijiet ta’ trasparenza.

"Sussidjarju" ta' persuna legali tfisser persuna legali li effettivament hija kkontrollata minn persuna legali oħra.

"Fergħa" ta' persuna legali tfisser post tal-kummerċ li m'għandux personalità legali li jagħti x'jifhem li hemm dehra ta' permanenza, bħall-estensjoni ta' organu prinċipali, u li għandu maniġment u li huwa mgħammar

materjalment sabiex jinnegozja l-kummerċ ma' terzi persuni, biex dawn ta' l-aħħar - minkejja li jafu li jekk ikun hemm in-neċessità hemm rabta legali ma' l-organu prinċipali, li l-uffiċċju prinċipali tiegħu jinsab barra - m'għandhomx għalfejn jindirizzaw direttament lil tali organu prinċipali iżda jistgħu jmexxu l-kummerċ minn dak il-post tal-kummerċ li jikkostitwixxi l-estensjoni.

I. OBBLIGI ORIZZONTALI			
IS-SETTURI KOLLHA INKLUŻI F'DIN L-ISKEDA			
	3) Fl-Istati Membri[69] kollha dawk is-servizzi kkunsidrati bħala utilitajiet pubbliċi f'livell nazzjonali jew lokali jistgħu jkunu suġġett għal monopolji pubbliċi jew għal drittijiet esklussivi mogħtijin lil operaturi privati[70].	3) a) It-trattament mogħti lis-sussidjarji (ta' kumpanniji Ċileni) li ġew iffurmati skond il-liġi ta' Stat Membru u li għandhom l-uffiċċju rreġistrat, amministrazzjoni ċentrali jew post prinċipali tal-kummerċ tagħhom fil-Komunità ma jiġix estiż għal fergħat jew aġenziji stabbiliti fi Stat Membru minn kumpannija Ċilena. Madanakollu, dan m'għandux iżomm Stat Membru milli jestendi dan it-trattament għal fergħat jew aġenziji stabbiliti fi Stat Membru ieħor minn kumpannija jew ditta Ċilena rigward l-operat tagħhom fit-territorju ta' l-ewwel Stat Membru, sakemm tali estensjoni ma tkunx ipprojbita b'mod espliċitu mil-liġi Komunitarja.	
		b) Trattament inqas favorevoli jista' jingħata lis-sussidjarji (ta' kumpanniji Ċileni) iffurmati skond il-liġi ta' Stat Membru li għandhom biss l-uffiċċju reġistrat jew amministrazzjoni ċentrali tagħhom fit-territorju tal-Komunità, għajr fejn ikun jista' jintwera li għandhom rabta effettiva u kontinwa ma' l-ekonomija ta' wieħed mill-Istati Membri.	
		Il-Holqien ta' Entità Legali 3) RO: L-uniku amministratur jew iċ-Ċermen tal-Bord ta' l-Amministrazzjoni kif ukoll nofs in-	

[69] Fil-każ ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Iżvezja, ma saret l-ebda riżerva orizzontali għal servizzi meqjusa bħala utilitajiet pubbliċi.

[70] Nota ta' spjegazzjoni: Is-servizzi ta' utilità pubblika jeżistu f'setturi bħalma huma servizzi ta' konsultazzjoni xjentifika u teknika relatati, servizzi ta' riċerka u żvilupp fix-xjenzi soċjali u l-istudji umanistiċi, servizzi ta' ttestjar u analiżi teknika, servizzi ambjentali, servizzi tas-saħħa, servizzi tat-trasport u servizzi awżiljari għal kull mod ta' trasport. Id-drittijiet esklussivi fuq servizzi bħal dawn spiss jingħataw lil operaturi privati, per eżempju operaturi b'konċessjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi, soġġetti għal obbligi ta' servizz speċifiċi. Minħabba li s-servizzi ta' utilità pubblika spiss jeżistu wkoll fuq livell sub-ċentrali, skedar speċifiku għas-settur li jkun dettaljat u komprensiv m'huwiex prattiku.

		numru totali ta' amministraturi tal-kumpanniji kummerċjali għandhom ikunu ċittadini Rumeni sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fil-kuntratt tal-kumpannija jew fl-istatuti tagħha. Il-maġġoranza ta' l-awdituri tal-kumpanniji kummerċjali u d-deputati tagħhom għandhom ikunu ċittadini Rumeni. SE: Kumpannija b'responsabbiltà limitata (kumpannija bl-azzjonisti) tista' tiġi stabbilita minn wieħed jew minn ħafna fundaturi. Parti fundatriċi trid jew tkun residenti fiż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea) jew trid tkun entità legali fi ħdan l-istess ŻEE. Soċjetà kummerċjali tista' titqies parti fundatriċi biss jekk kull sieħeb ikun residenti fi ħdan iż-ŻEE[71]. Biex ikunu stabbiliti tipi oħrajn ta' entitajiet legali jipprevalu kundizzjonijiet simili.	
	Il-Liġi dwar Fergħat ta' Kumpanniji Barranin 3) SE: Kumpannija barranija (li m'għandhiex entità legali stabbilita fl-Iżvezja) għandha topera fin-negozju tagħha permezz ta' fergħa, stabbilita fl-Iżvezja b'maniġment indipendenti u kotba miżmumin separati. SE: Proġetti ta' bini li jdumu inqas minn sena huma eżenti mill-kundizzjonijiet li jeħtieġu fergħa jew il-ħatra ta' rappreżentant residenti.	**Il-Liġi dwar Fergħat ta' Kumpanniji Barranin** 3) SE: Id-direttur maniġerjali u ta' l-anqas 50 fil-mija tal-membri tal-bord iridu jkunu residenti fiż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea). SE: Id-direttur maniġerjali ta' fergħa jrid ikun residenti fi ħdan iż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewrpea)[72]. SE: Ċittadini barranin jew Żvediżi li mhumiex residenti fl-Iżvezja, li jixtiequ jwettqu operazzjonijiet kummerċjali jridu jaħtru u jirreġistraw rappreżentant responsabbli għal tali attivitajiet ma' l-awtorità lokali. SI: It-twaqqif ta' fergħat minn kumpanniji barranin	

[71] Jistgħu jingħataw eċċezzjonijiet għal dawn ir-rekwiżiti jekk jiġi ppruvat li r-residenza mhix meħtieġa.

[72] Jistgħu jingħataw eċċezzjonijiet għal dawn ir-rekwiżiti jekk jiġi ppruvat li r-residenza mhix meħtieġa.

		huwa kkondizzjonat mir-reġistrazzjoni tal-kumpannija prinċipali f'reġistru tal-qrati tal-pajjiż ta' l-oriġini għal ta' l-anqas sena.	
	Entitajiet Legali: 3) BG: It-twaqqif ta' fornituri ta' servizz barranin, inklużi soċjetajiet, jista' jieħu biss il-forma ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata jew kumpannija bl-ishma b'mill-anqas żewġ azzjonisti. It-twaqqif ta' fergħa huwa suġġett għal awtorizzazzjoni. M'hemm l-ebda rbit rigward uffiċċji rappreżentattivi. L-uffiċċji reppreżentattivi ma jistgħux joperaw attivitajiet ekonomiċi. F'imprizi fejn is-sehem pubbliku (ta' l-istat jew muniċipali) fil-kapital f'ishma jaqbeż it-30%, it-trasferiment ta' dawn l-ishma lil terzi jirrikjedi awtorizzazzjoni. FI: L-akkwist ta' ishma minn proprjetarji barranin li jagħti aktar minn terz tad-drittijiet tal-vot ta' kumpannija ewlenija jew attività kummerċjali importanti Finlandiża, (b'iżjed minn 1000 impjegat jew b'fatturat ta' aktar minn 1000 miljun markka Finlandiża jew b'total tal-karta tal-bilanċ ta' iżjed minn 167 miljun Euro) huwa suġġetta għall-konferma mill-awtoritajiet Finlandiżi; il-konferma tista' tinċaħad biss jekk ikun fil-periklu xi element ta' interess nazzjonali. FI: Ta' l-inqas nofs il-fundaturi ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata jridu jkunu residenti jew fil-Finlandja jew f'wieħed mill-pajjiżi taż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea). Madanakollu jistgħu jingħataw ċerti eżenzjonijiet lill-kumpanniji. HU: Il-preżenza kummerċjali għandha tieħu l-forma ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata, kumpannija bl-ishma, jew uffiċċju rappreżentattiv. Id-dħul inizjali bħala fergħa m'huwiex permess. PL: L-organizzazzjoni kemmerċjali min-naħa ta' fornituri barranin tista' tieħu l-forma ta' soċjetà limitata, kumpannija b'responsabbiltà limitata jew kumpannija bl-	FI: Barrani li jgħix barra ż-Żona Ekonomika Ewropea u li jopera negozju bħala intraprenditur privat jew bħala sieħeb f'kumpannija b'responsabbiltà limitata jew soċjetà ġenerali Finlandiża, għandu bżonn permess tan-negozju. Jekk organizzazzjoni jew fondazzjoni barranija li hija bbażata barra ż-Żona Ekonomika Ewropea tixtieq topera negozju tistabbilixxi fergħa fil-Finlandja, jinħtieġ permess tan-negozju. FI: Fejn ta' l-anqas nofs il-membri tal-Bord jew id-Direttur Maniġerjali huma residenti barra ż-Żona Ekonomika Ewropea, jinħtieġ permess. Madanakollu jistgħu jingħataw ċerti eżenzjonijiet lill-kumpanniji. SK: Persuna naturali barranija li l-isem tagħha jidher fir-Reġistru Kummerċjali u tagħmilha ta' persuna awtorizzata li taġixxi f'isem intraprenditur, trid tforni permess ta' residenza fl-Islovakkja.	

	ishma.		
	Xiri ta' Proprjetà Immobbli: DK: Limitazzjonijiet fuq xiri ta' proprjetà immobbli minn entitajiet fiżiċi u ġuridiċi mhux residenti. Limitazzjonijiet fuq ix-xiri ta' art agrikola minn entitajiet naturali u legali barranin. EL: Skond il-Liġi Nru 1892/89 biex ċittadin jakkwista art f'żoni qrib il-fruntieri, jinħtieġ permess mill-Ministru tad-Difiża. Skond prassi amministrattiva, fejn hemm investiment dirett il-permess jingħata bla diffikultà. CY: M'hemmx obbligi. HU: M'hemm l-ebda rbit rigward l-akkwist ta' proprjetà immobbli ta' l-Istat. LT: M'hemm l-ebda rbit rigward l-akkwist ta' art minn persuni ġuridiċi u naturali. MT: M'hemm l-ebda rbit rigward l-akkwist ta' proprjetà immobbli. LV: M'hemm l-ebda rbit rigward l-akkwist ta' art minn persuni ġuridiċi. Permess il-kiri ta' art għal perjodi ta' mhux aktar minn 99 sena. PL: M'hemm l-ebda rbit rigward l-akkwist ta' proprjetà ta' l-Istat, jiġifieri r-regolamenti li jirregolaw il-proċess ta' privatizzazzjoni (għall-mod 3). RO: Persuni fiżiċi li ma jkunux ċittadini Rumeni u	**Xiri ta' Proprjetà Immobbli:** AT: L-akkwist, ix-xiri kif ukoll l-kiri u l-kiri fit-tul ta' proprjetà immobbli minn persuni naturali u ġuridiċi barranin jeħtieġu l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti reġjonali (Länder) li jridu jaraw jekk ikunux affettwati interessi ekonomiċi, soċjali u kulturali importanti. BG: Persuni naturali u ġuridiċi barranin (inkluż permezz ta' fergħa) ma jistgħux jakkwistaw il-proprjetà ta' art. Persuni ġuridiċi Bulgari b'parteċipazzjoni barranija ma jistgħux jakkwistaw il-proprjetà ta' art agrikola. Persuni ġuridiċi u ċittadini barranin b'permess ta' residenza permanenti barra l-pajjiż jistgħu jakkwistaw il-proprjetà ta' bini u drittijiet ta' proprjetà limitati fuq l-art, suġġett għal permess mill-Ministeru tal-Finanzi. Ir-rekwiżit ta' permess ma japplikax għal persuni li investew fil-Bulgarija. Ċittadini barranin li r-residenza permanenti tagħhom hija barra l-pajjiż, persuni ġuridiċi barranin u kumpanniji fejn il-parteċipazzjoni barranija tiżgura maġġoranza fl-adozzjoni jew iċ-ċaħda tad-deċiżjonijiet, jistgħu jakkwistaw drittijiet ta' proprjetà ta' art f'żoni ġeografiċi speċifiċi magħżula mill-Kunsill tal-Ministri, suġġett għal permess. IE: Kunsens bil-miktub minn qabel mill-	

[73] SI: Skond il-Liġi dwar il-Kumpanniji Kummerċjali, fergħa stabbilita fir-Repubblika tas-Slovenja mhix meqjusa bħala persuna ġuridika, iżda f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-operat tagħhom, it-trattament tagħhom huwa daqs dak ta' sussidjarja.

	residenti r-Rumanija, kif ukoll persuni ġuridiċi mhux ta' nazzjonalità Rumena u li ma jkollhomx l-uffiċċju prinċipali tagħhom fir-Rumanija, ma jistgħu jakkwistaw l-ebda tip ta' proprjetà immobbli permezz ta' atti inter vivos (għall-modi 3 u 4). SI: Persuni ġuridiċi, stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja b'parteċipazzjoni ta' kapital barrani, jistgħu jakkwistaw proprjetà immobbli fit-territorju tar-Repubblika tas-Slovenja. Fergħat[73] stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja minn persuni barranin jistgħu jakkwistaw proprjetà immobbli, iżda mhux art, li titqies neċessarja għat-twettiq ta' l-attivitajiet ekonomiċi li għalihom kienu stabbiliti. Il-proprjetà ta' beni immobbli f'raġġ ta' 10 km miż-żoni tal-fruntieri minn kumpanniji li l-parti l-kbira tal-kapital tagħhom jew drittijiet għall-vot tappartjeni direttament jew indirettament lil persuni ġuridiċi jew ċittadini ta' Stat Membru ieħor, hija suġġetta għal permess speċjali. SK: L-ebda obbligu ħlief għall-art (għall-modi 3 u 4)	Kummissjoni ta' l-Artijiiet huwa neċessarju għal kwalunkwe interess f'art Irlandiża minn kumpanniji domestiċi jew barranin jew minn nies barranin. Fejn tali art tkun għall-użu industrijali (iżda mhux l-industrija agrarja), din il-kundizzjoni ma tiġix applikata, suġġett għal ċertifikat li jikkonferma dan mill-Ministeru ta' l-Intrapriża u l-Impjieġ. Din il-liġi ma tapplikax fejn l-art taqa' fil-limiti ta' l-ibliet. CZ: Limitazzjonijiet fuq l-akkwist ta' beni immobbli minn entitajiet naturali u legali barranin. Entitajiet barranin jistgħu jakkwistaw beni immobbli permezz tat-twaqqif ta' entitajiet legali Ċeki jew permezz tal-parteċipazzjoni f'intrapriżi. L-akkwist ta' l-art minn entitajiet barranin huwa suġġett għal awtorizzazzjoni. HU: M'hemm l-ebda rbit rigward l-akkwist ta' proprjetà immobbli minn persuni naturali barranin. LV: M'hemm l-ebda rbit rigward l-akkwist ta' art minn persuni ġuridiċi. Permess il-kiri ta' art għal perjodi ta' mhux aktar minn 99 sena. PL: L-akkwist ta' beni immobbli, b'mod dirett jew indirett, minn barranin u minn persuni legali barranin, jeħtieġ permess. SK: Limitazzjonijiet fuq l-akkwist ta' beni immobbli minn entitajiet naturali u legali barranin. Entitajiet barranin jistgħu jakkwistaw beni immobbli permezz tat-twaqqif ta' entitajiet legali Slovakki jew permezz ta' parteċipazzjoni f'intrapriżi. L-akkwist ta' art minn entitajiet barranin huwa suġġett għal awtorizzazzjoni (għall-modi 3 u 4).	
		IT: M'hemm l-ebda rbit rigward l-akkwist ta' beni immobbli. FI (Il-Gżejjer Åland): Restrizzjonijiet fuq id-dritt	

		ta’ persuni naturali, li ma jgawdux miċ-ċittadinanza reġjonali ta’ Åland, u ta’ persuni legali, li jakkwistaw beni immobbli fil-Gżejjer Åland mingħajr il-permess ta’ l-awtoritajiet kompetenti tal-gżejjer. FI (Il-Gżejjer Åland): Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' stabbiliment u fuq id-dritt li jingħataw servizzi minn persuni naturali li ma jgawdux miċ-ċittadinanza reġjonali ta’ Åland, jew minn kwalunkwe persuna legali, mingħajr il-permess ta’ l-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland.	
	<u>Investimenti</u>: FR: Xiri barrani li jaqbeż it-33.33 fil-mija ta’ l-ishma tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot f’intrapriżi Franċiżi eżistenti, jew l-20 fil-mija f’kumpanniji Franċiżi kkwotati fil-borża, huma suġġetti għar-regoli li ġejjin: - wara perjodu ta’ xahar min-notifika minn qabel, l-awtorizzazzjoni tingħata b’mod taċitu sakemm il-Ministru ta’ l-Affarijiet Ekonomiċi, f’ċirkustanzi eċċezzjonali, ma jeżerċitax id-dritt li jiddeferi l-investiment. FR: Parteċipazzjoni barranija f’kumpannija li għadha kemm ġiet privatizzata tista’ tiġi limitata għal ammont varjabbli tal-valur ta’ l-ishma tal-kumpannija offrut lill-pubbliku, li jiġi determinat mill-gvern ta’ Franza skond kull każ. ES: Investiment fi Spanja minn gvern barrani u entitajiet	**<u>Investimenti</u>:** BG: Investimenti barranin jiġu reġistrati mal-Ministeru tal-Finanzi għal raġunijiet ta' statistika u ta' taxxa biss. Persuna jew kumpannija barranija li fiha l-parteċipazzjoni barranija tiżgura maġġoranza fl-adozzjoni jew iċ-ċaħda tad-deċiżjonijiet, direttament jew permezz ta' kumpanniji oħra b'parteċipazzjoni barranija, għandhom jitolbu permess għal: (i) id-distribuzzjoni ta' armi, munizzjon jew tagħmir militari (ii) Attivitajiet bankarji jew ta' assigurazzjoni, jew parteċipazzjoni f'kumpanniji bankarji jew ta' l-assigurazzjoni; (iii) it-tfittxija, l-iżvilupp jew l-estrazzjoni ta'	

[74] L-attivitajiet artiġjanali, industrijali u kummerċjali għandhom x’jaqsmu ma’ setturi bħal: servizzi kummerċjali oħra, il-kostruzzjoni, id-distribuzzjoni u s-servizzi tat-turiżmu. Mhumiex marbuta mas-servizzi finanzjarji jew ta’ telekomunikazzjoni.

	pubbliċi barranin, (li normalment jimplika, minbarra interessi eknomiċi, anke interessi mhux ekonomiċi għall-parti ta' l-entità), direttament jew permezz ta' kumpanniji jew entitajiet oħra kkontrollati direttament jew indirettament minn gvernijiet barranin, jeħtieġu awtorizzazzjoni minn qabel mill-gvern. PT: Il-parteċipazzjoni barranija f'kumpannija li għadha kif ġiet privatizzata tista' tiġi limitata għal ammont varjabbli tal-valur ta' l-ishma ta' kumpannija offrut lill-pubbliku, li jiġi determinat mill-Gvern tal-Portugall każ b'każ IT: Jistgħu jingħataw jew jinżammu drittijiet esklussivi lil/minn kumpanniji li għadhom kemm ġew ipprivatizzati. F'xi każijiet id-drittijiet għall-vot f'kumpanniji li għadhom kemm ġew privatizzati jistgħu jkunu limitati. Għal perjodu ta' ħames snin, l-akkwist ta' ammonti kbar ta' investimenti ta' kapital ta' kumpanniji li joperaw fil-qasam tad-difiża, is-servizzi tat-trasport, it-telekomunikazzjonijiet u l-enerġija jista' jkun suġġett għall-approvazzjoni tal-Ministeru tat-Teżor. FR: Għat-twaqqif ta' ċerti attivitajiet[74] kummerċjali, industrijali jew artiġjanali, jekk id-direttur manaġerjali m'għandux permess ta' residenza permanenti, hija meħtieġa awtorizzazzjoni speċifika.	riżorsi naturali mill-baħar territorjali, il-blata kontinentali jew iż-żona ekonomika esklussiva; (iv) l-akkwist ta' parteċipazzjoni li tiżgura maġġoranza fl-adozzjoni jew iċ-ċaħda tad-deċiżjonijiet f'kumpannija involuta f'xi waħda mill-attivitajiet speċifikati f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq. Rigward il-kummerċ bankarju u ta' l-assigurazzjoni msemmi fil-punti (ii) u (iv), il-kriterji għall-awtorizzazzjoni jew il-permess huma prudenti u konsistenti ma' l-obbligu fl-Artikoli XVI u XVII tal-GATS. CY: Entitajiet li għandhom parteċipazzjoni barranija jrid ikollhom kapital imħallas li jikkorrispondi għar-rekwiżiti finanzjarji tagħhom u l-persuni mhux residenti jridu jiffinanzjaw il-kontribuzzjoni tagħhom permezz ta' l-importazzjoni fi flus barranin. Fejn il-parteċipazzjoni ta' persuni mhux residenti tkun ta' aktar minn 24%, kull finanzjament addizzjonali meħtieġ minħabba l-ħtiġiet ta' kapital kurrenti jew minħabba raġunijiet oħra jrid jiġi minn sorsi lokali jew barranin u jkun proporzjonali għall-parteċipazzjoni tal-persuni residenti u mhux fil-valur ta' l-ishma ta' l-entità. Fil-każ ta' fergħat ta' kumpanniji barranin, il-kapital kollu għall-investiment inizjali għandu jiġi minn sorsi barranin. Self minn sorsi lokali huwa permess biss wara l-implimentazzjoni inizjali tal-proġett, għall-finanzjament tal-ħtiġiet ta' kapital kurrenti. HU: M'hemm l-ebda obbligi rigward l-akkwist ta'	

		proprjetà ta' l-Istat. LT: Taħt il-Liġi dwar l-Investiment Kapitali Barrani m'humiex permessi investimenti fl-organizzazzjoni tal-lotteriji. MT: Kumpanniji li għandhom parteċipazzjoni ta' persuni legali u naturali mhux residenti huma suġġetti għall-istess ħtieġa ta' kapital li tapplika għal kumpanniji li s-sidien tagħhom huma residenti skond kif ġej: kumpanniji privati – Lm500 (b'minimu ta' 20% bħala kapital imħallas); kumpanniji pubbliċi – Lm20,000 (b'minimu ta' kapital imħallas ta' 25%). Il-perċentwal ta' l-ishma ta' persuni mhux residenti jrid jitħallas b'fondi li jiġu minn barra.	
	CY: Għall-parteċipazzjoni ta' min mhux resident f'entità inkorporata jew soċjetà f'Ċipru, jinħtieġ il-permess tal-Bank Ċentrali. Il-parteċipazzjoni barranija fis-setturi/subsetturi inklużi fl-Iskeda ta' l-Obbligi normalment tkun limitata għal 49%. Id-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet li jikkonċedu l-permess għall-parteċipazzjoni barranija hija bbażata fuq test tal-ħtiġiet ekonomiċi, li għalih b'mod ġenerali jintużaw il-kriterji li ġejjin: a) Forniment ta' servizzi li huma ġodda għal Ċipru b) Promozzjoni ta' l-orjentazzjoni ta' l-ekonomija fl-esportazzjoni bi żvilupp ta' swieq attwali jew ġodda ċ) Trasferiment ta' teknoloġija moderna, għarfien espert u tekniki ta' ġestjoni ġodda d) Titjib jew ta' l-istruttura produttiva ta' l-ekonomija jew tal-kwalità ta' prodotti jew servizzi eżistenti e) Impatt komplimentari fuq unitajiet jew attivitajiet eżistenti		

	f) Il-vijabilità tal-proġett propost g) Il-ħolqien ta' opportunitajiet ġodda ta' impjieg għax-xjenzati, titjib kwalitattiv u taħriġ ta' l-istaff lokali F'każi eċċezzjonali, fejn l-investiment propost jissodisfa ħafna mill-kriterji tat-test għall-ħtiġiet ekonomiċi b'mod sodisfaċenti, jista' jingħata l-permess għall-parteċipazzjoni li jaqbeż id-49 fil-mija. F'każ ta' kumpannija pubblika, il-parteċipazzjoni barranija fil-kapital normalment titħalla sa 30 fil-mija. Fil-każ ta' Fondi Mutwalistiċi l-proprjetà minn barranin hija permessa sa 40 fil-mija. Entitajiet inkoroporati jridu jkunu rreġistrati skond il-Liġi tal-Kumpanniji. L-istess liġi tirrikjedi li kumpannija barranija li tixtieq tistabbilixxi post tal-kummerċ jew uffiċċju f'Ċipru, trid tirreġistrah bħala fergħa barranija. Għar-reġistrazzjoni jrid ikun hemm l-approvazzjoni minn qabel tal-Bank Ċentrali skond il-Liġi dwar il-Kontroll tal-Kambju. Din l-approvazzjoni hija suġġetta għall-politika dwar l-investiment barrani applikabbli f'dak il-mument rigward l-attivitajiet ippjanati mill-entità inkorporata f'Ċipru u l-kriterji ġenerali għall-investiment imsemmijin hawn fuq. HU: M'hemm l-ebda obbligi rigward l-akkwist ta' proprjetà ta' l-Istat. MT: L-Att dwar il-Kumpanniji (Kap.386) li jirregola l-forniment ta' servizzi minn persuni li mhumiex residenti permezz tar-reġistrazzjoni ta' kumpannija		

	lokali u l-Att dwar Tranżazzjonijiet Esterni (Kap 233) li jirregola l-ħruġ, l-akkwist, il-bejgħ u l-irkupru ta' titoli ta' sigurtà mhux ikkwotati fil-Borża ta' Malta, jibqgħu japplikaw. PL: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni biex titwaqqaf kumpannija b'valur ta' ishma barrani fil-każ ta': - it-twaqqif ta' kumpannija, ix-xiri jew akkwist ta' ishma jew titoli f'kumpannija eżistenti; l-estensjoni ta' l-attività tal-kumpannija meta l-iskop ta' l-attività jħaddan mill-inqas wieħed mill-oqsma li ġejjin: - il-ġestjoni ta' portijiet u ajruporti; - negozju fil-proprjetà immobbli jew taġixxi bħala intermedjarja fi tranżazzjonijiet ta' proprjetà immobbli; - forniment lill-industrija tad-difiża li mhuwiex kopert minn rekwiżiti oħra ta' liċenzjar; - kummerċ bl-ingrossa ta' prodotti għall-konsum impurtati; - il-provvista ta' servizzi ta' konsultazzjoni legali; - it-twaqqif ta' kumpannija bi sħab b'azzjonarjat barrani li fiha l-parti Pollakka hija persuna ġuridika ta' l-Istat u qiegħda tikkontribwixxi assi mhux fi flus bħala kapital inizjali; - tikkonkludi kuntratt, li jinkludi d-dritt għall-użu ta' proprjetà ta' l-Istat għal aktar minn 6 xhur jew tiddeċiedi li takkwista proprjetà ta' dan it-tip. SI: Għal dawk li huma servizzi finanzjarji, jinħareġ il-permess mill-awtoritajiet indikati fl-impenji għas-setturi speċifiċi u skond il-kundizzjonijiet indikati fihom.		

	M'hemmx limitazzjonijiet rigward it-twaqqif ta' entità kummerċjali ġdida ("*greenfield*" *investments*).		
		Sussidji L-eliġibilità għas-sussidji mill-Komunità jew l-Istati Membri tista' tkun limitata għal persuni legali stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru jew sub-diviżjoni ġeografika partikolari tiegħu. M'hemmx irbit rigward sussidji għar-riċerka u l-iżvilupp. M'hemmx obbligi rigward fergħat stabbiliti fi Stat Membru minn kumpannija mhux Komunitarja. Il-forniment ta' servizz, jew is-sussidjar ta' l-istess, fi ħdan is-settur pubbliku mhuwiex ksur ta' dan l-obbligu. L-obbligi meħudin f'din l-iskeda ma jirrikjedux li l-Komunità jew l-Istati Membri joffru sussidju lil servizz fornut minn barra t-territorju tagħha. Fejn is-sussidji huma disponibbli għal persuni naturali, id-disponibbiltà tagħhom tista' tkun limitata għaċ-ċittadini ta' Stat Membru.	
	Is-sistema tal-kambju[75],[76],[77],[78]:	**Is-sistema tal-kambju[80]**	

[75] CZ: Hija applikata sistema ta' kontroll tal-kambji esterni li m'hix diskriminatorja li tikkonisisti fi:
a) limitazzjoni fuq l-akkwist ta' kambju estern minn ċittadini residenti għal skopijiet personali,
b) fil-każ ta' residenti Ċeki, awtorizzazzjoni għal kambju esterni sabiex jiġu aċċettati krediti finanzjarji minn persuni barranin, investiment f'kapital dirett barra mill-pajjiż, l-akkwist ta' beni immobbli barra mill-pajjiż, u x-xiri ta' titoli barranin.

[76] PL: Hija applikata sistema ta' kontroll tal-kambju estern li m'hix diskriminatorja dwar limitazzjonijiet fuq il-fatturat tal-kambju barrani u sistema ta' permessi għal kambju estern (ġenerali u individwali) fost limitazzjonijiet oħra ta' flussi ta' kapital u pagamenti f'munita partikolari. It-tranżazzjonijiet f'kambji esterni li ġejjin jeħtieġu awtorizzazzjoni:
-it-trasferimenti ta' kambji esterni barra mill-pajjiż;
-it-trasferiment tal-munita Polakka lejn il-pajjiż;
-it-trasferiment tal-proprjetà tad-dritt fuq assi monetarji mingħand persuni domestiċi lil persuni barranin;
-il-konċessjoni u t-teħid ta' self u krediti minn persuni domestiċi fi tranżazzjonijiet f'kambji barranin;
-l-iffissar jew il-ħlas ta' pagamenti f'muniti barranin għal prodotti, beni immobbli, drittijiet ta' proprjetà, servizzi jew xogħol akkwistati fil-Polonja;
-il-ftuħ u l-pussess ta' kont bankarju f'bank barra mill-pajjiż;

	1), 2), 3), 4) BG: Fejn ħlasijiet u trasferimenti magħmula barra l-pajjiż ikunu relatati ma' investimenti u self mill-Istat jew garantit mill-Istat[79], dawn jirrikjedu l-awtorizzazzjoni tal-Bank Nazzjonali Bulgaru. 1), 2) SK: Fir-rigward ta' pagamenti kurrenti, hemm limitazzjoni fuq l-akkwist ta' kambji esterni għal skopijiet personali minn persuni residenti. Fir-rigward ta' pagamenti kapitali, biex jiġu aċċettati krediti finanzjarji minn persuni barranin, investimenti f'beni kapitali diretti, l-akkwist ta' beni immobbli barra mill-pajjiż u x-xiri ta' titoli barranin, tinħtieġ awtorizzazzjoni għal kambji esterni.	4) CY: Taħt il-Liġi dwar il-Kontroll tal-Kambju, persuni mhux residenti normalment ma jitħallewx jissellfu minn sorsi lokali	
	<u>Servizzi relatati ma' l-Użu ta' l-Enerġija Nukleari għal Skopijiet Paċifiċi</u> 1), 2), 3), 4) BG: M'hemmx irbit rigward servizzi relatati ma' l-esplorazzjoni, l-estrazzjoni u l-ipproċessar ta' materjali fissjonabbli u fużjonabbli jew tal-materjali li jiġu minnhom, kif ukoll il-kummerċ ma' tali servizzi, il-manutenzjoni u t-		

-l-akkwsit u l-pussess ta' titoli barranin u l-akkwist ta' beni immobbli barra mill-pajjiż;
-obligazzjonijiet oħra simili barra mill-pajjiż.

77 SK: L-annotazzjonijiet qegħdin jiġu elenkati għal raġunijiet ta' trasparenza.

78 BG: Hija applikata sistema ta' kontroll tal-kambju estern mhux diskriminatorja fuq trasferimenti u ħlasijiet relatati ma' tranżazzjoniijet kurrenti: (i) limitazzjonijiet fuq l-esportazzjoni u l-importazzjoni tal-munita nazzjonali jew ta' munita barranija f'kontanti; (ii)) limitazzjonijiet fuq l-akkwist ta' kambji barranin minn persuni residenti għal skopijiet personali; (iii) impjegati barranin jistgħu jakkwistaw munita barranija sa 70 fil-mija tar-remunerazzjoni tax-xogħol tagħhom; (iv) ħlasijiet u trasferimenti barra mill-pajjiż f'munita barranija jridu jsiru permezz tal-banek; (v) trasferimenti unilaterali jirrikjedu l-permess tal-BNB; (vi) ħlasijiet fit-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija għandhom isiru f'BGL.

79 Persuni barranin għandhom id-dritt li jittrasferixxu barra l-pajjiż id-dħul u l-kumpens li ġej, li jakkumula minn investimenti fir-Repubblika tal-Bulgarija: Interessi, kumpens għal esproprjazzjoni ta' l-investiment għal raġunijiet ta' l-Istat, dħul mil-likwidazzjoni jew il-bejgħ totali jew parzjali ta' investiment, l-ammont imdaħħal mill-eżekuzzjoni ta' talba garantita fil-munita permezz ta' rahan jew ipoteka.

80 PL: In-nota tal-qiegħ taħt l-aċċess għas-suq tapplika wkoll għat-trattament nazzjonali.

	tiswija ta' tagħmir u sistemi f'faċilitajiet tal-produzzjoni ta' l-enerġija nukleari, it-trasport ta' tali materjali u l-materjali tar-rimi u ta' l-iskart ta' l-ipproċessar tagħhom, l-użu ta' radjazzjoni jonizzanti, u s-servizzi l-oħrajn kollha li għandhom x'jaqsmu ma' l-użu ta' l-enerġija nukleari għal skopijiet paċifiċi (inklużi servizzi ta' inġinerija u konsultazzjoni u servizzi relatati ma' softwer eċċ.).		
	Privatizzazzjoni[81] 3) BG: M'hemmx irbit rigward parteċipazzjoni fi privatizzazzjoni permezz ta' bonds ta' debitu esterni ta' l-Istat u għal setturi u/jew fornituri tas-servizzi mhux suġġetti għal privatizzazzjoni taħt il-programm annwali ta' privatizzazzjoni. RO: M'hemmx obbligi.	**Privatizzazzjoni** 3) BG: M'hemmx irbit għall-parteċipazzjoni fil-privatizzazzjoni permezz ta' vawċers ta' investiment jew metodi ta' privatizzazzjoni preferenzjali oħrajn, fejn jinħtieġu ċ-ċittadinanza Bulgara u r-residenza permanenti fil-Bulgarija. RO: M'hemmx obbligi.	
	4) M'hemmx obbligi għajr miżuri li għandhom x'jaqsmu mad-dħul u l-waqfa[82] fi Stat Membru, mingħajr il-ħtieġa ta' osservanza tat-test tal-bżonnijiet ekonomiċi[83], tal-kategoriji ta' persuni naturali li ġejjin li jipprovdu servizz:	4) M'hemmx obbligi ħlief għal miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-kategoriji ta' persuni naturali msemmija fil-kolonna Aċċess għas-Suq	

81 RO: Tletin fil-mija tal-kapital tal-kumpaniji kummerċjali proprjetà ta' l-Istat tqassam mingħajr ħlas lil ċittadini Rumeni permezz ta' "Ċertifikati ta' Proprjetà" li ma jistgħux jinbiegħu lil persuni ġuridiċi jew naturali barranin.
RO: Is-sebgħin fil-mija tal-kapital ta' dawn il-kumpaniji li jibqa' ser jitpoġġa għall-bejgħ.
RO: Fil-proċess ta' privatizzazzjoni l-investituri barranin jistgħu jixtru assi u ishma ta' kumpaniji kummerċjali. F'dan ir-rigward, persuni ġuridiċi u naturali Rumeni jingħataw prijorità. Fi privatizzazzjoni permezz tal-metodu MEBO (*Management-Employee-Buy-Out*) id-dritt ta' l-akkwist ta' kumpannija kummerċjali huwa riżervat għall-impjegati tagħha.

82 It-tul ta' "waqfa temporanja" hija definita mill-Istat Membru u, fejn jeżistu, il-liġijiet u r-regolamenti tal-Komunità f'dak li għandhom x'jaqsmu dħul, waqfa u xogħol. It-tul preċiż jista' jvarja skond il-kategoriji differenti ta' persuni naturali msemmija f'din l-iskeda. Għall-kategorija (i), it-tul tal-waqfa huwa limitat fl-Istati Membri li ġejjin, kif ġej: BG – sena, li tista' tkun estiża b'sena addizzjonali għal perjodu totali li ma jaqbiżx it-tliet snin; EE – tliet snin, li jista' jkun estiż għal sentejn oħra għal perjodu totali li ma jaqbiżx il-ħames snin; LV – Ħames snin; LT – tliet snin, li jista' jkun estiż għal persunal anzjan biss b'sa sentejn oħra; PL u SI – sena, li tista' tkun estiża. Għall-kategorija (ii), it-tul taż-żjara hija limitata fl-Istati Membri li ġejjin kif ġej: BG - tliet xhur f'perjodu ta' sena kalendarja; EE – 90 jum għal kull perjodu ta' sitt xhur; PL – tliet xhur; LT – tliet xhur f'sena; HU, LV, SI – 90 jum.

83 Il-ħtiġiet l-oħra kollha tal-Komunità u l-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri f'dak li għandhom x'jaqsmu dħul, żjara, xogħol u miżuri ta' sigurtà soċjali għandhom ikomplu japplikaw, inklużi r-regolamenti dwar it-tul taż-żjara, is-salarji minimi kif ukoll il-ftehimiet kollettivi dwar is-salarji.

	i) il-preżenza temporanja, bħala riżultat tat-trasferiment ta' persuna minn parti tal-kumpannija għal oħra[844], ta' persuni fiżiċi f'dawn il-kategoriji li ġejjin, bil-kundizzjoni li l-fornitur tas-servizz tkun enti legali u li l-persuni konċernati kienu impjegati minnha jew kienu sħab fiha (u mhux bħala azzjonisti maġġoritarji), għal mill-inqas sena qabel it-trasferiment:	Id-direttivi Komunitarji dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi ma japplikawx għal ċitttadini ta' pajjiżi terzi. Ir-rikonoxximent ta' diplomi meħtieġa biex ċittadini mhux Komunitarji jkunu jistgħu jipprattikaw is-servizzi professjonali regolati tagħhom, jibqa' fil-prerogattiva ta' l-Istat Membru individwali, sakemm ma tistipulax mod ieħor il-liġi Komunitarja. Id-dritt li persuna tipprattika servizz professjonali regolat fi Stat Membru ma jġorrx miegħu dritt awtomatiku li dan ikun jista' jagħmel l-istess fi Stat Membru ieħor.	
	BG: In-numru ta' tali persuni m'għandux jaqbeż l-10 fil-mija tal-medja annwali ta' ċittadini Bulgari impjegati mill-persuna ġuridika Bulgara rispettiva (fejn din timpjega anqas minn 100 persuna, in-numru ta' persuni trasferiti fi ħdan il-kumpannija jista' jaqbeż l-10 fil-mija, suġġett għal awtorizzazzjoni).		
	a) Persuni li jaħdmu f'kariga għolja fi ħdan persuna ġuridika, li primarjament jidderieġu l-ġestjoni ta' l-istabbiliment, filwaqt li jkunu taħt is-sorveljanza jew id-direzzjoni ġenerali prinċipalment mill-bord tad-diretturi jew l-azzjonisti tan-negozju jew l-ekwivalenti tagħhom, inklużi: - it-tmexxija ta' l-istabbiliment jew ta' dipartiment jew sottodiviżjoni ta' l-istabbiliment; - is-sorveljanza u l-kontroll tax-xogħol ta' impjegati oħra ta' sorveljanza, professjonali jew maniġerjali; - li għandhom personalment l-awtorità li jingaġġaw u jkeċċu l-persunal jew li jirrakkomandaw l-ingaġġar, it-tkeċċija jew azzjonijiet oħra li	**<u>Rekwiżiti tar-residenza</u>** AT: Id-diretturi maniġerjali ta' fergħat jew persuni legali għandhom ikunu residenti fl-Awstrija; persuni naturali f'entità legali jew f'fergħa responsabbli mill-osservanza ta' l-Att dwar il-Kummerċ Awstrijak iridu jkunu residenti fl-Awstrija. MT: Ir-regolamenti ta' l-immigrazzjoni taħt l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217) jirregolaw il-ħruġ ta' permessi/dokumenti ta' residenza.	

[84] "Persuna trasferita fi ħdan kumpannija" hija definita bħala persuna fiżika impjegata ma' persuna legali, li mhix organizzazzjoni mingħajr skop ta' lukru, stabbilita fit-territorju taċ-Ċili, u li tkun ġiet trasferita temporanjament fil-kuntest tal-forniment ta' servizz permezz tal-preżenza kummerċjali fit-territorju ta' Stat Membru; il-persuni legali kkonċernati għandu jkollhom il-post tan-negozju prinċipali fit-territorju taċ-Ċili u t-trasferiment għandu jsir lejn stabbiliment (uffiċċju, fergħa jew entità sussidjarja) ta' dik il-persuna legali, li effettivament jipprovdi servizzi simili fit-territorju ta' Stat Membru li għalih japplika t-Trattat KE.

	jirrigwardaw il-persunal. – BG: u persuni li ma jwettqux direttament kompiti relatati mal-forniment innifsu tas-servizzi ta' l-istabbiliment,		
	RO: Persuni naturali b'karigi maniġerjali huma dawk fi ħdan organizzazzjoni bil-livell ta' edukazzjoni rilevanti li għandhom il-kompitu li jmexxu l-organizzazzjoni jew xi dipartiment jew diviżjoni tagħha.		
	b) Persuni li jaħdmu fi ħdan persuna ġuridika li għandhom għarfien mhux komuni essenzjali għas-servizz, it-tagħmir ta' riċerka, it-tekniki jew il-ġestjoni ta' l-istabbiliment. Meta ssir valutazzjoni ta' dan l-għarfien, irid jitqies mhux biss l-għarfien speċifiku għall-istabbiliment, iżda wkoll jekk il-persuna għandhiex livell għoli ta' kwalifiki li jgħoddu għat-tip ta' xogħol jew negozju li jeħtieġu għarfien tekniku speċifiku, kif ukoll jekk il-persuna tkunx membru ta' professjoni akkreditata.		
	RO: Persuni naturali f'karigi ta' esperti huma dawk il-persuni li għandhom kwalifiki universitarji fl-ispeċjalizzazzjoni tal-pożizzjoni li jokkupaw.		
	ii) il-preżenza temporanja ta' persuni naturali fil-kategoriji li ġejjin:		
	a) Persuni li mhumiex residenti fit-territorju ta' Stat Membru li għalih japplikaw it-Trattati tal-KE, li huma rappreżentanti ta' fornitur ta' servizz u li qegħdin ifittxu dħul temporanju bl-għan li jinnegozjaw il-bejgħ ta' servizzi jew li jidħlu fi ftehimiet biex ibiegħu servizzi għal dan il-fornitur tas-servizzi, fejn dawn ir-rappreżentanti mhumiex ser ibiegħu direttlill-pubbliku ġenerali jew li jfornu s-servizzi huma stess (flimkien ma' dan, għal EE, HU, LV, SI: jew f'isimhom stess jirċievu ħlas minn sors li jkun jinsab fl-Istat Membru kkonċernat).		
	b) Il-persuni f'pożizzjoni għolja fi ħdan persuna ġuridika, kif definiti f'i) a) aktar 'il fuq, li jkunu responsabbli biex jistabbilixxu preżenza kummerċjali ta' fornitur ta' servizz miċ-Cili fi Stat Membru, meta:		
	- ir-rappreżentanti ma jkunux involuti f'bejgħ jew		

	forniment ta’ servizzi dirett (flimkien ma' dan, għal EE, HU, LV, SI: jew f’isimhom infushom jirċievu rimunerazzjoni minn sors lokali fl-Istat Membru kkonċernat); u		
	- il-fornitur tas-servizz għandu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu fit-territorju taċ-Ċili u ma jkollux rappreżentant, uffiċċju, fergħa jew negozju sussidjarju ieħor f’dak l-Istat Membru.		
	FR: Id-direttur maniġerjali ta' attività industrijali, kummerċjali jew artiġjanali[85], jekk m'għandux permess ta' residenza, jeħtieġ awtorizzazzjoni speċifika.		
	IT: L-aċċess għal attivitajiet industrijali, kummerċjali u artiġjanali huwa suġġett għal permess ta' residenza u awtorizzazzjoni speċifika biex issir dik l-attività.		

[85] L-attivitajiet artiġjanali, industrijali u kummerċjali għandhom x’jaqsmu ma’ setturi bħal: servizzi kummerċjali oħra, il-kostruzzjoni, id-distribuzzjoni u s-servizzi tat-turiżmu. Mhumiex marbuta mas-servizzi finanzjarji jew ta’ telekomunikazzjoni.

II.1. OBBLIGI SPEĊIFIĊI FIS-SETTUR TAS-SERVIZZI FINANZJARJI (l-ewwel parti)[86]
1. Uħud mill-pajjiżi tal-KE (AT, BE, BG, CZ, DK, DE, ES, FI, FR, EL, HU, IE, IT, LU, NL, PT, SK, SE, UK) jaċċettaw l-obbligi fis-Servizzi Finazjarji skond id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-parti "Spjegazzjoni ta' l-Obbligi fis-Servizzi Finanzjarji" mehmuża (imsejħa "l-Ispjegazzjoni"). Dawn l-obbligi jinsabu fit-taqsima li jmiss. L-obbligi fis-Servizzi Finazjarji tal-pajjiżi l-oħra tal-KE (CY, EE, LV, LT, MT, PL, RO, SI) m'humiex ibbażati fuq l-Ispjegazzjoni, u jinsabu fit-tieni taqsima. 2. Dawn l-impenji huma soġġetti għal-limitazzjonijiet fuq l-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali fit-taqsima tas-"setturi kollha" ta' din l-iskeda u għal dawk relatati mas-subsetturi elenkati hawn taħt. 3. L-impenji dwar l-aċċess għas-suq fir-rigward tal-modalitajiet (1) u (2) japplikaw biss għat-tranżazzjonijiet indikati fil-paragrafi B.3 u B.4 tat-taqsima dwar l-aċċess għas-suq ta' l-Ispjegazzjoni rispettivament, ħlief għall-Ungerija, li fil-każ tagħha japplikaw biss għat-tranżazzjonijiet indikati fil-paragrafi B.3 (a) u (b), u B.4 (a) u (b) rispettivament. 4. Minkejja n-Nota 1 hawn fuq, l-obbligi dwar l-aċċess għas-suq u t-trattament nazzjonali fir-rigward tal-modalità (4) dwar is-servizzi finanzjarji huma dawk fit-taqsima tas-"setturi kollha" ta' din l-iskeda, minbarra għall-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, ir-Repubblika Slovakka u l-Iżvezja, li fil-każ tagħhom l-impenji jsiru skond l-Ispjegazzjoni. BG: L-obbligi speċifiċi dwar il-modalità (4) fir-rigward tas-servizzi finanzjarji huma wkoll suġġetti għal-limitazzjonijiet ġenerali li jinsabu fit-taqsima "is-setturi kollha". 5. Id-dħul fis-suq ta' servizzi u prodotti finanzjarji ġodda jista' jkun suġġett għal eżistenza ta', u l-konformità ma' qafas regolatorju bl-iskop li jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 121. 6. Bħala regola ġenerali u b'mod mhux diskriminatorju, istituzzjonijiet finanzjarji inkorporati fi Stat Membru tal-Komunità għandhom jadottaw forma ġuridika speċifika. 7. BG: Attivitajiet bankarji jew ta' assigurazzjoni, kif ukoll il-kummerċ tat-titoli u attivitajiet relatati magħhom, għandhom jitwettqu b'mod separat minn kumpanniji liċenzjati biex jipprovdu dawn is-servizzi.

[86] B'kuntrast mal-kumpaniji sussidjarji barranin, il-fergħat stabbiliti direttament fi Stat Membru minn istituzzjoni finanzjarja Ċilena m'humiex, ħlief għal xi eċċezzjonijiet limitati, suġġetti għar-regolamenti ta' prudenza armonizzati fuq livell Komunitarju li jgħinu lis-sussidjarji jibbenefikaw minn faċilitajiet aħjar biex iwaqqfu stabbilimenti ġodda u biex jipprovdu servizzi f'pajjiżi oħra madwar il-Komunità. Għaldaqstant, dawn il-fergħat jirċievu l-awtorizzazzjoni biex joperaw fit-territorju ta' Stat Membru bl-istess kundizzjonijiet li japplikaw għall-istituzzjonijiet finanzjarji lokali ta' dak l-Istat Membru, u jistgħu jkunu meħtieġa jissoddisfaw numru ta' kundizzjonijiet speċifiċi ta' prudenza bħal fil-każ tas-servizzi bankarji jew tat-titoli, tal-kapitalizzazzjoni separata, u tal-ħtiġiet ta' likwidità, u tar-rapport u l-pubblikazzjoni tal-kontijiet, jew fil-każ ta' l-assigurazzjoni, il-garanzija speċifika u l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-depożiti, il-kapitalizzazzjoni separata, u l-lokalizzazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat ta' l-assi li jirrappreżentaw ir-riżervi tekniċi u mill-inqas terz tal-marġini tal-likwidità. L-Istati Membri jistgħu japplikaw ir-restrizzjonijiet indikati f'din l-iskeda biss fir-regward tat-twaqqif dirett miċ-Ċili ta' preżenza kummerċjali, jew tal-forniment ta' servizzi transkonfinali miċ-Ċilì; għaldaqstant, Stat Membru ma jistax japplika dawn ir-restrizzjonijiet, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu mat-twaqqif tal-preżenza, għal sussidjarji Ċileni mwaqqfa fi Stati Membri oħra tal-Komunità, sakemm dawn ir-restrizzjonijiet ma jiġux applikati għall-kumpaniji jew ċittadini ta' l-Istati Membri l-oħra skond il-liġi Komunitarja.

8. HU: Servizzi ta' assigurazzjoni, servizzi bankarji, titoli u maniġment ta' l-investiment kollettiv għandhom jiġu pprovduti minn fornituri ta' servizzi finanzjarji li jkunu legalment separati u kapitalizzati independentement, għalkemm il-banek jistgħu jiġu awtorizzati jipprovdu servizzi fis-settur tat-titoli wkoll.

9. HU: Huwa maħsub li l-fergħat diretti jkunu limitati ladarba jkunu marbuta bil-GATS, u bil-kundizzjonijiet stipulati fih.

10. HU: Il-bord ta' istituzzjoni finanzjarja għandu jinkludi mill-anqas żewġ membri, ċittadini Ungeriżi, residenti fis-sens tar-regolamenti rilevanti tan-negozju fi flus barranin u li għandhom residenza permanenti fl-Ungerija għal mill-anqas sena waħda.

A. <u>Assigurazzjoni u servizzi relatati ma' l-Assigurazzjoni</u> 1. CZ: L-assigurazzjoni obbligatorja tal-vetturi kontra r-responsabbiltà lejn terzi hija pprovduta minn fornitur esklużiv[87]. L-assigurazzjoni obbligatorja tas-saħħa hija fornuta biss minn forniturilicenzjati proprjetà ta' Ċeki. 2. SK: Is-servizzi ta' assigurazzjoni segwenti huma pprovduti minn forniturи esklussivi: L-assigurazzjoni obbligatorja tal-vetturi kontra r-responsabbiltà lejn terzi persuni, l-assigurazzjoni obbligatorja tat-trasport bl-ajru, l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ta' min iħaddem kontra l-korriment jew mard fuq il-post tax-xogħol għandhom jiġu pprovduti mill-Kumpannija ta' l-Assigurazzjoni Slovakka. L-assigurazzjoni tas-saħħa bażika tingħata biss minn dawk il-kumpanniji ta' l-assigurazzjoni Slovakki li jkollhom liċenzja biex jipporvdu l-assigurazzjoni tas-saħħa maħruġa mill-Ministeru tal-Saħħa u l-Kura tar-Repubblika Slovakka skond l-Att 273/1994 Koll. tal-Liġijiet. L-iskemi ta' assigurazzjoni f'fond tal-pensjonijiet u l-assigurazzjoni kontra l-mard jiġu pprovduti biss mill-Kumpannija ta' Assigurazzjoni Soċjali.			
	1) AT: L-attività promozzjonali u l-intermedjazzjoni f'isem kumpannija sussidjarja mhux stabbilita fil-Komunità jew f'isem fergħa mhux stabbilita fl-Awstrija (ħlief għar-riassigurazzjoni u għar-retroċessjoni) huma pprojbiti. AT: L-assigurazzjoni mandatorja tat-trasport bl-ajru tista' tkun sottoskritta biss minn sussidjarju stabbilit fil-Komunità jew minn fergħa stabbilita fl-Awstrija. BG: Għal servizzi ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja u servizzi ta' fond ta' pensjoni u servizzi ta' assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja (ħlief assigurazzjoni ta' depożitu u skemi ta' kumpens simili, kif ukoll skemi ta' assigurazzjoni obbligatorja[88]): M'hemmx obbligi, ħlief għal servizzi pprovduti minn forniturи barranin lil persuni barranin fit-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija. Assigurazzjoni tat-trasport li tkopri l-oġġetti, assigurazzjoni tal-vetturi bħala tali u assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà rigward riskji li jseħħu fir-	1) AT: Trid titħallas taxxa ogħla fuq il-primjum għall-kuntratti (ħlief għall-kuntratti ta' riassigurazzjoni u ta' retroċessjoni) sottoskritti minn kumpannija sussidjarja li mhux stabbilita fil-Komunità jew minn fergħa li mhux stabbilita fl-Awstrija. Hemm possibiltà li tingħata eżenzjoni mit-taxxa ogħla. BG: M'hemmx obbligi għal servizzi ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja u servizzi ta' assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja, intermedjazzjoni ta' l-assigurazzjoni u servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni, bħall-konsulenza, l-attwarju, u servizzi ta' stima tar-riskju u ta' ftehim fuq klejms.	Uħud mill-pajjiżi tal-KE (AT, BE, DK, DE, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, NL, PT, SE, UK) taċċetta l-obbligi miżjuda kif jidhru mehmużin fl-"Obbligi miżjuda aċċettati minn uħud mill-pajjiżi tal-KE" .

[87] CZ: Meta d-drittijiet ta' monopolju li jirrigwardaw l-assigurazzjoni obbligatorja tal-vetturi kontra r-responsabbiltà lejn terzi jitneħħew, il-forniment ta' dan is-servizz ikun miftuħ fuq bażi mhux diskriminatorja għal forniturи stabbiliti Ċeki.

[88] Għal skemi ta' assigurazzjoni obbligatorji jistgħu jitwaqqfu jew jiġu awtorizzati forniturи ta' servizz esklussivi.

	Repubblika tal-Bulgarija ma jistgħux jiġu sottoskritti direttament minn kumpanniji ta’ l-assigurazzjoni barranin. Kumpannija ta' l-assigurazzjoni barranija tista' tikkonkludi kuntratti ta' assigurazzjoni biss permess ta' fergħa. M'hemmx obbligi għall-assigurazzjoni ta' depożitu u skemi simili ta' kumpens, kif ukoll skemi ta' assigurazzjoni obbligatorja. M'hemmx obbligi għal servizzi ta' riassigurazzjoni u retroċessjoni minbarra servizzi ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja u mhux. BG: M'hemmx obbligi għall-intermedjazzjoni ta' l-assigurazzjoni u servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni, bħall-konsulenza, l-attwarju, u servizzi ta’ stima tar-riskju u ta’ ftehim fuq klejms. CZ: L-ebda obbligu ħlief: Fornituri tas-servizzi finanzjarji barranin jistgħu jistabbilixxu kumpannija ta’ l-assigurazzjoni bis-sede tagħha fir-Repubblika Ċeka bħala kumpannija azzjonarja jew jistgħu jagħtu servizz ta’ assigurazzjoni permezzz tal-fergħat tagħhom li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat fir-Repubblica Ċeka skond il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-Att dwar l-Industrija ta’ l-Assigurazzjoni Għal fornitur tas-servizzi ta’ l-assigurazzjoni jinħtieġu preżenza kummerċjali u awtorizzazzjoni: - sabiex jipprovdi tali servizzi inkluża r-riassigurazzjoni, u - sabiex jikkonkludi kuntratt ta' intermedjazzjoni ma' intermedjarju bil-għan li jiġi konkluż kuntratt ta' assigurazzjoni bejn il-fornitur tas-servizzi ta' assigurazzjoni u parti terza.	M’hemmx obbligi rigward servizzi ta’ riassigurazzjoni u retroċessjoni li m’humiex servizzi ta’ riassigurazzjoni fuq il-ħajja u mhux.	

	L-intermedijarju jrid ikollu l-awtorizzazzjoni meħtieġa biex tiġi provduta l-intemedjazzjoni għal fergħa bl-uffiċċju reġistrat tagħha fir-Repubblika Ċeka.		
	DK: L-assigurazzjoni obbligatorja għat-trasport bl-ajru tista' tkun sottoskritta biss minn ditti stabbiliti fil-Komunità. DK: L-ebda persuna jew kumpannija (inklużi l-kumpanniji ta' l-assigurazzjoni), għal skopijiet ta' negozju fid-Danimarka, ma jistgħu jagħtu sehemhom biex jiġi provdut direttament servizz ta' l-assigurazzjoni għal persuni residenti fid-Danimarka, għal bastimenti Daniżi, jew għal proprjetà fid-Danimarka, ħlief għal dawk il-kumpanniji ta' l-assigurazzjoni li tinħarġilhom liċenzja skond il-liġi Daniża jew mill-awtoritajiet Daniżi kompetenti.		
	DE: Il-poloz ta' l-assigurazzjoni obbilgatorja għat-trasport bl-ajru jistgħu jkunu sottoskritti biss minn kumpannija sussidjarja stabbilita fil-Komunità jew minn fergħa stabbilita fil-Ġermanja.		
	DE: Jekk kumpannija barranija ta' l-assigurazzjoni tistabbilixxi fergħa fil-Ġermanja, din tista' tissottoskrivi kuntratti ta' l-assigurazzjoni għat-trasport internazzjonali biss permezz tal-fergħa stabbilita fil-Ġermanja. IT: M'hemmx obbligi għall-professjoni attwarjali. FI: Dawk l-assiguraturi biss li għandhom l-uffiċċju ewlieni tagħhom fiż-Żona Ekonomika Ewropea jew li għandhom il-fergħa tagħhom fil-Finlandja jistgħu joffru servizzi ta' assigurazzjoni kif imsemmi fis-subparagrafu 3 (a) tal-Ftehim.		
	FI: Il-provvista ta' servizzi ta' *brokers* ta' l-assigurazzjoni tiddependi minn jekk dawn ikollhomx post tan-		

	negozju permanenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea. FR: L-assigurazzjoni tar-riskji marbuta mat-trasport fuq l-art tista' ssir biss minn ditti ta' l-assigurazzjoni stabbiliti fil-Komunità.		
	IT: L-assigurazzjoni għat-trasport tal-merkanzija, l-assigurazzjoni tal-vetturi bħala tali u l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà tar-riskji fl-Italja jistgħu jkunu sottoskritti biss minn kumpanniji ta' l-assigurazzjoni stabbiliti fil-Komunità. Din ir-riżerva ma tapplikax għat-trasport internazzjonali li jinvolvi l-importazzjoni lejn l-Italja. SK: Il-preżenza kummerċjali fil-pajjiż hija meħtieġa għall-provvista ta': - assigurazzjoni fuq il-ħajja ta' persuni b'residenza permanenti fir-Repubblika Slovakka; - assigurazzjoni ta' proprjetà fit-territorju tar-Repubblika Slovakka; - assigurazzjoni ta' responsabbiltà għal telf jew ħsara kkawżati minn attività ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi fit-territorju tar-Repubblika Slovakka; - assigurazzjoni ta' l-ajru u dik marittima, li tkopri merkanzija, ajruplani, bastimenti u responsabbiltà. SE: Il-provvista ta' assigurazzjoni diretta hija permessa biss permezz ta' fornitur ta' servizz ta' l-assigurazzjoni awtorizzat fl-Iżvezja, bil-kundizzjoni li l-fornitur barrani tas-servizz u l-kumpannija ta' l-assigurazzjoni Żvediża jkunu proprjetà ta' l-istess grupp ta' kumpanniji jew għandhom ftehim ta' kooperazzjoni bejniethom.		

	2) AT: L-attività promozzjonali u l-intermedjazzjoni f'isem kumpannija sussidjarja mhux stabbilita fil-Komunità jew f'isem fergħa mhux stabbilita fl-Awstrija (ħlief għar-riassigurazzjoni u għar-retroċessjoni) huma pprojbiti. AT: L-assigurazzjoni obbligatorja tat-trasport bl-ajru tista tiġi sottoskrita biss minn sussidjarju bi preżenza stabbilita fil-Komunità jew permezz ta' fergħa fl-Awstrija. BG: Għal servizzi ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja u servizzi ta' fond ta' pensjoni u servizzi ta' assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja (ħlief assigurazzjoni ta' depożitu u skemi ta' kumpens simili, kif ukoll skemi ta' assigurazzjoni obbligatorja[89]): Persuni fiżiċi u ġuridiċi Bulgari, kif ukoll persuni barranin li jmexxu attività ta' negozju fit-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija, jistgħu jikkonkludu kuntratti ta' assigurazzjoni biss ma' fornituri, fir-rigward ta' l-attività tagħhom fil-Bulgarija, li huma liċenzjati li jmexxu attività ta' assigurazzjoni fil-Bulgarija. Il-kumpens ta' assigurazzjoni li jirriżulta minn dawn il-kuntratti għandu jitħallas fil-Bulgarija. BG: M'hemmx obbligi għall-assigurazzjoni ta' depożitu u skemi simili ta' kumpens, kif ukoll skemi ta' assigurazzjoni obbligatorja. BG: M'hemmx obbligi għas-servizzi ta' riassigurazzjoni u retroċessjoni, l-intermedjazzjoni ta' l-assigurazzjoni u servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni, bħall-konsulenza, l-attwarju, u servizzi ta' stima tar-riskju u ta' ftehim fuq klejms.	2) AT: Trid titħallas taxxa ogħla fuq il-primjum għall-kuntratti (ħlief għall-kuntratti ta' riassigurazzjoni u ta' retroċessjoni) sottoskritti minn kumpannija sussidjarja li mhix stabbilita fil-Komunità jew minn fergħa li mhix stabbilita fl-Awstrija. Hemm possibiltà li tingħata eżenzjoni mit-taxxa ogħla. BG: M'hemmx obbligi għas-servizzi ta' riassigurazzjoni u retroċessjoni, l-intermedjazzjoni ta' l-assigurazzjoni u servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni, bħall-konsulenza, l-attwarju, u servizzi ta' stima tar-riskju u ta' ftehim fuq klejms.	

[89] Għal skemi ta' assigurazzjoni obbligatorja jistgħu jitwaqqfu jew jiġu awtorizzati fornituri ta' servizz esklussivi.

	CZ: L-ebda obbligu ħlief: Is-servizzi ta’ l-assigurazzjoni kif definiti hawn taħt ma jistgħux jinxtraw minn barra l-pajjiż. - Assigurazzjoni fuq il-ħajja ta' persuni b'residenza permanenti fir-Repubblika Ċeka, - assigurazzjoni ta' proprjetà fit-territorju tar-Repubblika Ċeka, - assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà għal telf jew ħsara kkawżati minn attività ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi fit-territorju tar-Repubblika Ċeka. DK: L-assigurazzjoni obbligatorja għat-trasport bl-ajru tista’ tkun sottoskritta biss minn ditti stabbiliti fil-Komunità. DK: L-ebda persuna jew kumpannija (inklużi l-kumpanniji ta’ l-assigurazzjoni), għal skopijiet ta’ negozju fid-Danimarka, ma jistgħu jagħtu sehemhom biex jiġi provdut direttament servizz ta’ l-assigurazzjoni għal persuni residenti fid-Danimarka, għal bastimenti Daniżi, jew għal proprjetà fid-Danimarka, ħlief għal dawk il-kumpanniji ta’ l-assigurazzjoni li tinħarġilhom liċenzja skond il-liġi Daniża jew mill-awtoritajiet Daniżi kompetenti. DE: Il-poloz ta’ l-assigurazzjoni obbilgatorja għat-trasport bl-ajru jistgħu jkunu sottoskritti biss minn kumpannija sussidjarja stabbilita fil-Komunità jew minn fergħa stabbilita fil-Ġermanja.		
	DE: Jekk kumpannija barranija ta’ l-assigurazzjoni tistabbilixxi fergħa fil-Ġermanja, din tista’ tissottoskrivi kuntratti ta’ l-assigurazzjoni għat-trasport internazzjonali biss permezz tal-fergħa		

	stabbilita fil-Ġermanja. FR: L-assigurazzjoni tar-riskji marbuta mat-trasport fuq l-art tista' ssir biss minn ditti ta' l-assigurazzjoni stabbiliti fil-Komunità. IT: L-assigurazzjoni għat-trasport tal-merkanzija, l-assigurazzjoni tal-vetturi bħala tali u l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà tar-riskji fl-Italja jistgħu jkunu sottoskritti biss minn kumpanniji ta' l-assigurazzjoni stabbiliti fil-Komunità. Din ir-riżerva ma tapplikax għat-trasport internazzjonali li jinvolvi l-importazzjoni lejn l-Italja. SK: Is-servizzi ta' l-assigurazzjoni koperti bil-modalità (1), ħlief għall-assigurazzjoni għat-trasport bl-ajru u bil-baħar, li tkopri l-merkanzija, l-inġenji ta' l-ajru, il-korpi tal-bastimenti u r-responsabbiltà ma jistgħux jinxtraw minn barra l-pajjiż.		
	3) AT: Il-liċenzja għall-fergħat ta' assiguraturi barranin ma tinħariġx jekk l-assiguratur, f'pajjiżu stess, ma jkollux il-forma legali li tikkorrispondi jew tkun paragonabbli ma' kumpannija azzjonarja jew assoċjazzjoni mutwa ta' l-assigurazzjoni. BG: Għal servizzi ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja u servizzi ta' fond ta' pensjoni u servizzi ta' assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja (ħlief assigurazzjoni ta' depożitu u skemi ta' kumpens simili, kif ukoll skemi ta' assigurazzjoni obbligatorja[90]): Il-fornituri tas-	3) BG: Għal servizzi ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja u servizzi ta' fond ta' pensjoni u servizzi ta' assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja (ħlief assigurazzjoni ta' depożitu u skemi ta' kumpens simili, kif ukoll skemi ta' assigurazzjoni obbligatorja[91]): Fondi ta' assigurazzjoni li jirriżultaw minn kuntratti ta' assigurazzjoni, kif ukoll kapital proprju, għandhom ikunu investiti fir-Repubblika tal-Bulgarija u jistgħu jiġu trasferiti barra l-pajjiż biss b'permess mill-Kummissjoni ta' Sorveljanza Finanzjarja. Fornituri barranin ma jistgħux jikkonkludu	

[90] Għal skemi ta' assigurazzjoni obbligatorja jistgħu jitwaqqfu jew jiġu awtorizzati fornituri ta' servizz esklussivi.
[91] Għal skemi ta' assigurazzjoni obbligatorja jistgħu jitwaqqfu jew jiġu awtorizzati fornituri ta' servizz esklussivi.

	servizzi ta' l-assigurazzjoni ma jistgħux ikunu stabbiliti għaż-żewġ servizzi ta' l-assigurazzjoni tal-ħajja u dik mhux tal-ħajja. Persuni barranin jistgħu jipprovdu servizzi ta' assigurazzjoni biss permezz ta' parteċipazzjoni f'kumpanniji Bulgari bl-ebda limitu ta' parteċipazzjoni azzjonarja, kif ukoll direttament, permezz ta' fergħa, b'uffiċċju reġistrat fir-Repubblika tal-Bulgarija. Biex jiġu stabbiliti fergħat ta' kumpanniji ta' l-assigurazzjoni barranin tinħtieġ liċenzja mill-Kummissjoni ta' Sorveljanza Finanzjarja. Sabiex jistabbilixxu fergħa fil-Bulgarija biex jipprovdu ċerti klassijiet ta' assigurazzjoni, l-assiguraturi barranin għandu jkollhom l-awtorizzazzjoni biex joperaw fl-istess klassijiet ta' assigurazzjoni fil-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom għal mill-inqas ħames snin. Il-fergħat ta' kumpanniji ta' assigurazzjoni barranin għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin: Rekwiżiti ta' garanziji u depożiti speċifiċi, kapitalizzazzjoni separata, u lokalizzazzjoni fir-Repubblika tal-Bulgarija ta' l-assi li jirrappreżentaw ir-riżervi tekniċi. Assigurazzjoni tat-trasport li tkopri l-oġġetti, assigurazzjoni tal-vetturi bħala tali u assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà rigward riskji li jseħħu fir-Repubblika tal-Bulgarija ma jiistgħux jiġu sottoskritti direttament minn kumpanniji ta' l-assigurazzjoni barranin. Kumpannija ta' l-assigurazzjoni barranija tista' tikkonkludi kuntratti ta' assigurazzjoni biss permess ta' fergħa. BG: M'hemmx obbligi għall-assigurazzjoni ta' depożitu u skemi simili ta' kumpens, kif ukoll skemi ta' assigurazzjoni obbligatorja. BG: M'hemmx obbligi għal serizzi ta' riassigurazzjoni u retroċessjoni minbarra servizzi ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja u mhux. Il-forniturі tas-servizzi ta' l-assigurazzjoni ma jistgħux ikunu stabbiliti għaż-żewġ servizzi ta' riassigurazzjoni tal-ħajja u dik mhux tal-	kuntratti ta' assigurazzjoni ma' persuni fiżiċi u ġuridiċi lokali permezz ta' *brokers*. BG: M'hemmx obbligi għall-assigurazzjoni ta' depożitu u skemi simili ta' kumpens, kif ukoll skemi ta' assigurazzjoni obbligatorja. BG: M'hemmx obbligi rigward servizzi ta' riassigurazzjoni li m'humiex fuq il-ħajja jew le. Għal servizzi ta' riassigurazzjoni fuq il-ħajja u mhux fuq il-ħajja: fondi ta' assigurazzjoni li jirriżultaw minn kuntratti ta' assigurazzjoni, kif ukoll kapital proprju, għandhom ikunu investiti fir-Repubblika tal-Bulgarija u jistgħu jiġu trasferiti barra l-pajjiż biss b'permess mill-Kummissjoni ta' Sorveljanza Finanzjarja. Forniturі barranin ma jistgħux jikkonkludu kuntratti ta' assigurazzjoni ma' persuni fiżiċi u ġuridiċi lokali permezz ta' *brokers*. SK: Il-maġġoranza tal-bord maniġerjali ta' kumpannija ta' l-assigurazzjoni trid tkun domiċiljata fir-Repubblika Slovakka. SE: L-intrapriżi li ma jipprovdux l-assigurazzjoni fuq il-ħajja li m'humiex inkorporati fl-Iżvezja u li jipprovdu servizz fl-Iżvezja huma - minflok intaxxati fuq ir-riżultat nett - suġġetti għat-taxxa bbażata fuq id-dħul mill-primjums minn operazzjonijiet ta' assigurazzjoni diretta. SE: Fundatur ta' kumpannija ta' l-assigurzzjoni jrid ikun persuna fiżika residenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea jew entità legali inkorporata fiż-Żona Ekonomika Ewropea.	

	ħajja. Persuni barranin jistgħu jipprovdu servizzi ta' assigurazzjoni biss permezz ta' parteċipazzjoni f'kumpanniji Bulgari bl-ebda limitu ta' parteċipazzjoni azzjonarja, kif ukoll direttament, permezz ta' fergħa, b'uffiċċju reġistrat fir-Repubblika tal-Bulgarija. Kumpanniji ta' riassigurazzjoni barranin jistgħu jipprovdu riassigurazzjoni diretta, permezz ta' fergħa, b'uffiċċju reġistrat fir-Repubblika tal-Bulgarija. Biex jiġu stabbiliti fergħat ta' kumpanniji ta' l-assigurazzjoni barranin tinħtieġ liċenzja mill-Kummissjoni ta' Sorveljanza Finanzjarja. BG: M'hemmx obbligi għall-intermedjazzjoni ta' l-assigurazzjoni u servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni, bħall-konsulenza, l-attwarju, u servizzi ta' stima tar-riskju u ta' ftehim fuq klejms. Kumpanniji tal-kummerċ, reġistrati fir-Repubblika tal-Bulgarija taħt il-Liġi tal-Kummerċ, u liċenzjati mill-Kummissjoni ta' Sorveljanza Finanzjarja jistgħu jwettqu attività intermedjarja. Servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni għandhom ikunu relatati ma' l-assigurazzjoni. M'hemmx obbligi rigward il-professjoni attwarjali. CZ: L-ebda obbligu ħlief: Fornituri tas-servizzi finanzjarji barranin jistgħu jistabbilixxu kumpannija ta' l-assigurazzjoni bis-sede tagħha fir-Repubblika Ċeka bħala kumpannija azzjonarja jew jistgħu jagħtu servizz ta' assigurazzjoni permezzz tal-fergħat tagħhom li jkollhom l-uffiċċju rreġistrat fir-Repubblica Ċeka skond il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-Att dwar l-Industrija ta' l-Assigurazzjoni Għal fornitur tas-servizzi ta' l-assigurazzjoni jinħtieġu		

	preżenza kummerċjali u awtorizzazzjoni: - sabiex jipprovdi tali servizzi inkluża r-riassigurazzjoni, u - sabiex jikkonkludi kuntratt ta' intermedjazzjoni ma' intermedjarju bil-għan li jiġi konkluż kuntratt ta' assigurazzjoni bejn il-fornitur tas-servizzi ta' assigurazzjoni u parti terza.		
	L-intermedijarju jrid ikollu l-awtorizzazzjoni meħtieġa biex tiġi provduta l-intemedjazzjoni għal fergħa bl-uffiċċju reġistrat tagħha fir-Repubblika Ċeka.		
	FI: Id-direttur maniġerjali, mill-inqas awditur wieħed u mill-inqas nofs il-promoturi u l-membri tal-board tad-diretturi u l-bord ta' sorveljanza ta' kumpannija ta' l-assigurazzjoni jridu jkunu residenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea, sakemm ma tingħatax eżenzjoni mill-Ministeru għall-Politika Soċjali u s-Saħħa. FI: L-assiguraturi barranin ma tistax tinħarġilhom liċenzja fil-Finlandja bħala fergħa biex jipprovdu servizzi ta' assigurazzjoni soċjali statutorji (pensjonijiet statutorji ibbażati fuq l-assigurazzjoni, assigurazzjoni statutorja fil-każ ta' inċidenti).		
	FR: It-twaqqif tal-fergħat huwa suġġett għal awtorizzazzjoni speċjali għar-rappreżentant tal-fergħa. EL: Id-dritt ta' stabbiliment ma jkoprix il-ħolqien ta' uffiċċji rapreżentattivi jew permanenzi oħra ta' kumpanniji ta' l-assigurazzjoni, ħlief fejn dawn l-uffiċċji jkunu stabbiliti bħala aġenziji, fergħat jew uffiċċji ċentrali. IT: L-aċċess għall-professjoni attwarja jingħata biss lil persuni fiżiċi. Assoċjazzjonijiet professjonali (mhux inkorporazzjoni) bejn persuni fiżiċi huma permessi.		

	IT: L-awtorizzazzjoni għat-twaqqif tal-fergħat hija fl-aħħar mill-aħħar suġġetta għall-valutazzjoni ta' l-awtoritajiet ta' sorveljanza.. IE: Id-dritt ta' stabbiliment ma jkoprix il-ħolqien ta' uffiċċji rappreżentattivi..		
	SK: Tinħtieġ liċenzja għall-forniment tas-servizzi ta' l-assigurazzjoni. Ċittadini barranin jistgħu jwaqqfu kumpannija ta' l-assigurazzjoni bis-sede fir-Repubblika Slovakka bħala kumpannija azzjonarja jew jipprovdu servizz ta' l-assigurazzjoni permezz tal-kumpanniji sussidjarji tagħhom b'uffiċċju reġistrat fir-Repubblika Slovakka skond il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fil-Liġi dwar l-Assigurazzjoni. In-negozju ta' l-assigurazzjoni jfisser l-attività ta' l-assigurazzjoni inklużi l-attivitajiet tal-*brokers* u ta' riassigurazzjoni.		
	L-attività ta' l-intermedjazzjoni bl-iskop li jiġi konkluż kuntratt bejn terzi persuni u l-kumpannija ta' l-assigurazzjoni tista' titwettaq minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkunu residenti fir-Repubblika Slovakka għall-benefiċċju tal-kumpannija ta' l-assigurazzjoni li jkollha l-awtorizzazzjoni ta' l-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-Assigurazzjoni.		
	Il-kuntratt ta' intermedjazzjoni bl-iskop li jsir kuntratt ta' l-assigurazzjoni bejn terzi persuni u l-kumpannija ta' l-assigurazzjoni jista' jsir biss wara li jkun ingħata l-permess mill-Awtorità ta' Sorveljanza ta' l-Assigurazzjoni.		
	Ir-riżorsi finanzjarji ta' fondi ta' l-assigurazzjoni speċifiċi ta' operaturi ta' l-assigurazzjoni awtorizzati li jkunu ġejjin minn min għandu l-poloz ta' l-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, u li huma residenti jew għandhom l-uffiċċju reġistrat fir-Repubblika Slovakka, iridu jiġu depożitati f'bank residenti fir-Repubblika Slovakka u ma jistgħux jiġu trasferiti 'l barra mill-pajjiż.		

	SE: L-intrapriżi li jipprovdu servizz ta' *brokers* fl-assigurazzjoni u li m'humiex inkorporati fl-Iżvezja jistgħu jistabbilixxu preżenza kummerċjali biss bil-ftuħ ta' fergħa..		
	4) M'hemmx obbligi ħlief għal kif indikat fit-taqsima orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal-limitazzjonijiet speċifiċi kif ġej: BG: M'hemmx obbligi għal servizzi li m'humiex servizzi ta' riassigurazzjoni fuq il-ħajja u mhux. M'hemmx obbligi għall-intermedjazzjoni ta' l-assigurazzjoni u servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni, bħall-konsulenza, l-attwarju, u servizzi ta' stima tar-riskju u ta' ftehim fuq klejms. EL: Il-maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi ta' kumpannija stabbilita fil-Greċja jridu jkunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Komunità.	4) M'hemmx obbligi ħlief għal kif indikat fit-taqsima orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal-limitazzjonijiet speċifiċi kif ġej: AT: L-amministrazzjoni tal-fergħa trid tikkonsisti f'żewġ persuni fiżiċi residenti fl-Awstrija. BG: M'hemmx obbligi għal servizzi li m'humiex servizzi ta' riassigurazzjoni fuq il-ħajja u mhux. M'hemmx obbligi għall-intermedjazzjoni ta' l-assigurazzjoni u servizzi awżiljari għall-assigurazzjoni, bħall-konsulenza, l-attwarju, u servizzi ta' stima tar-riskju u ta' ftehim fuq klejms. DK: L-aġent ġenerali ta' fergħa ta' l-assigurazzjoni jrid ikun residenti fid-Danimarka matul l-aħħar sentejn sakemm ma jkunx ċittadin ta' wieħed mill-Istati Membri tal-Komunità. Il-Ministru għall-Kummerċ u l-Industrija jista' jagħti eżenzjoni. . DK: Rekwiżit tar-residenza għall-maniġers u għall-membri tal-bord tad-diretturi ta' kumpannija. Madankollu, il-Ministru għall-Kummerċ u l-Industrija jista' jagħti eżenzjoni minn din il-kundizzjoni. L-eżenzjoni tingħata fuq bażi mhux diskriminatorja. IT: Rekwiżit tar-residenza għall-professjoni attwarja.	

B. Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) 1. CZ: Servizzi ta' ħruġ tal-flus mhux mill-Bank Ċentrali, il-kummerċ fl-ingotti tad-deheb, is-senserija tal-flus, il-ħlas u s-sistemazzjoni ta' prodotti derivattivi, u s-servizzi ta' konsulenza, intermedjazzjoni u servizzi finanzjarji anċillari oħra li għandhom x'jaqsmu ma' dawn l-attivitajiet m'humiex kommessi. 2. SK: Il-kummerċ fl-ingotti tad-deheb, is-senserija tal-flus, u l-intermedjazzjoni m'humiex kommessi.			
	1)[92] BE: Jinħtieġ stabbiliment fil-Belġju biex jingħataw servizzi ta' konsultazzjoni dwar l-investiment. BG: M'hemmx obbligi ħlief għall-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u softwer relatat minn fornituri ta' servizzi finanzjarji oħra u servizzi ta' konsulenza finanzjarja; L-ebda obbligu, ħlief għal-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet relatati ma' l-użu ta' netwerk tal-komunikazzjoni elenkata fis-settur rispettiv ta' l-Iskeda ta' Obbligi Speċifiċi fuq is-Servizzi. IT: M'hemmx obbligi għall-"promotori di servizi finanziari" (bejjiegħa tas-servizzi finanzjarji). CZ: M'hemmx obbligi għan-negozju ta' titoli trasferibbli u titoli oħra u assi finanzjarji negozjabbli, il-parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull forma ta' titolu, il-maniġment ta' l-assi, u l-ħlas u s-sistemazzjoni ta' assi finanzjarji. L-ebda obbligu ħlief: Il-banek stabbiliti Ċeki u l-fergħat ta' banek barranin li jkollhom l-awtorizzazzjoni meħtieġa biss jistgħu:	1) BG: M'hemmx obbligi ħlief għall-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u softwer relatat minn fornituri ta' servizzi finanzjarji oħra u servizzi ta' konsulenza finanzjarja; L-ebda obbligu.	Uħud mill-pajjiżi tal-KE (AT, BE, DK, DE, ES, FI, FR, EL, IE, IT, LU, NL, PT, SE, UK) taċċetta l-obbligi miżjuda kif jidhru mehmużin fl-"Obbligi miżjuda aċċettati minn uħud mill-pajjiżi tal-KE" .

[92] IT: Il-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja li jinvolvu l-kummerċ ta' strumenti finanzjarji jistgħu jiġu pprojbiti fejn il-protezzjoni ta' l-investituri tista' titqiegħed fil-periklu. Il-banek u d-ditti ta' l-investiment awtorizzati biss għandhom ikunu konformi mar-regoli tan-negozju fl-għoti ta' pariri dwar l-investimenti li jikkonċernaw titoli finanzjarji u pariri lill-intrapriżi dwar l-istruttura kapitali, l-istrateġija industrijali u ħwejjeġ relatati oħra, kif ukoll pariri u servizzi marbuta ma' l-amalgamazzjoni u l-akkwist ta' l-intrapriżi. L-attività ta' konsulenza m'għandiex tinkludi wkoll il-ġestjoni ta' l-assi.

	- jipprovdu servizzi ta' depożitu; - jinnegozjaw assi fi flus barranin; - iħallsu pagamenti transkonfinali mhux fi flus kontanti.		
	Jinħtieġ il-permess għall-kambju ta' flus barranin maħruġ mill-Bank Nazzjonali Ċek jew mill-Ministeru tal-Finanzi fil-każ ta' residenti Ċeki mhux bankarji biex: (a) jiftħu u jiffinanzjaw kont barra l-pajjiż minn residenti Ċeki, (b) iwettqu pagamenti ta' kapital barra l-pajjiż (minbarra Investiment Dirett Barranin)		
	(ċ) jagħtu krediti finanzjarji u ta' garanziji, (d) operazzjonijiet f'derivati finanzjarji,		
	(e) jakkwistaw titoli barranin ħlief fil-każijiet deskritti fl-Att dwar il-Kambju,		
	(f) joħorġu titoli barranin għal kummerċ pubbliku u mhux fir-Repubblika Ċeka jew l-introduzzjoni tagħhom fis-suq domestiku.		
	IE: Biex jiġu pprovduti servizzi ta' investiment jew ta' pariri dwar l-investimenti fl-Irlanda, jinħtieġu jew (I) l-awtorizzazzjoni li normalment titlob li l-entità tkun inkorporata jew li tkun soċjetà, jew negozjant uniku, u f'kull każ bis-sede jew b'uffiċċju reġistrat fl-Irlanda (l-awtorizzazzjoni ma tkunx meħtieġa f'ċerti każi, per eżempju, fil-każ ta' fornitur ta' servizz minn pajjiż terz li ma jkollux preżenza kummerċjali fl-Irlanda u s-servizz ma jingħatax lil persuni privati), jew (II) l-awtorizzazzjoni fi		

	Stat Membru ieħor b'konformità mad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' l-Investiment fil-KE.		
	SK: M'hemmx obbligi għan-negozju ta' titoli trasferibbli u titoli oħra u assi finanzjarji negozjabbli, il-partiċipazzjoni fil-ħruġ ta' kull forma ta' titolu, il-maniġment ta' l-assi, u l-ħlas u s-sistemazzjoni ta' assi finanzjarji.		
	L-ebda obbligu ħlief: (i) Is-servizzi ta' depożitu huma limitati għall-banek domestiċi u fergħat ta' banek barranin fir-Repubblika Slovakka.		
	(ii) Huma biss banek domestiċi awtorizzati, fergħat ta' banek barranin fir-Repubblika Slovakka u persuni li għandhom liċenzja għal negozju fil-kambju ta' flus barranin li jistgħu jinnegozjaw f'assi ta' negozju fi flus barranin. Membri tal-borża biss jistgħu jinnegozjaw fil-Borża ta' Bratislava. Ir-residenti jistgħu jinnegozjaw fuq is-Sistema-RM Slovakia mingħajr limitu waqt li min mhux resident jista' jinnegozja biss permezz ta' sensara tat-titoli.		
	(iii) Pagamenti transkonfinali mhux fi flus kontanti jistgħu jsiru biss minn banek domestiċi awtorizzati u fergħat ta' banek barranin fir-Repubblika Slovakka.		
	(iv) Tinħtieġ liċenzja għal negozju fi flus barranin maħruġa mill-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja biex: (a) Jinfetaħ kont barra l-pajjiż minn resident Slovakk (banek esklużi), ħlief għal persuni fiżiċi matul waqfa barra l-pajjiż.		
	(b) isiru pagamenti ta' kapital barra l-pajjiż; (ċ) jinkiseb kreditu finanzjarju minn entitajiet mhux residenti fil-pajjiż fis-suq tal-kambju ta' flus barranin; minbarra krediti minn barra l-pajjiż aċċettati mir-residenti		

	b'perjodu għall-ħlas lura ta' aktar minn 3 snin u self mogħti bejn persuni fiżiċi għal attivitajiet mhux ta' negozju.		
	(v) L-esportazzjoni u l-importazzjoni tal-munita Slovakka u negozju fi flus barranin f'kontanti li jaqbżu l-valur ta' 150 elf SKK u ingotti, huma suġġetti għal rekwiżit ta' rrapurtar.		
	(vi) Permess jew liċenzja ta' negozju fi flus barranin maħruġa minn awtoritajiet ta' negozju fi flus barranin mitluba għal depożitu ta' assi finanzjarji minn residenti barra l-pajjiż.		
	(vii) Entitajiet li jaħdmu fis-suq tal-kambju stabbiliti fir-Repubblika Ċeka biss jistgħu jagħtu u jirċievu garanziji u jerfgħu responsabbiltajiet skond il-limiti u l-provvedimenti tal-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja.		
	2)[93] BG: M'hemmx obbligi ħlief għall-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u softwer relatat minn fornituri ta' servizzi finanzjarji oħra u servizzi ta' konsulenza finanzjarja; M'hemmx obbligi, ħlief kif indikat taħt 1) hawn fuq. CZ: M'hemmx obbligi għall-maniġment ta' l-assi. L-ebda obbligu ħlief: Il-banek stabbiliti Ċeki u l-fergħat ta' banek barranin li jkollhom l-awtorizzazzjoni meħtieġa biss jistgħu:	2) BG: M'hemmx obbligi ħlief għall-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u softwer relatat minn fornituri ta' servizzi finanzjarji oħra u servizzi ta' konsulenza finanzjarja; L-ebda obbligu.	
	- jipprovdu servizzi ta' depożitu;		

[93] IT: Il-persuni awtorizzati biex jipprovdu servizz ta' maniġment ta' l-assi kollettivi jitqiesu li jkunu responsabbli għal kull attività ta' investiment li jagħmlu l-konsulenti delegati minnhom (il-maniġment ta' l-assi kollettivi, eskluži l-UCITS).

	- jinnegozjaw assi fi flus barranin; - iħallsu pagamenti transkonfinali mhux fi flus kontanti.		
	Jinħtieġ il-permess għall-kambju ta' flus barranin maħruġ mill-Bank Nazzjonali Ċek jew mill-Ministeru tal-Finanzi fil-każ ta' residenti Ċeki mhux bankarji biex:		
	(a) jiftħu u jiffinanzjaw kont barra l-pajjiż minn residenti Ċeki, (b) iwettqu pagamenti ta' kapital barra l-pajjiż (minbarra Investiment Dirett Barranin) (ċ) għoti ta' krediti finanzjarji u ta' garanziji,		
	(d) operazzjonijiet f'derivati finanzjarji, (e) akkwist ta' titoli barranin ħlief fil-każijiet deskritti fl-Att dwar il-Kambju,		
	(f) joħorġu titoli barranin għal kummerċ pubbliku u mhux fir-Repubblika Ċeka jew l-introduzzjoni tagħhom fis-suq domestiku.		
	FI: Il-ħlasijiet minn entitajiet governattivi (spejjeż) iridu jgħaddu minn Sampo Bank Ltd. Eżenzjoni minn din il-kundizzjoni tista' tingħata għal raġuni speċjali mill-Ministeru tal-Finanzi. SK: M'hemmx obbligi għall-maniġment ta' l-assi.		
	L-ebda obbligu ħlief: (i) Is-servizzi ta' depożitu huma limitati għall-banek domestiċi u fergħat ta' banek barranin fir-Repubblika Slovakka.		

	(ii) Huma biss banek domestiċi awtorizzati, fergħat ta' banek barranin fir-Repubblika Slovakka u persuni li għandhom liċenzja għal negozju fil-kambju ta' flus barranin li jistgħu jinnegozjaw f'assi ta' negozju fi flus barranin. Membri tal-borża biss jistgħu jinnegozjaw fil-Borża ta' Bratislava. Ir-residenti jistgħu jinnegozjaw fuq is-Sistema-RM Slovakia mingħajr limitu waqt li min mhux resident jista' jinnegozja biss permezz ta' sensara tat-titoli.		
	(iii) Pagamenti transkonfinali mhux fi flus kontanti jistgħu jsiru biss minn banek domestiċi awtorizzati u fergħat ta' banek barranin fir-Repubblika Slovakka.		
	(iv) Tinħtieġ liċenzja għal negozju fi flus barranin maħruġa mill-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja biex: (a) jinfetaħ kont barra l-pajjiż minn resident Slovakk (banek esklużi), ħlief għal persuni fiżiċi matul waqfa barra l-pajjiż.		
	(b) isiru pagamenti ta' kapital barra l-pajjiż; (ċ) jinkiseb kreditu finanzjarju minn entitajiet mhux residenti fil-pajjiż fis-suq tal-kambju ta' flus barranin; minbarra krediti minn barra l-pajjiż aċċettati mir-residenti b'perjodu għall-ħlas lura ta' aktar minn 3 snin u self mogħti bejn persuni fiżiċi għal attivitajiet mhux ta' negozju.		
	(v) L-esportazzjoni u l-importazzjoni tal-munita Slovakka u negozju fi flus barranin f'kontanti li jaqbżu l-valur ta' 150 elf SKK u ingotti, huma suġġetti għal rekwiżit ta' rrapurtar.		
	(vi) Permess jew liċenzja ta' negozju fi flus barranin maħruġa minn awtoritajiet ta' negozju fi flus barranin mitluba għal depożitu ta' assi finanzjarji minn residenti barra l-pajjiż.		
	(vii) Entitajiet li jaħdmu fis-suq tal-kambju stabbiliti fir-Repubblika Ċeka biss jistgħu jagħtu u jirċievu garanziji u		

	jerfgħu responsabbiltajiet skond il-limiti u l-provvedimenti tal-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja.		
	3) L-Istati Membri kollha: - It-twaqqif ta' kumpannija ta' maniġment speċjalizzata tinħtieġ twettaq attivitajiet relatati mal-maniġment ta' *unit trusts* u kumpanniji ta' l-investiment. - Huma biss dawk il-kumpanniji li għandhom l-uffiċċju tagħhom reġistrat fil-Komunità li jistgħu jaġixxu ta' depożitarji ta' l-assi tal-fondi għall-investiment. BG: Għas-servizzi bankarji kif elenkat hawn taħt: - Aċċettazzjoni tad-depożiti u fondi oħra li jitħallsu lura mill-pubbliku - Self, bħall-kreditu għall-konsumatur, il-kreditu b'ipoteka, il-fatturar u l-finanzjament ta' operazzjonijiet kummerċjali - Servizzi ta' ħlas u trażmissjoni ta' flus - Garanziji, eskluži l-garanziji tat-Teżor ta' l-Istat. - *Leasing* finanzjarju: Banek barranin li jridu jistabbilixxu ruħhom fir-Repubblika tal-Bulgarija għandhom ikunu awtorizzati taħt il-liġi nazzjonali tagħhom u ma jridux ikunu pprojbiti milli jwettqu attivitajiet bankarji fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom u fil-pajjiżi fejn joperaw. M'hemmx obbligi għall-caisses populaires. L-akkwist, dirett jew indirett, ta' ishma li jirrappreżentaw 5% jew iżjed tad-drittijiet tal-vot ta'	3) BG: Għas-servizzi bankarji, kif elenkat hawn taħt: - Aċċettazzjoni tad-depożiti u fondi oħra li jitħallsu lura mill-pubbliku - Self, bħall-kreditu għall-konsumatur, kreditu b'ipoteka, fatturar u finanzjament ta' operazzjonijiet kummerċjali - Servizzi ta' ħlas u trażmissjoni ta' flus - Garanziji, eskluži l-garanziji tat-Teżor ta' l-Istat. - *Leasing* finanzjarju: M'hemmx obbligi, ħlief kif indikat fil-kolonna dwar l-Aċċess għas-Suq. BG: Għal servizzi finanzjarji oħrajn, kif elenkat hawn taħt: - Parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' titoli, inkluż is-sottoskrizzjoni tat-titoli, għajr bonds tat-Teżor - Negozju proprju u f'isem klijenti f'titoli trasferibbli - Maniġment ta' l-assi (eskluż il-maniġment ta' fondi għall-pensjoni): M'hemmx obbligi, ħlief kif indikat fil-kolonna dwar l-Aċċess għas-Suq.	

	bank stabbilit huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni mill-bank Nazzjonali Bulgaru. Kriterji għall-awtorizzazzjoni huma prudenti u konsistenti ma' l-obbligazzjonijiet ta' l-Artikoli XVI u XVII tal-GATS. L-akkwist dirett jew indirett minn bank tal-parteċipazzjoni f'impriża mhux finanzjarja ta' aktar minn 10% tal-kapital ta' l-intrapriża huwa suġġett għall-approvazzjoni tal-Bank Nazzjonali Bulgaru. Jista' jingħata status ta' fornituri esklussivi fir-rigward ta' depożiti u servizzi ta' trażmissjoni tal-flus fornuti lill-istituzzjonijiet pubbliċi ffinanzjati mill-baġit. Kundizzjoni tal-permess ta' residenza fir-rigward ta' diretturi eżekuttivi tal-korp maniġerjali li jaġixxi f'isem u għal bank. BG: Għal servizzi finanzjarji oħrajn, kif elenkat hawn taħt: - Parteċipazzjoni fil-ħruġ ta' titoli, inkluż is-sottoskrizzjoni tat-titoli, għajr bonds tat-Teżor - Negozju proprju u f'isem klijenti f'titoli trasferibbli - Maniġment ta' l-assi (esklużil-maniġment ta' fondi għall-pensjoni): Limitat għal intemedjarji ta' l-investiment, kumpanniji ta' l-investiment u boroż stabbiliti bħala kumpanniji b'kapital f'ishma liċenzjati mill-Kummissjoni ta' Sorveljanza Finanzjarja (FSC). L-għoti tal-liċenzja rilevanti huwa relatat mar-rekwiżi maniġerjali u tekniċi kif ukoll rekwiżiti relatati mal-ħarsien ta' l-investituri. <u>Borża f'forma ta' kumpannija:</u>	SE: Fundatur ta' kumpannija bankarja jrid ikun persuna fiżika residenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea jew bank barrani. Fundatur ta' bank tat-tfaddil irid ikun persuna fiżika residenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea.	

	Kundizzjonijiet ta' kapital minimu (BGN 100,000); mhux anqas minn 2/3 tal-kapital imqassam fost l-istituzzjonijiet finanzjarji (kumpanniji ta' assigurazzjoni, djar finanzjarji, intemedjarji ta' l-investiment); limitu ta' 5% tal-kapital tal-Borża għall-parteċipazzjoni diretta jew indiretta minn azzjonist. Intemedjarji ta' l-investiment: M'hemmx obbligi għal attivitajiet ta' intermedjarji ta' l-investiment fit-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija, sakemm ma jkunx permess mod ieħor mill-Kummissjoni ta' Sorveljanza Finanzjarja (FSC). Biex jiġu nnegozjati titoli fil-borża hija meħtieġa s-sħubija fil-borża. Is-sħubija ta' intermedjarju ta' l-investiment hija limitata għal borża waħda fil-Bulgarija biss. Kumpanniji ta' l-investiment: L-attivitajiet ta' bank, kumpannija ta' l-assigurazzjoni jew intermedjarju ta' l-investiment m'għandhomx jitwettqu minn kumpannija ta' l-investiment. BG: Għall-forniment u t-trasferiment ta' informazzjoni finanzjarja, u l-ipproċessar ta' *data* finanzjarja u softwer relatat minn fornituri ta' servizzi finanzjarji oħra u servizzi ta' konsulenza finanzjarja: M'hemmx obbligi, ħlief kif indikat taħt 1) hawn fuq.		
	CZ: L-ebda obbligu ħlief: Is-servizzi bankarji jistgħu jiġu pprovduti biss minn banek stabbiliti fir-Repubblika Ċeka jew minn fergħat ta' banek barranin li jkollhom il-liċenzja maħruġa mill-Bank Nazzjonali Ċek bi ftehim mal-Ministeru tal-Finanzi.		

	Is-servizzi ta’ self ipotekarju jistgħu jiġu pprovduti biss minn banek stabbiliti fir-Repubblika Ċeka.		
	Il-banek jistgħu jitwaqqfu biss bħala kumpanniji azzjonarji. Ix-xiri ta’ ishma f’banek eżistenti huwa suġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-Bank Nazzjionali Ċek.		
	It-titoli jistgħu jiġu nnegozjati pubblikament biss jekk tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni meħtieġa u l-prospett li jispjega t-titolu jkun ġie approvat.		
	Il-preżenza stabbilita u l-attivitajiet tan-negozjanti tat-titoli, tas-sensara tat-titloli, tal-Borża jew ta’ l-organizzaturi ta’ suq tal-kummerċ *over-the-counter*, tal-kumpanniji ta’ l-investiment u tal-fondi ta’ l-investiment huma suġġetti għall-awtorizzazzjoni li tingħata fuq kriterji relatati mal-kwalifiki, l-integrità personali, il-maniġment u rekwiżiti materjali.		
	Is-servizzi tal-ħlas u tas-sistemazzjoni ta’ kull tip ta’ pagament huma mmonitorjati u jiġu riveduti mill-Bank Nazzjonali Ċek sabiex jiġi assigurat it-tħaddim regolari u ekonomiku tagħhom.		
	DK: L-istituzzjonijiet finanzjarji jistgħu jinnegozjaw it-titoli fil-Borża ta’ Kopenħagen biss permezz ta’ kumpanniji sussidjarji inkorporati fid-Danimarka. FI: Mill-inqas nofs il-fundaturi, il-membri tal-bord tad-diretturi, il-bord ta’ sorveljanza u d-delegati, id-direttur maniġerjali, il-prokuratur, u l-persuna firmatarja f’isem l-istituzzjoni tal-kreditu jrid ikollhom il-post tar-residenza tagħhom fiż-Żona Ekonomika Ewropea, sakemm ma tingħatax eżenzjoni mill-Ministeru tal-Finanzi. Għall-inqas wieħed mill-awdituri jrid ikun residenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea.		

	FI: Is-sensar (il-persuna individwali) fil-kambju tad-derivattivi jrid ikollu l-post tar-residenza tiegħu fiż-Żona Ekonomika Ewropea. Tista' tingħata eżenzjoni għal din il-kundizzjoni taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Ministeru tal-Finanzi. FI: Il-ħlasijiet minn entitajiet governattivi (spejjeż) iridu jgħaddu minn Sampo Bank Ltd. Eżenzjoni minn din il-kundizzjoni tista' tingħata għal raġuni speċjali mill-Ministeru tal-Finanzi.		
	EL: Għat-twaqqif u t-tħaddim tal-fergħat trid tiġi importata somma minima ta' flus barranin, mibdula f'ewro, u miżmuma fil-Greċja sakemm il-bank barrani jdum jopera fil-Greċja: - Sa erba' (4) fergħat din is-somma minima hija attwalment ugwali għal nofs l-ammont minimu ta' kapital f'ishma mitlub għal istituzzjoni ta' kreditu inkorporata fil-Greċja; - Għall-operat ta' fergħat addizzjonali l-ammont minimu ta' kapital irid ikun daqs is-somma minima ta' kapital f'ishma għal istituzzjoni ta' kreditu inkorporata fil-Greċja. IT: Biex ikunu jistgħu jbiegħu bieb bieb, l-intermedjarji jridu jqabbdu bejjiegħa tal-prodotti finanzjarji awtorizzati residenti fit-territorju ta' Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej. IT: L-uffiċċji rappreżentattivi ta' intermedjarji barranin ma jistgħux iwettqu attivitajiet bl-iskop li joffru servizzi ta' investiment.		
	IT: Is-servizzi ta' sistemazzjoni tal-kontijiet li jinkludu l-fażi finali tal-ħlas jistgħu jiġu pprovduti biss minn entitajiet awtorizzati u ssorveljati mill-Bank ta' l-Italja		

	bi ftehim mal-Consob. IT: L-offerta lill-pubbliku tat-titoli tista' ssir biss mill-entitajiet li jkollhom l-awtorizzazzjoni meħtieġa. IT: Id-depożitu ċentralizzat, is-servizzi ta' kustodja u ta' amministrazzjoni jistgħu jiġu pprovduti biss minn entitajiet li jkollhom l-awtorizzazzjoni meħtieġa u ssorveljati mill-Consob bi ftehim mal-Bank ta' l-Italja.		
	IT: Fil-każ ta' skemi ta' investiment kollettiv għajr UCITS (l-intrapriżi għall-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli) armonizzati skond id-direttiva 85/611/KEE, id-depożitarju jrid ikun inkorporat fl-Italja jew fi Stat Membru tal-Komunità Ewropea, u stabbilit b'fergħa fl-Italja. Il-banek, il-kumpanniji ta' l-assigurazzjoni u l-kumpanniji ta' l-investiment fit-titoli li għandhom l-uffiċċju prinċipali legali tagħhom fil-Komunità Ewropea biss jistgħu jwettqu l-attività ta' maniġment tar-riżorsi tal-fondi tal-pensjoni. Kumpanniji tal-maniġment finanzjarju (fondi limitati u fondi ta' beni immobbli) iridu wkoll ikunu inkorporati fl-Italja. IE: Fil-każ ta' skemi ta' investiment kollettiv fil-forma ta' fondi ta' *unit trusts* u kumpanniji b'kapital varjabbli (li ma jkunux UCITS - intrapriżi għall-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli), it-*trustee*/depożitarju u l-kumpannija tal-maniġment finanzjarju jridu jkunu inkorporati fl-Irlanda jew f'xi Stat Membru ieħor tal-Komunità. Fil-każ ta' soċjetà ta' l-investiment b'responsabbiltà limitata, mill-inqas soċju ġenerali wieħed irid ikun inkorporat fl-Irlanda.		
	IE: Biex issir membru tal-Borża ta' l-Irlanda, l-entità trid jew (I) tkun awtorizzata fl-Irlanda, li jfisser li trid tkun inkorporata fl-Irlanda, jew tkun soċjetà bl-uffiċċju prinċipali reġistrat fl-Irlanda, jew (II) tkun awtorizzata fi Stat Membru ieħor skond id-Direttiva tal-KE dwar is-Servizzi ta' l-Investiment.		

	IE: Il-forniment tas-servizzi ta' investiment jew ta' pariri dwar l-investimenti jeħtieġ jew (I) l-awtorizzazzjoni fl-Irlanda, li jirrikjedi li l-entità tkun inkorporata jew tkun soċjetà jew negozjant uniku, u f'kull każ l-uffiċċju prinċipali reġistrat fl-Irlanda (l-awtorità ta' sorveljanza tista' tawtorizza wkoll fergħat ta' entitajiet minn pajjiżi terzi), jew (II) l-awtorizzazzjoni f'xi Stat Membru ieħor skond id-Direttiva tal-KE dwar is-Servizzi ta' l-Investiment. PT: Il-preżenza stabbilita ta' banek minn barra l-Komunità Ewropea hija suġġetta għall-awtorizzazzjoni maħruġa, każ b'każ, mill-Ministru tal-Finanzi. Din il-preżenza stabbilita trid tikkontribwixxi għaż-żieda fl-effiċjenza tas-sistema bankarja jew tipproduċi effett sinifikanti biex tiġi internazzjonalizzata l-ekonomija Portugiża.		
	PT: Is-servizzi ta' kapital ta' riskju ma jistgħux jingħataw minn fergħat ta' kumpanniji ta' kapital ta' riskju li jkollhom is-sede tagħhom f'pajjiż mhux membru tal-KE. Il-maniġment ta' fondi għall-pensjonijiet jista' jiġi pprovdut biss minn kumpanniji inkorporati fil-Portugall u minn kumpanniji ta' l-assigurazzjoni stabbiliti fil-Portugall u awtorizzati biex jagħtu servizz ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja.		
	SK: Is-servizzi bankarji jistgħu jiġu pprovduti biss minn banek lokali jew minn fergħat ta' banek barranin awtorizzati mill-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja bi ftehim mal-Ministeru tal-Finanzi. L-għoti ta' l-awtorizzazzjoni huwa bbażat fuq il-konsiderazzjoni tal-kriterji li jirrigwardaw, b'mod partikolari, l-ammont ta' kapital tal-kumpannija (is-saħħa finanzjarja), il-kwalifiki professjonali, l-integrità u l-kompetenza tal-maniġment fl-attivitajiet bankarji proġettati. Il-banek huma entitajiet legali inkorporati fir-Repubblika Slovakka, imwaqqfa bħala kumpanniji azzjonarji jew istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi (ta' l-Istat).		

	Ix-xiri ta’ l-ishma b’espressjoni ta’ interess fil-kapital azzjonarju ta’ bank kummerċjali mil-limitu stabbilit huwa suġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja.		
	Servizzi ta' l-investiment fir-Repubblika Slovakka jistgħu jingħataw minn banek, kumpanniji ta' l-investiment, fondi ta' investiment u operaturi tat-titoli li għandhom forma ġuridika ta' kumpannija bl-ishma b'kapital f’ishma skond il-liġi. Kumpanniji ta’ l-investiment jew fondi ta’ l-investiment barranin iridu jġibu l-awtorizzazzjoni mill-Ministeru tal-Finanzi biex ibiegħu t-titoli tagħhom jew l-ishma fiċ-ċertifikati ta’ l-investiment fit-territorju tar-Repubblika Slovakka skond il-liġi. Biex jinħarġu titoli ta’ djun, jinħtieġ il-permess tal-Ministeru tal-Finanzi kemm biex jinħarġu fil-pajjiż kif ukoll biex jinħarġu għal pajjiżi oħra.		
	It-titoli jistgħu jinħarġu u jiġu nnegozjati biss wara li jingħata l-permess għall-kummerċ fil-pubbliku mill-Ministeru tal-Finanzi skond l-Att dwar it-Titoli. In-negozju ta' operatur tat-titoli, *stockbrokers* jew organizzaturi ta' suq *over-the-counter* huwa suġġett għall-awtorizzazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi. Il-ħlas u s-sistemazzjoni tal-kontijiet għal kull tip ta’ pagament huma rregolati mill-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja.		
	Il-ħlas u s-servizzi tas-sistemazzjoni tal-kontijiet dwar bidla fil-proprjetà fiżika tat-titoli huma rreġistrati fiċ-Ċentru tat-Titoli (l-Istituzzjoni għall-Ħlas u s-Sistemazzjoni tat-Titoli). Iċ-Ċentru tat-Titoli jista’ jwettaq biss trasferimenti fil-kontijiet tal-proprjetà tas-sidien tat-titoli. Il-parti f'kontanti ta' l-operat ta' likwidazzjoni u kumpens tgħaddi permezz tad-Dar tal-Likwidazzjoni u l-Kumpens għal attivitajiet Bankarji – (fejn il-Bank Nazzjonali tas-Slovakkja huwa detentur ewlieni ta’ l-ishma) għall-Borża ta' Bratislava, kumpannija azzjonarja, jew permezz ta' kont Jumbo għas-sistema RM tas-Slovakkja.		
	SE: Intrapriżi mhux inkorporati fl-Iżvezja jistgħu jistabbilixxu preżenza kummerċjali biss permezz ta’ fergħa, u fil-każ tal-banek, permezz ta’ uffiċċju rappreżentattiv		

	ukoll.		
	4) M'hemmx obbligi ħlief għal kif indikat fit-taqsima orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal-limitazzjonijiet speċifiċi kif ġej: BG: Għas-servizzi bankarji, kif elenkat hawn taħt: - Aċċettazzjoni tad-depożiti u fondi oħra li jitħallsu lura mill-pubbliku - Self, bħall-kreditu għall-konsumatur, kreditu b'ipoteka, fatturar u finanzjament ta' operazzjonijiet kummerċjali - Servizzi ta' ħlas u trażmissjoni ta' flus - Garanziji, eskluži l-garanziji tat-Teżor ta' l-Istat. - *Leasing* finanzjarju: M'hemmx obbligi, ħlief kif indikat taħt 3) hawn fuq. FR: Sociétés d'investissement à capital fixe: kundizzjoni tan-nazzjonalità għall-president tal-Bord tad-Diretturi, id-Diretturi Ġenerali u xejn anqas minn żewġ terzi ta' l-amministraturi, kif ukoll, fejn l-impriża ta' l-operat fit-titoli titolari jkollha Bord jew Kunsill Superviżorju, għal membri ta' tali bord jew id-Direttur Ġenerali tiegħu, u xejn anqas minn żewġ terzi tal-membri tal-Kunsill superviżorju. EL: Istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jinnominaw mill-anqas żewġ persuni responsabbli għall-operat ta' l-istituzzjoni. Għal dawn il-persuni tapplika l-kundizzjoni tar-residenza.	4) M'hemmx obbligi ħlief għal kif indikat fit-taqsima orizzontali taħt (i) u (ii) u suġġett għal-limitazzjonijiet speċifiċi kif ġej: IT: Kundizzjoni tar-residenza għall-"promotori di servizi finaniari" (bejjiegħa tas-servizzi finanzjarji).	

II.2. OBBLIGI SPEĊIFIĊI GĦAS-SETTUR TAS-SERVIZZI FINANZJARJI (it-tieni parti)

1. L-impenji fir-rigward tas-Servizzi Finanzjarji tal-parti l-oħra tal-KE (CY, EE, LV, LT, MT, PL u SI) jinsabu fit-taqsima li ġejja.

2. CY: Is-servizzi u l-prodotti finanzjarji mhux regolati u d-dħul fis-suq ta' servizzi jew prodotti finanzjarji ġodda jistgħu jkunu suġġetti għall-eżistenza jew l-introduzzjoni ta' qafas regolatorju bl-iskop li jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 125.

3. CY: Minħabba l-kontrolli fuq il-kambju ta' flus barranin f'Ċipru:

   - ir-residenti m'humiex permessi li, meta jkunu fiżikament barra l-pajjiż, jakkwistaw servizzi bankarji li jistgħu jinvolvu trasferiment ta' fondi barra l-pajjiż;

   - self lil persuni li m'humiex residenti/barranin jew lil kumpanniji kkontrollati minn persuni li m'humiex residenti jinħtieġu l-approvazzjoni tal-Bank Ċentrali;

   - għall-akkwist ta' titoli minn persuni li m'humiex residenti wkoll hija meħtieġa l-approvazzjoni tal-Bank Ċentrali;

   - l-operat fin-negozju fi flus barranin jista' jitwettaq biss permezz ta' banek li ngħatalhom l-istatus ta' "Aġent Awtorizzat" mill-Bank Ċentrali.

4. MT: Għall-obbligi li jinsabu fil-modalità (3), skond il-liġi dwar il-kontroll fuq il-kambju, min mhux residenti fil-pajjiż u jixtieq jipprovdi servizz ikun xi jkun billi jirreġistra kumpannija lokali jista' jagħmel dan bil-permess minn qabel tal-Bank Ċentrali ta' Malta. Kumpanniji b'parteċipazzjoni ta' persuni kemm fiżiċi kif ukoll legali li m'humiex residenti f'Malta jinħtieġu kapital azzjonarju ta' Lm10,000 (liri Maltin) li 50% minnhom iridu jkunu mħallsa. Il-perċentwal tal-parteċipazzjoni fl-ishma ta' persuni mhux residenti jrid jitħallas permezz ta' fondi li joriġinaw minn barra l-pajjiż. Kumpanniji b'parteċipazzjoni ta' persuni mhux residenti jridu japplikaw għal permess mill-Ministeru tal-Finanzi sabiex jiksbu proprjetà immobbli taħt il-leġiżlazzjoni xierqa.

5. MT: Għall-obbligi li jinsabu fil-modalità (4), jibqgħu japplikaw il-kundizzjonijiet stipulati fil-liġijiet u r-regolamenti ta' Malta dwar id-dħul, il-waqfa, l-akkwist tal-proprjetà, ix-xogħol u s-sigurtà soċjali fil-pajjiż, inklużi r-regolamenti dwar il-tul taż-żmien tal-waqfa, il-pagi minimi, kif ukoll il-ftehimiet kollettivi dwar il-pagi. Id-dħul, ix-xogħol u l-permessi tar-residenza jinħarġu skond id-diskrezzjoni tal-Gvern ta' Malta.

6. RO: It-twaqqif u t-twettiq ta' attività ta' kumpanniji ta' l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni huma suġġetti għall-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni ta' Sorveljanza ta' l-Attività ta' l-Assigurazzjoni Rumena.

7. RO: It-twaqqif u l-attività tal-kumpanniji bankarji huma suġġetti għall-awtorizzazzjoni mill-Bank Ċentrali tar-Rumanija. M'hemm l-ebda restrizzjoni rigward it-twaqqif ta' bank barrani fir-Rumanija, għajr l-osservanza ta' miżuri ta' prudenza stabbiliti mill-Bank Nazzjonali tar-Rumanija.

8. RO: It-twaqqif u l-attività ta' l-entitajiet relatati mas-suq tat-titoli (persuni fiżiċi jew legali, skond il-każ) huma suġġetti għall-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni tal-Garanziji Nazzjonali tar-Rumanija (NSC).

9. RO: Wara l-istabbiliment ta' preżenza kummerċjali, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom iwettqu t-tranżazzjonijiet tagħhom ma' residenti fil-munita nazzjonali tar-Rumanija biss.

10. SI: Id-dħul fis-suq tas-servizzi u prodotti finanzjarji ġodda jista' jkun suġġett għall-eżistenza ta', u l-konformità ma', qafas regolatorju bl-iskop li jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 125.

11. SI: Bħala regola ġenerali u b'mod mhux diskriminatorju, istituzzjonijiet finanzjarji inkorporati fir-Repubblika tas-Slovenja għandhom jadottaw sura ġuridika speċifika.

12. SI: L-attivitajiet ta' l-assigurazzjoni u dawk bankarji għandhom jingħataw minn fornituri ta' servizzi finanzjarji li jkunu legalment separati.

13. SI: Is-servizzi ta' l-investiment jistgħu jingħataw biss mill-banek u mid-ditti ta' l-investiment.

A. L-Assigurazzjoni u Servizzi Relatati ma' l-Assigurazzjoni 1. EE: Is-servizzi obbligatorji tas-sigurtà soċjali m'humiex limitati. 2. LV: (i), (ii) (3): Bħala regola ġenerali u b'mod mhux diskriminatorju, l-istituzzjonijiet ta' l-assigurazzjoni inkorporati fil-Latvja jridu jadottaw forma ġuridika speċifika. 3. LV: (iii) (3): L-intermedjarju jrid ikun persuna fiżika (m'hemmx il-kundizzjoni taċ-ċittadinanza) u jista' jipprovdi servizz f'isem kumpannija ta' l-assigurazzjoni li jkollha l-awtorizzazzjoni meħtieġa mill-Awtorità ta' Sorveljanza tas-Settur ta' l-Assigurazzjoni fil-Latvja. 4. LT: Is-subsetturi kollha: Il-kumpanniji ta' l-assigurazzjoni m'humiex awtorizzati li jipprovdu kemm assigurazzjoni fuq il-ħajja kif ukoll forom ta' assigurazzjoni l-oħra mhux fuq il-ħajja. Iż-żewġ forom (a) u (b) ta' assigurazzjoni jinħtieġu inkorporazzjoni separata.			
2. Fejn biex forniturі ta' servizzi finanzjarji miċ-Ċili jkunu jistgħu jipprovdu servizzi finanzjarji fuq bażi pari ma' forniturі ta' servizzi finanzjarji tal-Komunità dawn ikunu jinħtieġu mill-Komunità sħubija jew parteċipazzjoni fi, jew l-aċċess għal, kwalunkwe entità li tirregola lilha nnifisha, kambju jew suq tat-titoli jew *futures*, aġenzija ta' tisrif, jew kwalunkwe organizzazzjoni jew assoċjazzjoni oħra, jew meta l-Komunità tipprovdi b'mod dirett jew indirett lil tali entitajiet, privilieġġi jew vantaġġi fil-forniment ta' servizzi finanzjarji, il-Komunità għandha tiżgura li tali entitajiet joffru trattament nazzjonali lill-forniturі ta' servizzi finanzjarji miċ-Ċili residenti fit-territorju tagħha.

Ċ. Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan il-metodu:

1. Fornitur ta' servizzi finanzjarji li m'huwiex residenti huwa fornitur ta' servizzi finanzjarji miċ-Ċili li jipprovdi servizz finanzjarju ġewwa t-territorju tal-Komunità minn stabbiliment fit-territorju taċ-Ċili, irrispettivament minn jekk tali fornitur ta' servizz finanzjarju għandux preżenza kummerċjali fit-territorju tal-Komunità.

2. “Preżenza kummerċjali” tfisser intrapriża fit-territorju tal-Komunità li tipprovdi servizzi finanzjarji u li tinkludi sussidjarji li tagħhom hija totalment jew parzjalment is-sid, assoċjazzjonijiet bejn tnejn jew aktar, soċjetajiet, proprjetà esklużiva, operazzjonijiet ta’ *franchising*, fergħat, aġenziji, uffiċċji rappreżentattivi u organizzazzjonijiet oħrajn.

1. ANNESS V

2. AWTORITAJIET RESPONSABBLI GĦAS-SERVIZZI FINANZJARJI

3. PARTI A – GĦALL-KOMUNITA` U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA:

Il-Kummissjoni Ewropea	DĠ Kummerċ DĠ Suq Intern	B-1049 Brussell
L-Awstrija	Il-Ministeru tal-Finanzi	Direttorat ta' Politika Ekonomika u Swieq Finanzjarji Himmelpfortgasse 4-8 Postfach 2 A-1015 Vjenna
Il-Belġju	Il-Ministeru ta' l-Ekonomija Il-Ministeru tal-Finanzi	Rue de Bréderode 7 B-1000 Brussell Rue de la Loi 12 B-1000 Brussell
Il-Bulgarija	Il-Ministeru ta' l-Ekonomija u l-Enerġija Il-Ministeru tal-Finanzi Il-Bank Nazzjonali Bulgaru Il-Kummissjoni ta' Sorveljanza Finanzjarja	Slavyanska str. 8 Sofia 1052 G.S.Rakovski str.102 Sofia 1000 Al.Batenberg sq.1 Sofia 1000 33, Shar Planina Street Sofia 1303
Ċipru	Il-Ministeru tal-Finanzi	CY-1439 Nikosija
Ir-Repubblika Ċeka	Il-Ministeru tal-Finanzi	Letenská 15

		CZ-118 10 Praga
Id-Danimarka	Il-Ministeru ta’ l-Affarijiet Ekonomiċi	Ved Stranden 8 DK-1061 Kopenħagen K
L-Estonja	Il-Ministeru tal-Finanzi	Suur-Ameerika 1 EE-15006 Tallinn
Il-Finlandja	Il-Ministeru tal-Finanzi	Kaxxa Postali 28 FIN-00023 Ħelsinki
Franza	Il-Ministeru ta' l-Ekonomija, il-Finanzi u l-Industrija	Ministère de l’Economie, des Finances et de l’Industrie 139, rue de Bercy F-75572 Parigi
Il-Ġermanja	Il-Ministeru tal-Finanzi	Bundesanstalt für Finanzdienstleistungsaufsicht Graurheindorfer Str.108 D-53117 Bonn
Il-Greċja	Bank ta’ Greċja	Triq Panepistimiou , 21 GR-10563 Ateni
L-Ungerija	Il-Ministeru tal-Finanzi	Pénzügyminisztérium Postafiók 481 HU-1369 Budapest
L-Irlanda	L-Awtorità Irlandiża li tirregola s-Servizzi Finanzjarji	Kaxxa Postali 9138 College Green IRL-Dublin 2
L-Italja	Il-Ministeru tat-Teżor	Ministero del Tesoro Via XX Settembre 97 I-00187 Ruma
Il-Latvja	Il-Kummissjoni tal-Finanzi u tas-Suq tal-Kapital	Kungu Street 1 LV-1050 Riga
Il-Litwanja	Il-Ministeru tal-Finanzi	Vaizganto 8a/2, LT-01512 Vilnius
Il-Lussemburgu	Il-Ministeru tal-Finanzi	Ministère des Finances

		3, rue de la Congrégation L-2931 Il-Lussemburgu
Malta	Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji	Triq Notabile MT-Attard
L-Olanda	Il-Ministeru tal-Finanzi	Direttorat ta' Politika dwar is-Swieq Finanzjarji Postbus 20201 NL-2500 EE Den Haag
Il-Polonja	Il-Ministeru tal-Finanzi	12 Triq Świętokrzyska PL-00-916 Varsavja
Il-Portugall	Il-Ministeru tal-Finanzi	Direcção Geral dos Assuntos Europeus e Relações Internacionais Av. Infante D. Henrique, 1C-1º P-1100-278 Liżbona
Ir-Rumanija	Is-settur bankarju u istituzzjonijiet finanzjarji mhux bankarji	Il-Bank Nazzjonali tar-Rumanija 25 Lipscani Street, Sector 3 Bukarest, Kodiċi 030031
	Is-settur tas-suq tat-titoli	Il-Kummissjoni Nazzjonali Rumena tat-Titoli 2 Triq Foisorului, Settur 3, Bukarest
	Is-settur ta' l-assigurazzjoni	Il-Kummissjoni tas-Sorveljanza ta' l-Assigurazzjoni 18 Triq l-Amiral Constantin Balescu , Settur 1 Bukarest, Kodiċi 011954
	Is-Sistema ta' pensjonijiet privati u fondi għal pensjonijiet privati	Il-Kummissjoni tas-Sorveljanza tas-sistema tal-pensjoni privata 74 Splaiul Unirii, Sector 4 Bukarest, Kodiċi 030128
Ir-Repubblika Slovakka	Il-Ministeru tal-Finanzi	Stefanovicova 5 SK-817 82 Bratislava

Is-Slovenja	Il-Ministeru ta' l-Ekonomija	Kotnikova 5 SI-1000 Ljubljana
Spanja	It-Teżor	Directora General del Tesoro y Politica Financiera Paseo del Prado 6-6a Planta E-28071 Madrid
L-Iżvezja	L-Awtorità tas-Sorveljanza Finanzjarja	Kaxxa Postali 6750 S-113 85 Stokkolma
	Il-Bank Ċentrali Svediż	Malmskillnadsgatan 7 S-103 37 Stokkolma
	L-Aġenzija Żvediża tal-Konsumatur	Rosenlundsgatan 9 S-118 87 Stokkolma
Ir-Renju Unit	It-Teżor tal-M.T.	1 Horse Guards Road UK-Londra SW1A 2HQ

ANNESS VI

(Anness X tal-Ftehim li għalih hemm referenza fl-Artikolu 132 tal-Ftehim)

SKEDI DWAR OBBLIGI SPEĊIFIĊI RIGWARD IT-TWAQQIF TA' NEGOZJU

PARTI A

SKEDA TAL-KOMUNITÀ

NOTA TA' INTRODUZZJONI

1. L-impenji speċifiċi msemmijin f'din l-iskeda japplikaw biss f'dawk it-territorji fejn huma applikati t-Trattati li jistabbilixxu l-Komunità u taħt il-kundizzjonijiet imsemmijin f'dawn it-Trattati. Dawn l-obbligi japplikaw biss fejn jidħlu r-relazzjonijiet bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, u l-pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità, min-naħa l-oħra. Dawn ma jaffettwawx id-drittijiet u l-obbligi ta' l-Istati Membri taħt il-liġi tal-Komunità.

2. It-taqsiriet li ġejjin jintużaw sabiex jindikaw l-Istati Membri:

AT	L-Awstrija
BE	Il-Belġju
BG	Il-Bulgarija
CY	Ċipru
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DE	Il-Ġermanja
DK	Id-Danimarka
ES	Spanja
EE	L-Estonja
FR	Franza
FI	Il-Finlandja
EE	Il-Greċja
HU	L-Ungerija
IT	L-Italja
IE	L-Irlanda
LU	Il-Lussemburgu
LT	Il-Litwanja
LV	Il-Latvja
MT	Malta
NL	L-Olanda
PT	Il-Portugall
PL	Il-Polonja
RO	Ir-Rumanija
SE	L-Iżvezja
SI	Is-Slovenja
SK	Ir-Repubblika Slovakka
UK	Ir-Renju Unit

“Sussidjarju” ta’ persuna legali tfisser persuna legali li effettivament hija kkontrollata minn persuna legali oħra.

“Fergħa” ta’ persuna legali tfisser post tal-kummerċ li m'għandux personalità legali li jagħti x’jifhem li hemm dehra ta’ permanenza, bħall-estensjoni ta’ organu prinċipali, u li għandu maniġment u li huwa mgħammar materjalment sabiex jinnegozja l-kummerċ ma’ terzi persuni, biex dawn ta’ l-aħħar - minkejja li jafu li jekk ikun hemm in-neċessità hemm rabta legali ma’ l-organu prinċipali, li l-uffiċċju prinċipali tiegħu jinsab barra - m’għandhomx għalfejn jindirizzaw direttament lil tali organu prinċipali iżda jistgħu jmexxu l-kummerċ minn dak il-post tal-kummerċ li jikkostitwixxi l-estensjoni.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet għat-trattament nazzjonali

1. OBBLIGI ORIZZONTALI	
IS-SETTURI KOLLHA INKLUŻI F'DIN L-ISKEDA	
	a) It-trattament mogħti lis-sussidjarji (ta' kumpanniji Ċileni) li ġew iffurmati skond il-liġi ta' Stat Membru u li għandhom l-uffiċċju rreġistrat, amministrazzjoni ċentrali jew post prinċipali tal-kummerċ tagħhom fil-Komunità ma jiġix estiż għal fergħat jew aġenziji stabbiliti fi Stat Membru minn kumpannija Ċilena. Madanakollu, dan m'għandux iżomm Stat Membru milli jestendi dan it-trattament għal fergħat jew aġenziji stabbiliti fi Stat Membru ieħor minn kumpannija jew ditta Ċilena rigward l-operat tagħhom fit-territorju ta' l-ewwel Stat Membru, sakemm tali estensjoni ma tkunx ipprojbita b'mod espliċitu mil-liġi Komunitarja.
	b) Trattament inqas favorevoli jista' jingħata lis-sussidjarji (ta' kumpanniji Ċileni) iffurmati skond il-liġi ta' Stat Membru li għandhom biss l-uffiċċju rreġistrat jew l-amministrazzjoni ċentrali tagħhom fit-territorju tal-Komunità, għajr fejn ikun jista' jintwera li għandhom rabta effettiva u kontinwa ma' l-ekonomija ta' wieħed mill-Istati Membri.
	<u>Il-Ħolqien ta' Entità Legali</u> AT: Mingħajr preġudizzju għat-trattati eżistenti, persuni naturali barranin jistgħu jeżerċitaw negozju fuq termini indaqs għal ċittadini Awstrijaċi. Persuni naturali barranin jistgħu jeżerċitaw kummerċ fuq l-istess livell ma' ċittadini Awstrijaċi jekk ma hemm l-ebda preġudizzju għat-trattati li jkun hemm fis-seħħ. Madanakollu, trid tkun ippreżentata evidenza lill-awtorità kompetenti li turi li ma tkunx qiegħda ssir diskriminazzjoni kontra persuni naturali Awstrijaċi waqt l-eżerċizzju tal-kummerċ indikat fil-pajjiż tal-barrani. Madankollu, jekk ma tkunx tista' tiġi ppreżenta evidenza, il-persuna naturali barranija trid tapplika formalment għal status indaqs għaċ-ċittadini. Jekk id-detentur ta' permess tan-negozju ma jkunx residenti permanenti ta' l-Awstrija, ikun jinħtieġ li jinħatar rappreżentant professjonali ("gewerberechtlicher Geschäftsführer") li jkun residenti permanenti fl-Awstrija. Sabiex jinħareġ il-permess għall-kummerċ, persuni ġuridiċi barranin jew soċjetajiet iridu jwaqqfu stabbiliment u jaħtru rappreżentant professjonali li jkun residenti permanenti fl-Awstrija. Mingħajr preġudizzju għat-trattati eżistenti, rappreżentant professjonali barrani għandu japplika għal status indaqs għaċ-ċittadini. FI: Mill-anqas nofs il-fundaturi ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata jridu jkunu persuni naturali li għandhom ir-residenza fiż-ŻEE (Żona

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet għat-trattament nazzjonali
	Ekonomika Ewropea) jew persuni ġuridiċi li għandhom id-domiċilju f'wieħed mill-pajjiżi taż-żona Ekonomika Ewropea, sakemm il-Ministru tal-Kummerċ ma jagħtix eżenzjoni. SE: Kumpannija b'responsabbiltà limitata (kumpannija bl-azzjonisti) tista' tiġi stabbilita minn wieħed jew minn ħafna fundaturi. Parti fundatriċi trid jew tkun residenti fiż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea) jew trid tkun entità legali fi ħdan l-istess ŻEE. Soċjetà kummerċjali tista' titqies parti fondatriċi biss jekk kull soċju jkun residenti fi ħdan iż-ŻEE[94]. Id-direttur maniġerjali u ta' l-anqas 50 fil-mija tal-membri tal-bord iridu jkunu residenti fiż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea). Għall-ħolqien ta' tipi oħrajn ta' entitajiet legali jipprevalu kundizzjonijiet korrispondenti. CZ: Persuni naturali barranin jistgħu jmexxu negozju fuq termini pari maċ-ċittadini Ċeki. Madankollu, persuni naturali barranin jistgħu joperaw attivitajiet kummerċjali bħala persuni li jaħdmu għal rashom u jwaqqfu u jimmaniġġjaw impriżi billi sempliċiment jirreġistraw tali attivitajiet fir-Reġistru Kummerċjali, sakemm il-persuna ma tkunx qed tgħix fiż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea). Jekk il-persuni naturali/entitajiet legali m'għandhomx residenza jew sede permanenti fiż-ŻEE, jintalbu wkoll jiddepożitaw informazzjoni jew dokumenti li jixhdu l-ipoteka ta' l-assi tal-kumpannija fi stat barrani u jekk il-validità ta' garanzija tkun marbuta mal-pubblikazzjoni tagħha, flimkien ma' informazzjoni oħra, fir-reġistru Kummerċjali. Qabel ma jirregistraw fir-Reġistru Kummerċjali, persuni legali barranin iridu jwaqqfu stabbiliment għall-kummerċ fir-Repubblika Ċeka u jaħtru rappreżentant professjonali li jkun residenti permanenti fir-Repubblika Ċeka. MT: Applikazzjonijiet minn persuni mhux residenti għall-ħruġ, l-akkwist, il-bejgħ u l-irkupru ta' titoli mhux ikkwotati fuq il-Borża ta' Malta f'kumpanniji lokali stabbiliti, jew li ser jiġu stabbiliti, f'Malta għandhom jiġu approvati mir-reġistratur tal-Kumpanniji fl-Awtorità tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. Din il-proċedura ma tapplikax għal dawk il-kumpanniji kif definiti fl-Artikolu 2 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, (jiġifieri, *holding/trading companies* internazzjonali) u l-anqas għal dawk il-kumpanniji li huma sidien ta' bastimenti rreġistrati skond l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili u fejn il-parteċipazzjoni tar-residenti ma taqbiżx l-20%. PL: Persuni barranin li rċevew il-permess ta' residenza fit-territorju tal-Polonja, il-permess għal waqfa ttollerata, l-istatus ta' refuġjat fil-Polonja jew li jgawdu minn protezzjoni temporanja fit-territorju tagħha, jistgħu jibdew u jkomplu attività ekonomika skond l-istess regolamenti li japplikaw għaċ-ċittadini Pollakki.

[94] Jistgħu jingħataw eċċezzjonijiet għal dawn ir-rekwiżiti jekk jiġi ppruvat li r-residenza mhix meħtieġa.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet għat-trattament nazzjonali
	Bħala riżultat tal-kundizzjonijiet ta' reċiproċità, jekk trattati internazzjonali rratifikati ma jipprovdux mod ieħor, persuni barranin jistgħu jibdew u jkomplu attività ekonomika fit-territorju tal-Polonja skond l-istess regolamenti li jgawdu l-intraprendituri li għandhom is-sede tagħhom fil-Polonja; Fejn m'hemmx reċiproċità, persuni barranin għandhom id-dritt li jibdew u jkomplu attività ekonomika fit-territorju tal-Polonja f'soċjetajiet limitati, kumpanniji b'responsabbiltà limitata u kumpanniji bl-azzjonisti; għandhom id-dritt ukoll li jissieħbu ma' dawn il-kumpanniji jew jieħdu u jixtru l-ishma u l-istokks tagħhom. RO: L-uniku amministratur jew iċ-Ċermen tal-Bord ta' l-Amministrazzjoni kif ukoll nofs in-numru totali ta' amministraturi tal-kumpanniji kummerċjali għandhom ikunu ċittadini Rumeni sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor fil-kuntratt tal-kumpannija jew fl-istatuti tagħha. Il-maġġoranza ta' l-awdituri tal-kumpanniji kummerċjali u d-deputati tagħhom għandhom ikunu ċittadini Rumeni.
	<u>Il-Liġi dwar Fergħat ta' Kumpanniji Barranin</u> SE: Kumpannija barranija (li m'għandhiex entità legali stabbilita fl-Iżvezja) għandha topera fin-negozju tagħha permezz ta' fergħa, stabbilita fl-Iżvezja b'maniġment indipendenti u kotba miżmumin separati. Proġetti ta' bini li jdumu inqas minn sena huma eżenti mill-kundizzjonijiet li jeħtieġu fergħa jew il-ħatra ta' rappreżentant residenti. SE: Id-direttur maniġerjali ta' fergħa jrid ikun residenti fi ħdan iż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewrpea)[95]. SE: Ċittadini barranin jew Żvediżi li mhumiex residenti fl-Iżvezja, li jixtiequ jwettqu operazzjonijiet kummerċjali jridu jaħtru u jirreġistraw rappreżentant responsabbli għal tali attivitajiet ma' l-awtorità lokali. LT: Mill-anqas wieħed mir-rappreżentanti tal-fergħa tal-kumpannija barranija jrid ikun residenti fil-Litwanja. PL: Fergħat – biex titmexxa attività ekonomika fil-Polonja, intraprendituri barranin jistgħu jistabbilixxu fergħat, f'konformità mar-regola ta' reċiproċità, jekk ma jingħadx mod ieħor fi ftehim internazzjonali rratifikat. L-attività ekonomika tal-fergħa għandha tkun simili għal dik imwettqa minn intraprenditur barrani u l-persuna li

[95] Jistgħu jingħataw eċċezzjonijiet għal dawn ir-rekwiżiti jekk jiġi ppruvat li r-residenza mhix meħtieġa.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet għat-trattament nazzjonali
	għandha dritt tirrappreżenta l-intrapreditur barrani trid tkun maħtura. Il-fergħa trid tkun irreġistrata u żżomm kontijiet separatai. Aġenziji – intraprendituri barranin jistgħu jwaqqfu aġenziji. L-attività ekonomika ta' l-aġenzija jrid ikollha x'taqsam biss mal-promozzjoni u r-reklamar ta' l-intrapreditur barrani. L-aġenzija trid tkun irreġistrata u żżomm kontabilità separata. SI: It-twaqqif ta' fergħat minn kumpanniji barranin huwa kkondizzjonat mir-reġistrazzjoni tal-kumpannija prinċipali f'reġistru tal-qrati tal-pajjiż ta' l-oriġini għal ta' l-anqas sena.
	<u>Entitajiet Legali</u>: AT: Ċittadini Awstrijaċi biss jew entitajiet legali u intrapriżi li għandhom is-sede tagħhom fl-Awstrija jistgħu jkunu azzjonisti ta' l-Oesterreichische Nationalbank (il-Bank Nazzjonali Awstijak). Il-membri tal-maniġment iridu jkunu ċittadini Awstrijaċi. BG: It-twaqqif ta' negozju, inklużi soċjetajiet azzjonarji, jista' jieħu biss il-forma ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata jew kumpannija bl-ishma b'mill-anqas żewġ azzjonisti. It-twaqqif ta' fergħa huwa suġġett għal awtorizzazzjoni. M'hemm l-ebda rbit rigward uffiċċji rappreżentattivi. L-uffiċċji reppreżentattivi ma jistgħux joperaw attivitajiet ekonomiċi. FI: Ta' l-anqas nofs il-membri tal-bord u d-direttur maniġerjali jridu jkunu residenti fiż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea) sakemm il-Ministeru tal-Kummerċ u l-Industrija ma jagħtix eżenzjoni lill-kumpannija. FI: L-akkwist ta' ishma minn proprjetarji barranin li jagħti terz tad-drittijiet tal-vot ta' kumpannija prinċipali Finlandiża jew attività kummerċjali importanti, (b'iżjed minn 1000 impjegat jew bi qligħ totali ta' iżjed minn 167 miljun Euro jew b'total tal-karta tal-bilanċ ta' iżjed minn 167 miljun Euro) huwa suġġett għall-konferma mill-awtoritajiet Finlandiżi; il-konferma tista' tinċaħad biss jekk ikun fil-periklu xi element ta' interess nazzjonali. Barrani li jgħix barra ż-Żona Ekonomika Ewrpea u li jopera negozju bħala intraprenditur privat jew bħala sieħeb f'kumpannija b'responsabbiltà limitata jew soċjetà ġenerali Finlandiża, għandu bżonn permess tan-negozju. Jekk organizzazzjoni barranija jew fondazzjoni tkun stabbilita skond il-liġi u jkollha l-uffiċċju rreġistrat tagħha f'pajjiż taż-ŻEE ma jinħtieġ l-ebda permess biex tkun stabbilita fergħa fil-Finlandja li tkun tista' topera l-kummerċ u n-negozju.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet għat-trattament nazzjonali
	<u>Xiri ta' Proprjetà Immobbli</u>: AT: L-akkwist, ix-xiri kif ukoll il-kiri u l-kiri fit-tul ta' beni immobbli minn persuni naturali barranin jeħtieġu awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti reġjonali (Länder) li jridu jaraw jekk jiġux affettwati interessi ekonomiċi, soċjali u kulturali importanti. BG: Persuni naturali u ġuridiċi barranin (inkluż permezz ta' fergħa) ma jistgħux jakkwistaw il-proprjetà ta' art. Persuni ġuridiċi Bulgari b'parteċipazzjoni barranija ma jistgħux jakkwistaw il-proprjetà ta' art agrikola. Persuni ġuridiċi u ċittadini barranin b'permess ta' residenza permanenti barra l-pajjiż jistgħu jakkwistaw il-proprjetà ta' bini u drittijiet ta' proprjetà limitati[96] fuq l-art, suġġett għal permess mill-Ministeru tal-Finanzi. CY: M'hemmx obbligi. CZ: Il-beni immobbli jistgħu jiġu akkwistati biss minn persuni naturali li għandhom ir-residenza permanenti, u persuni legali bis-sede jew b'fergħa fit-territorju tar-Repubblika Ċeka. Hemm sistema speċjali għall-artijiet agrikoli u l-foresti, li jistgħu jiġu akkwistati biss minn residenti (jiġifieri, persuni naturali b'residenza permanenti jew persuni legali bis-sede fit-territorju tar-Repubblika Ċeka) u l-parteċipazzjoni fil-privatizzazzjoni ta' artijiet agrikoli u foresti hija limitata biss għaċ-ċittadini tar-Repubblika Ċeka. EE: Riżerva fuq ix-xiri ta' artijiet agrikoli u foresti, kif ukoll artijiet viċin iż-żoni tal-fruntieri. DK: Limitazzjonijiet fuq xiri ta' proprjetà immobbli minn entitajiet fiżiċi u ġuridiċi mhux residenti. Limitazzjonijiet fuq ix-xiri ta' art agrikola minn entitajiet naturali u legali barranin. ES: Riżerva fuq ix-xiri ta' beni immobbli minn gvernijiet, istituzzjonijiet uffiċjali u intrapriżi pubbliċi li joriġinaw minn pajjiżi li m'humiex membri tal-Komunità.

[96] Il-liġi Bulgara dwar il-proprjetà tirrikonoxxi d-drittijiet ta' proprjetà limitati li ġejjin: id-dritt ta' l-użu, id-dritt tal-bini, id-dritt li tiġi kostruwita sovrastruttura u servitujiet.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet għat-trattament nazzjonali
	EL: Skond il-Liġi Nru 1892/90, kif emendata mil-Liġi 1969/91, l-akkwist ta' beni immobbli fiż-żoni tal-fruntieri, jew direttament jew permezz ta' parteċipazzjoni fl-ishma ta' kumpannija mhux ikkwotata fil-Borża Griega u li hija proprjetarja ta' beni immobbli f'dawk ir-reġjuni jew kwalunkwe bidla fil-persuni azzjonisti ta' tali kumpannija, huma suġġetti għal permess maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti (il-Ministeru tad-Difiża fil-każ ta' persuni naturali u legali minn barra l-UE) IE: Jinħtieġ kunsens bil-miktub minn qabel mill-Kummissjoni ta' l-Artijiiet għal kwalunkwe interess f'art Irlandiża minn kumpanniji domestiċi jew barranin jew minn nies barranin. Fejn tali art tkun għall-użu industrijali (iżda mhux l-industrija agrarja), din il-kundizzjoni ma tiġix applikata, suġġett għal ċertifikat li jikkonferma dan mill-Ministeru ta' l-Intrapriża u l-Impjieġ. Din il-liġi ma tapplikax fejn l-art taqa' fil-limiti ta' l-ibliet. HU: M'hemmx obbligi rigward l-akkwist ta' proprjetà tal-gvern minn persuni naturali u persuni ġuridiċi barranin. LT: M'hemmx obbligi rigward l-akkwist ta' art minn suġġetti barranin (persuni naturali jew legali), madankollu, jistgħu jimmaniġġjaw jew jużaw tali art skond proċedura stabbilita mil-liġijiet tal-Litwanja. LV: M'hemm l-ebda obbligu rigward l-akkwist ta' art minn persuni ġuridiċi. Permess il-kiri ta' art għal perjodi ta' mhux aktar minn 99 sena. MT: Ir-rekwiżiti fil-leġiżlazzjoni Maltija u fir-regolamenti rigward l-akkwist ta' beni immobbli jibqgħu fis-seħħ. RO: Persuni fiżiċi li ma jkunux ċittadini Rumeni u residenti r-Rumanija, kif ukoll persuni ġuridiċi mhux ta' nazzjonalità Rumena u li ma jkollhomx l-uffiċċju prinċipali tagħhom fir-Rumanija, ma jistgħu jakkwistaw l-ebda tip ta' proprjetà immobbli permezz ta' atti inter vivos. SI: Persuni ġuridiċi, stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja b'parteċipazzjoni ta' kapital barrani, jistgħu jakkwistaw proprjetà immobbli fit-territorju tar-Repubblika tas-Slovenja. Fergħat* stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja minn persuni barranin jistgħu jakkwistaw proprjetà immobbli, iżda mhux art, li titqies neċessarja għat-twettiq ta' l-attivitajiet ekonomiċi li għalihom kienu stabbiliti. Il-proprjetà ta' beni immobbli f'raġġ ta' 10 km miż-żoni tal-fruntieri minn kumpanniji li l-parti l-kbira tal-kapital tagħhom jew drittijiet

* SI: Skond il-Liġi dwar il-Kumpanniji Kummerċjali, fergħat stabbiliti fir-Repubblika tas-Slovenja ma jitqiesux bħala persuni ġuridiċi, iżda f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-operat, it-trattament tagħhom huwa daqs dak ta' sussidjarja.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet għat-trattament nazzjonali
	għall-vot jappartjenu direttament jew indirettament lil persuni ġuridiċi jew ċittadini ta' Stat Membru ieħor, hija suġġetta għal permess speċjali. SK: Limitazzjonijiet fuq l-akkwist ta' beni immobbli minn entitajiet naturali u legali barranin. Entitajiet barranin jistgħu jakkwistaw beni immobbli permezz tat-twaqqif ta' entitajiet legali Slovakki jew permezz ta' parteċipazzjoni f'intrapriżi. L-akkwist ta' l-art minn entitajiet barranin huwa suġġett għal awtorizzazzjoni. IT: M'hemm l-ebda obbligu rigward l-akkwist ta' beni immobbli. FI (Il-Gżejjer Åland): Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' persuni naturali, li ma jgawdux miċ-ċittadinanza reġjonali ta' Åland, u ta' persuni legali, li jakkwistaw beni immobbli fil-Gżejjer Åland mingħajr il-permess ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-gżejjer. FI (Il-Gżejjer Åland): Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' stabbiliment u fuq id-dritt li jingħataw servizzi minn persuni naturali li ma jgawdux miċ-ċittadinanza reġjonali ta' Åland, jew minn kwalunkwe persuna legali, mingħajr il-permess ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-Gżejjer Åland. PL: L-akkwist ta' beni immobbli, direttament jew indirettament, minn barranin u persuni legali barranin jeħtieġ permess. PL: M'hemmx obbligi, ħlief għal: ix-xiri ta' appartament individwali jew ix-xiri ta' beni immobbli minn ċittadin barrani li ilu jgħix fil-Polonja għal mill-anqas 5 snin wara li l-persuna tkun akkwistat il-karta ta' residenza; ix-xiri minn persuna legali b'sede inkorporata fil-Polonja u kkontrollata direttament jew indirettament minn persuna naturali barranija jew persuna legali barranija bis-sede ta' korporazzjoni barra, għal raġunijiet statutorji, ta' beni immobbli mingħajr bini, li l-arja totali tagħha fil-Polonja ma taqbiżx 0.4 ettari f'arja urbana.
	<u>Investimenti</u>: BG: Ċerti attivitajiet ekonomiċi relatati ma' l-esplojtazzjoni jew l-użu ta' proprjetà ta' l-Istat jew pubblika huma suġġetti għal konċessjonijiet mogħtija taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Konċessjonijiet. CY: *Portfolio investment*: Investituri minn pajjiżi mhux membri ta' l-UE jistgħu jinvestu sa 49% ta' kapital azzjonarju ta' kumpanniji Ċiprijotti kkwotati fil-Borża ta' Ċipru. Operazzjonijiet li jinvolvu tali investimenti jistgħu jsiru minn *stockbrokers* Ċiprijotti u minn kumpanniji pubbliċi mingħajr ma ssir referenza għall-Bank Ċentrali ta' Ċipru.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet għat-trattament nazzjonali
	CY: Entitajiet li għandhom parteċipazzjoni barranija jrid ikollhom kapital imħallas li jikkorrispondi għar-rekwiżiti finanzjarji tagħhom u l-persuni mhux residenti jridu jiffinanzjaw il-kontribuzzjoni tagħhom permezz ta' l-importazzjoni fi flus barranin. Fejn il-parteċipazzjoni ta' persuni mhux residenti tkun ta' aktar minn 24%, kull finanzjament addizzjonali meħtieġ minħabba l-ħtiġiet ta' kapital kurrenti jew minħabba raġunijiet oħra jrid jiġi minn sorsi lokali jew barranin u jkun proporzjonali għall-parteċipazzjoni tal-persuni residenti u mhux fil-valur ta' l-ishma ta' l-entità. Fil-każ ta' fergħat ta' kumpanniji barranin, il-kapital kollu għall-investiment inizjali għandu jiġi minn sorsi barranin. Self minn sorsi lokali huwa permess biss wara l-implimentazzjoni inizjali tal-proġett, għall-finanzjament tal-ħtiġiet ta' kapital kurrenti. ES: Investiment fi Spanja minn gvern barrani u entitajiet pubbliċi barranin, (li normalment jimplika, minbarra interessi eknomiċi, anke interessi mhux ekonomiċi għall-parti ta' l-entità), direttament jew permezz ta' kumpanniji jew entitajiet oħra kkontrollati direttament jew indirettament minn gvernijiet barranin, jeħtieġu awtorizzazzjoni minn qabel mill-gvern. FR: Xiri minn barranin li jaqbeż 33.33 fil-mija ta' l-ishma ta' kapital jew tad-drittijiet għall-votazzjoni f'intrapriża Franċiża, jew 20 fil-mija f'kumpanniji Franċiżi kkwotati pubblikament, huwa suġġett għar-regolamenti li ġejjin: - wara perjodu ta' xahar wara notifika minn qabel, tingħata awtorizzazzjoni taċita ta' investimenti oħra għajr jekk il-Ministeru ta' l-Affarijiet Ekonomiċi, f'ċirkustanzi eċċezzjonali, jeżerċita d-dritt tiegħu li jipposponi l-investiment. FR: Parteċipazzjoni barranija f'kumpannija li għadha kemm ġiet privatizzata tista' tiġi limitata għal ammont varjabbli tal-valur ta' l-ishma tal-kumpannija offrut lill-pubbliku, li jiġi determinat mill-gvern ta' Franza skond kull każ. FR: Għat-twaqqif ta' ċerti attivitajiet kummerċjali, industrijali jew artiġjanali, tinħtieġ awtorizzazzjoni speċifika jekk id-direttur manaġerjali m'għandux permess ta' residenza permanenti. IT: Jistgħu jingħataw jew jinżammu drittijiet esklużivi lil/minn kumpanniji li għadhom kemm ġew ipprivatizzati. F'xi każijiet id-drittijiet għall-vot f'kumpanniji li għadhom kemm ġew privatizzati jistgħu jkunu limitati. Għal perjodu ta' ħames snin, l-akkwist ta' ammonti kbar tal-valur ta' l-ishma ta' kumpanniji li joperaw fil-qasam tad-difiża u fil-qasam ta' l-enerġija jistgħu jkunu suġġetti għall-

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet għat-trattament nazzjonali
	approvazzjoni tal-Ministeru tat-Teżor. LT: Investimenti fl-organizzazzjoni tal-lotteriji m'humiex permessi taħt il-Liġi dwar l-Investiment Kapitali Barrani. MT: Kumpanniji bil-parteċipazzjoni ta' persuni ġuridiċi jew naturali huma suġġetti għall-istess ħtiġiet ta' kapital li huma applikabbli għal kumpanniji li huma proprjetà ta' residenti, kif ġej: kumpanniji privati – Lm500 (b'minimu ta' 20% bħala kapital imħallas); kumpanniji pubbliċi – Lm200 (b'minimu ta' 25% kapital imħallas). Il-perċentwal ta' l-ishma ta' persuni mhux residenti jrid jitħallas b'fondi li jiġu minn barra. Kumpanniji b'parteċipazzjoni ta' persuni mhux residenti jridu japplikaw għal permess mingħand il-Ministeru tal-Finanzi sabiex jakkwistaw bini taħt il-leġiżlazzjoni xierqa. PT: Il-parteċipazzjoni barranija f'kumpannija li għadha kif ġiet privatizzata tista' tiġi limitata għal ammont varjabbli tal-valur ta' l-ishma ta' kumpannija offrut lill-pubbliku, li jiġi determinat mill-Gvern tal-Portugall każ b'każ PL: Hija meħtieġa awtorizzazzjoni biex titwaqqaf kumpannija b'valur ta' ishma barrani fil-każ ta': - it-twaqqif ta' kumpannija, ix-xiri jew l-akkwist ta' ishma jew titoli f'kumpannija eżistenti; l-estensjoni ta' l-attività tal-kumpannija meta l-iskop ta' l-attività jħaddan mill-inqas wieħed mill-oqsma li ġejjin: - il-ġestjoni ta' portijiet u ajruporti; - negozju fil-proprjetà immobbli jew taġixxi bħala intermedjarja fi tranżazzjonijiet ta' proprjetà immobbli; - forniment lill-industrija tad-difiża li mhuwiex kopert minn rekwiżiti oħra ta' liċenzjar; - kummerċ bl-ingrossa ta' prodotti għall-konsum impurtati; - il-provvista ta' servizzi ta' konsultazzjoni legali; -it-twaqqif ta' kumpannija bi sħab li b'azzjonarjat barrani li fiha l-parti Pollakka hija persuna ġuridika ta' l-Istat u qiegħda tikkontribwixxi assi mhux fi flus bħala kapital inizjali; - tikkonkludi kuntratt, li jinkludi d-dritt għall-użu ta' proprjetà ta' l-Istat għal aktar minn 6 xhur jew tiddeċiedi li takkwista proprjetà ta' dan it-tip.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet għat-trattament nazzjonali
	Is-sistema tal-kambju[97],[98],[99] BG: Fejn ħlasijiet u trasferimenti magħmula barra l-pajjiż ikunu relatati ma' investimenti u self mill-Istat jew garantit mill-Istat[100], dawn jirrikjedu l-awtorizzazzjoni tal-Bank Nazzjonali Bulgaru. Operazzjonijiet monetarji f'kontanti b'okkupazzjoni jistgħu jsiru minn kwalunkwe persuna rreġistrata taħt il-Liġi tal-Kummerċ fejn dik il-persuna tkun irreġistrata f'reġistru pubbliku ta' persuni li jmexxu negozju skond il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ta' l-UE jew xi pajjiż ieħor li huwa parti miż-ŻEE, u fejn il-persuna tkun irreġistrata fir-reġistru pubbliku bħala uffiċċju tal-kambju. CY: Taħt il-Liġi dwar il-Kontroll tal-Kambju, persuni mhux residenti normalment ma jitħallewx jissellfu minn sorsi lokali SK: Fir-rigward ta' pagamenti kurrenti, hemm limitazzjoni fuq l-akkwist ta' kambji esterni għal skopijiet personali minn persuni residenti. Fir-rigward ta' pagamenti kapitali, biex jiġu aċċettati krediti finanzjarji minn persuni barranin, investimenti f'beni kapitali diretti, l-akkwist ta' beni immobbli barra mill-pajjiż u x-xiri ta' titoli barranin, tinħtieġ awtorizzazzjoni għal kambji esterni.
	<u>Rekwiżiti tar-residenza</u>

[97] CZ: Hija applikata sistema ta' kontroll tal-kambji esterni li m'hix diskriminatorja li tikkonisisti fi:
a) limitazzjoni fuq l-akkwist ta' kambju estern minn ċittadini residenti għal skopijiet personali,
b) fil-każ ta' residenti Ċeki, awtorizzazzjoni għal kambju estern sabiex jiġu aċċettati krediti finanzjarji minn persuni barranin, investiment f'kapital dirett barra mill-pajjiż, l-akkwist ta' beni immobbli barra mill-pajjiż, u x-xiri ta' titoli barranin.

[98] PL: Hija applikata sistema ta' kontroll tal-kambju estern li m'hix diskriminatorja dwar limitazzjonijiet fuq il-fatturat tal-kambju barrani u sistema ta' permessi għal kambju estern (ġenerali u individwali) fost limitazzjonijiet oħra ta' flussi ta' kapital u pagamenti f'munita partikolari. It-tranżazzjonijiet f'kambji esterni li ġejjin jeħtieġu awtorizzazzjoni:
-it-trasferimenti ta' kambji esterni barra mill-pajjiż;
-it-trasferiment tal-munita Polakka lejn il-pajjiż;
-it-trasferiment tal-proprjetà tad-dritt fuq assi monetarji mingħand persuni domestiċi lil persuni barranin;
-il-konċessjoni u t-teħid ta' self u krediti minn persuni domestiċi fi tranżazzjonijiet f'kambji barranin;
-l-iffissar jew il-ħlas ta' pagamenti f'muniti barranin għal prodotti, beni immobbli, drittijiet ta' proprjetà, servizzi jew xogħol akkwistati fil-Polonja;
-il-ftuħ u l-pussess ta' kont bankarju f'bank barra mill-pajjiż;
-l-akkwsit u l-pussess ta' titoli barranin u l-akkwist ta' beni immobbli barra mill-pajjiż;
-obligazzjonijiet oħra simili barra mill-pajjiż.

[99] SK: L-annotazzjonijiet qegħdin jiġu elenkati għal raġunijiet ta' trasparenza.

[100] Persuni barranin għandhom id-dritt li jittrasferixxu barra l-pajjiż id-dħul u l-kumpens li ġej, li jakkumula minn investimenti fir-Repubblika tal-Bulgarija: Interessi, kumpens għal esproprjazzjoni ta' l-investiment għal raġunijiet ta' l-Istat, dħul mil-likwidazzjoni jew il-bejgħ totali jew parzjali ta' investiment, l-ammont imdaħħal mill-eżekuzzjoni ta' talba garantita fil-munita permezz ta' rahan jew ipoteka.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet għat-trattament nazzjonali
	AT: Diretturi manaġerjali ta' fergħat u persuni ġuridiċi jridu jkunu residenti fl-Awstrija; għall-osservanza ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Awstrija, persuni naturali responsabbli fi ħdan persuna ġuridika jew fergħa jridu jkunu residenti fl-Awstrija. AT: Il-persuni barranin kollha huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Persuni Barranin u l-Att dwar ir-Residenza li jikkonċernaw id-dħul, il-permanenza u x-xogħol. Barra minn hekk, ħaddiema barranin, li jinkludu persunal importanti u investituri barra minn ċittadini fiż-ŻEE, huma suġġetti għall-Att dwar ix-Xogħol minn Barranin li jinkludi t-test tas-suq tax-xogħol u s-sistema ta' kwoti. Jekk investitur jagħmel investiment li jkollu effett pożittiv fuq l-ekonomija Awstrijaka kollha jew fuq settur sħiħ ta' l-ekonomija Awstrijaka, it-test tas-suq tax-xogħol jista' ma jsirx għalih u għal każi individwali ta' persunal importanti u essenzjali. Investituri li jippreżentaw prova li għandhom mill-anqas 25 fil-mija f'soċjetà ("Personengesellschaft") jew kumpannija pubblika limitata ("Gesellschaft mit beschränkter Haftung") u li jkollhom influwenza deċisiva fuq dik il-kumpannija, huma eżentati mill-Att dwar ix-Xogħol minn Barranin. BG: Il-persuni barranin kollha huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Persuni Barranin li jikkonċernaw id-dħul, il-permanenza u x-xogħol, inkluż il-perjodu tal-waqfa u jinħtieġu l-permessi tad-dħul u tar-residenza rispettivament. LT: Mill-anqas wieħed mir-rappreżentanti tal-fergħa tal-kumpannija barranija jrid ikun residenti fil-Litwanja. MT: Il-ħtiġiet tal-leġiżlazzjoni Maltija u r-regolamenti dwar id-dħul u l-permanenza għandhom jibqgħu japplikaw, inklużi r-regolamenti li jikkonċernaw il-perjodu tal-permanenza. Permessi għad-dħul u r-residenza jingħataw skond id-diskrezzjoni tal-Gvern ta' Malta. SK: Persuna naturali barranija li isimha se jkun irreġistrat fir-Reġistru Kummerċjali bħala persuna awtorizzata taġixxi f'isem intraprenditur, jeħtieġ li tissottometti talba għall-permess tar-residenza fir-Repubblika Slovakka.
	<u>Privatizzazzjoni</u> BG: M'hemmx obbligi rigward il-parteċipazzjoni fil-privatizzazzjoni permezz ta' bonds ta' debitu estern ta' l-Istat u għal setturi ekonomiċi fil-privatizzazzjoni taħt il-programm ta' privatizzazzjoni annwali. M'hemmx obbligi rigward il-parteċipazzjoni fil-privatizzazzjoni permezz ta' vawċers ta' l-investiment jew metodi ta' privatizzazzjoni preferenzjali oħrajn, fejn jiħtieġu ċ-ċittadinanza Bulgara u permess tar-residenza. RO: M'hemmx obbligi.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet għat-trattament nazzjonali

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet għat-trattament nazzjonali

2. OBBLIGI SPEĊIFIĊI GĦAS-SETTUR (ibbażati fuq il-klassifikazzjoni UN ISIC rev.3)	
A. AGRIKOLTURA, KAĊĊA, FORESTRIJA	
1. Agrikoltura, kaċċa eskluż s-servizzi 2. Forestrija, qtugħ u trasport ta' siġar għall-injam (*logging*) eskluż is-servizzi	AT: Riżerva. BG: M'hemmx obbligi rigward l-akkwist ta' art agrikola u foresti. CY: Il-parteċipazzjoni minn barra l-UE hija permessa sa 49%. Il-livell minimu ta' investiment indikattiv huwa ta' CY£ 100,000. FR: Riżerva dwar l-istabbiliment ta' intrapriżi agrikoli minn persuni li ġejjin minn pajjiżi li m'humiex membri tal-Komunità, u dwar l-akkwist ta' vinji. HU: M'hemmx obbligi. IE: Riżerva dwar l-akkwist ta' art għal skopijiet agrikoli minn persuni li ġejjin minn pajjiżi li m'humiex membri tal-Komunità, sakemm ma tingħatax awtorizzazzjoni; Investiment minn persuni li m'humiex residenti tal-Komunità f'attivitajiet ta' dħin tad-dqiq. LT: M'hemmx obbligi rigward l-akkwist minn persuni barranin (persuni naturali jew ġuridiċi) ta' proprjetà ta' art, ilmijiet interni u foresti skond il-liġi kostituzzjonali. MT: M'hemmx obbligi. RO: M'hemmx obbligi rigward l-akkwist ta' art agrikola u foresti. SK: Riżerva dwar l-akkwist ta' art għal skopijiet agrikoli u art oħra kif stabbilit fl-Att dwar il-Kambji Barranin, sakemm ma tingħatax awtorizzazzjoni.
B. SAJD	
5. Sajd, tħaddim ta' mafqas tal-ħut (*hatcheries*) u *fish farms*; eskluż is-servizzi.	AT: l-akkwist ta' 25% jew aktar tal-bastimenti rreġistrati fl-Awstrija. BE: Riżerva fuq l-akkwist ta' bastimenti b'bandiera Belġjana minn kumpanniji tat-trasport bil-baħar li m'għandhomx l-uffiċċju prinċipali tagħhom fil-Belġju.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet għat-trattament nazzjonali
	BG: M'hemmx obbligi. CY: il-parteċipazzjoni minn barra l-UE hija permessa sa 49%. Il-livell minimu ta' investiment indikattiv huwa ta' CY£ 100,000. DK: Riżerva dwar il-proprjetà minn persuni li m'humiex residenti tal-KE ta' terz jew aktar ta' negozju tas-sajd kummerċjali; Proprjetà ta' bastimenti bil-bandiera minn persuni mhux residenti tal-KE jekk mhux permezz ta' intrapriża inkorporata fid-Danimarka. FR: Riżerva fuq l-istabbiliment ta' persuni mhux ċittadini tal-Komunità jew persuni mhux ċittadini ta' l-EFTA fi proprjetà marittima ta' l-Istat għall-farming ta' ħut/frott tal-baħar/algae. FI: Riżerva fuq il-proprjetà ta' bastimenti bil-bandiera Finlandiża, inklużi bastimenti tas-sajd, ħlief permezz ta' intrapriża inkorporta fil-Finlandja. F: riżerva fuq il-proprjetà wara l-akkwist ta' aktar minn 50 fil-mija ta' bastiment bil-bandiera Franċiża, sakemm il-bastiment ikkonċernat ma jkunx proprjetà totali ta' intrapriżi li għandhom l-uffiċċju prinċipali tagħhom fi Franza. DE: Il-liċenzja għas-sajd fil-baħar tingħata biss lill-bastimenti intitolati li jtajru l-bandiera Ġermaniża. Dawn huma bastimenti tas-sajd li l-maġġoranza ta' l-ishma tagħhom huma proprjetà ta' ċittadini tal-Komunità jew ta' kumpanniji stabbiliti skond ir-regoli tal-Komunità u li għandhom il-post tan-negozju prinċipali tagħhom fi Stat Membru. L-użu tal-bastimenti jrid ikun ġestit u sorveljat minn persuni residenti fil-Ġermanja. Biex jikseb liċenzja għas-sajd, kull bastiment tas-sajd irid jirreġistra ma' l-istat kostali rilevanti fejn il-bastimenti jkollhom il-port ewlieni tagħhom. EE: Bastimenti huma intitolati li jtajru l-bandiera ta' l-Estonja jekk jinsabu fl-Estonja u l-maġġoranza tal-proprjetà hija ta' ċittadini Estoni f'soċjetà ġenerali u f'kumpanniji b'responsabbiltà limitata, jew entitatjiet legali oħra li jinsabu fl-Estonja bil-maġġoranza tal-voti f'idejn persuni mill-Estonja fil-Bord Maniġerjali. EL: Għal persuni naturali jew ġuridiċi mhux mill-UE, il-proprjetà ta' bastiment bil-bandiera Griega hija limitata għal 49 fil-mija. HU: M'hemmx obbligi. IE: Riżerva fuq l-akkwist ta' bastimenti tas-sajd fil-baħar irreġistrati fl-Irlanda minn persuni mhux mill-Komunità.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet għat-trattament nazzjonali
	IT: Riżerva fuq ix-xiri minn persuni barranin mhux residenti tal-Komunità ta' interess maġġoritarju f'bastimenti li jtajru l-bandiera Taljana jew ta' interess ta' kontroll f'kumpanniji li huma proprjetarji ta' bastimenti u li għandhom il-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Italja; xiri ta' bastimenti bil-bandiera Taljana użati għas-sajd fl-ibħra territorjali Taljani. LT: M'hemmx obbligi. LV: Riżerva fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-proprjetà ta' bastimenti tas-sajd tal-Latvja minn persuni naturali, ċittadini u mhux, tar-Repubblika tal-Latvja, jew m'humiex persuni ġuridiċi tal-Latvja, jekk mhux permezz ta' intrapriża stabbilita fil-Latvja. MT: M'hemmx obbligi. NL: Riżerva fuq il-proprjetà ta' bastimenti bil-bandiera Olandiża, sakemm l-investiment ma jsirx minn kumpanniji tat-tbaħħir inkorporati taħt il-liġi Olandiża, stabbiliti fir-Renju u għandhom l-Olanda bħala l-post ta' ġestjoni tagħhom. PT: Riżerva fuq il-proprjetà ta' bastimenti bil-bandiera Portugiża jekk mhux permezz ta' intrapriża inkorporata fil-Portugall. RO: M'hemmx obbligi. SE: Riżerva fuq l-akkwist ta' 50 fil-mija jew aktar ta' bastimenti bil-bandiera Żvediża, jekk mhux permezz ta' intrapriża inkorporata fl-Iżvezja; it-twaqqif jew l-akkwist ta' 50 fil-mija jew aktar ta' l-ishma f'ditti involuti f'attivitajiet ta' sajd kummerċjali fl-ibħra territorjali Żvediżi, sakemm ma tingħatax awtorizzazzjoni. Il-leġiżlazzjoni Żvediża dwar is-sajd tinkludi restrizzjonijiet fuq id-dritt tas-sajd u limitazzjonijiet dwar liema bastimenti tas-sajd jistgħu jiksbu liċenzja u jsiru parti mill-flotta tas-sajd Żvediża. SK: Riżerva fuq il-proprjetà ta' bastimenti bil-bandiera Slovakka jekk mhux permezz ta' intrapriża inkorporata fir-Repubblika Slovakka. UK: Riżerva fuq l-akkwist ta' bastimenti bil-bandiera tar-Renju Unit, sakemm l-investiment ma jkunx ta' mill-anqas 75% proprjetà ta' ċittadini Britanniċi u/jew minn kumpanniji li mill-inqas 75% tagħhom huwa proprjetà ta' ċittadini Britanniċi. F'kull każ dawn iċ-ċittadini Britanniċi jridu jkunu residenti u domiċiljati fir-Renju Unit. Il-bastimenti jridu jkunu ġestiti, diretti u kkontrollati mir-Renju Unit.

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet għat-trattament nazzjonali
Ċ. XOGĦOL FIL-MINJIERI U FIL-BARRIERI	
10. Minjieri tal-faħam u l-*lignite*; estrazzjoni tal-pit 11. Estrazzjoni taż-żejt mhux raffinat u gass naturali; esklużi s-servizzi 12. Minjieri ta' l-uranju u t-torju mhux maħduma 13. Minjieri ta' metalli mhux maħduma 14. Xogħlijiet oħrajn fil-minjieri u fil-barrieri	BG: Id-dritt ta' tiftix, esplorazzjoni u esplojtazzjoni tal-minerali, inklużi materjali primi minerali jew mhux maħduma huwa suġġett għal konċessjoni limitata fiż-żmien mogħtija mill-Istat Bulgaru. It-tiftix u/jew l-esplorazzjoni u l-konċessjonijiet għall-estrazzjoni jingħataw lil persuni naturali u ġuridiċi rreġistrati bħala negozjanti fir-Reġistru tal-Kummerċ li għandhom il-possibbiltajiet tekniċi, finanzjarji u ta' ġestjoni rilevanti. M'hemmx obbligi rigward l-estrazzjoni tad-deheb mix-xmajjar u l-melħ u l-elementi mill-ilma tal-baħar. CZ: M'hemmx obbligi. EL: Id-dritt ta' l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni tal-minerali kollha, għajr l-idrokarbonji, fjuwils solidi, minerali radjoattivi u potenzjal ġeotermali huwa suġġetti għal konċessjoni mill-Istat Grieg, wara l-approvazzjoni tal-Kunsill tal-Ministri. ES: Riżerva fuq l-investiment f'minerali strateġiċi li joriġinaw minn pajjiżi li m'humiex membri tal-Komunità. FR: It-twaqqif ta' industrija ta' l-estrazzjoni minn persuna li m'hix residenti għandu jsir f'forma ta' sussidjarja Franċiża jew Ewropea. Il-maniġer tagħhom irid ikun residenti fi Franza jew pajjiż ieħor u jiddikjara l-post tar-residenza tiegħu lill-awtoritajiet lokali. HU: Id-dritt għal tiftix, esplorazzjoni u esplojtazzjoni ta' materja prima minerali jista' jkun suġġett għal konċessjoni limitata fiż-żmien mogħtija mill-Istat Ungeriż. LT: M'hemmx obbligi. MT: M'hemmx obbligi. RO: M'hemmx obbligi. KE: Riżerva fuq it-tiftix, l-esplorazzjoni u l-esplojtazzjoni ta' l-idrokarbonji: Skond id-Direttiva 94/22/KE tat-30 ta' Mejju 1994 (ĠU nru L 164 tat-30/06/94), kull meta jkun jidher li pajjiż terz mhux qed jagħti lil entitajiet tal-Komunità, fir-rigward ta' aċċess għal u eżerċizzju ta' dawn l-attivitajiet, trattament komparabbli ma' dak li l-entitajiet tal-Komunità jagħtu lil entitajiet minn dak il-pajjiż, il-Kunsill jista', fuq proposta tal-Kummissjoni, jawtorizza lil Stat Membru jirrifjuta awtorizzazzjoni lil entità li hija effettivament ikkontrollata mill-pajjiż terz ikkonċernat u/jew minn persuni minn dak il-pajjiż (reċiproċità).
D. MANIFATTURA	

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet għat-trattament nazzjonali
15. Manifattura ta’ prodotti ta’ l-ikel u x-xorb	L-ebda obbligu.
16. Manifattura ta' prodotti tat-tabakk 17. Manifattura tat-tessuti	BG: Il-produzzjoni ta’ xorb alkoħoliku, distillat u spirtu hija suġġetta għal reġistrazzjoni u tista' ssir minn entitajiet irreġistrati taħt il-liġi tal-Kummerċ jew taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ta’ l-UE jew ta’ l-EFTA.
18. Manifattura tal-ħwejjeġ; ikkonzar u żebgħa tal-*fur*	Il-produzzjoni ta’ prodotti tat-tabakk u l-ipproċessar tat-tabakk huma suġġetti għal reġistrazzjoni u jistgħu jsiru minn entitajiet irreġistrati taħt il-liġi tal-Kummerċ jew taħt il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ta’ l-UE jew ta’ l-EFTA.
19. Ikkonzar u żebgħa tal-ġilda; manifattura ta’ bagalji, *handbags*, prodotti tas-sarġ, xedd u żraben	Riżerva dwar l-esplojtazzjoni ta’ installazzjoni jew tagħmir nukleari u r-rimi ta’ fjuwil nukleari suġġett għal liċenzja. Il-produzzjoni, l-importazzjoni u d-distribuzzjoni ta’ farmaċewtiċi u prodotti mediċi veterinarji jinħtieġu awtorizzazzjoni tar-rappreżentant prinċipali fil-Bulgarija.
20. Manifattura ta’ injam u prodotti ta’ l-injam u tas-sufra, minbarra għamara; manifattura ta’ oġġetti tat-tiben u ta’ materjali tat-trizza	Attivitajiet relatati mar-rimi u l-ġestjoni ta’ l-iskart huma suġġetti għal awtorizzazzjoni.
21. Manifattura ta’ karti u prodotti tal-karti	
22. Pubblikazzjoni, stampar u riproduzzjoni ta’ midja rrekordjata	
23 Manifattura ta’ kokk, prodotti taż-żejt raffinat u fjuwil	
24. Manifattura ta’ kimiċi u prodotti kimiċi	
25. Manifattura ta’ prodotti tal-gomma u tal-plastik	
26. Manifattura ta'	

Settur jew subsettur	Limitazzjonijiet għat-trattament nazzjonali
